IL-KUMMISSJONI EWROPEA
DĠ Edukazzjoni u Kultura
Il-Programm ¯**Żgħażagħ Attivi**

# ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI
# 2007-2013

## IL-GWIDA TAL-PROGRAMM

**Din il-verżjoni tgħodd mill-1 ta' Jannar 2007**

---

**http://ec.europa.eu/youth/index_en.html**

# *IL-WERREJ*

**A. INTRODUZZJONI** .......... **9**

L-GĦANIJIET TAL-PROGRAMM *ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI* .......... 11
IL-PRIJORIJIET TAL-PROGRAMM *ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI* .......... 11
**1) Iċ-ċittadinanza Ewropea** .......... **11**
**2) Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ** .......... **11**
**3) Id-diversità kulturali** .......... **12**
**4) L-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet** .......... **12**
L-ISTRUTTURA TAL-PROGRAMM *ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI* .......... 13
**Azzjoni 1 – Iż-żgħażagħ għall-Ewropa** .......... **13**
**1.1 L-Iskambji taż-Żgħażagħ** .......... **13**
**1.2. L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ** .......... **13**
**1.3. Il-proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ** .......... **13**
**Azzjoni 2 – Is-Servizz Volontarju Ewropew** .......... **13**
**Azzjoni 3 – Iż-Żgħażagħ fid-Dinja** .......... **14**
**3.1. Il-kooperazzjoni mal-Pajjiżi Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea** .......... **14**
**3.2. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra tad-dinja** .......... **14**
**Azzjoni 4 – Is-Sistemi ta' Appoġġ għaż-Żgħażagħ** .......... **14**
**4.1. L-appoġġ għall-entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ** .......... **14**
**4.2. L-appoġġ għall-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ** .......... **14**
**4.3. It-taħriġ u n-netwerking ta' dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ** .......... **14**
**4.4. Il-proġetti li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u l-kwalità** .......... **15**
**4.5. L-attivitajiet ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ u għal dawk attivi fil-ħidma u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ** .......... **15**
**4.6. Is-sħubiji** .......... **15**
**4.7. L-appoġġ għall-istrutturi tal-Programm** .......... **15**
**4.8. Iż-żieda mal-valur tal-Programm** .......... **15**
**Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ** .......... **15**
**5.1. Il-laqgħat taż-żgħażagħ u ta' dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ** .......... **16**
**5.2. L-appoġġ għal attivitajiet biex jinħoloq għarfien aħjar dwar il-qasam taż-żgħażagħ** .......... **16**
**5.3. Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali** .......... **16**

**B. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI** .......... **17**

MIN JIMPLIMENTA L-PROGRAMM ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI? .......... 17
**Il-Kummissjoni Ewropea** .......... **17**
**L-Awtoritajiet Nazzjonali** .......... **17**
**L-Aġenziji nazzjonali għal Żgħażagħ Attivi** .......... **17**
**L-Aġenzija Eżekattiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura** .......... **18**
**Strutturi oħra** .......... **18**
**Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO** .......... **18**
**In-netwerk ta' l-Eurodesk** .......... **19**
**Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam tax-xogħol taż-żgħażagħ** .......... **19**
MIN JISTA' JIEĦU SEHEM FIL-PROGRAMM ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI? .......... 20
**Il-limiti ta' età għall-parteċipanti** .......... **20**
**Il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Msieħba** .......... **21**
**Il-pajjiżi tal-Programm** .......... **21**
**Il-Pajjiżi Ġirien Imsieħba** .......... **22**
**Pajjiżi Msieħba Oħra tad-Dinja** .......... **22**
**Il-viżi** .......... **23**
IL-PROĊEDURI ĠENERALI TA' L-GĦAŻLA .......... 23
**Id-dati ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet** .......... **24**
**Il-formoli ta' l-applikazzjoni** .......... **24**
**Il-kriteriji ta' l-eliġibbiltà** .......... **24**
**Il-kriterji ta' l-għażla** .......... **25**
**Il-kriterji ta' l-għoti** .......... **25**
**In-notifika tad-deċiżjonijiet ta' l-għoti** .......... **25**

**Ir-regoli finanzjarji ġenerali** 25
**It-tipi ta' għotjiet** 25
**L-ebda finanzjament doppju** 26
**L-ammont ta' l-għotja** 26
**Mingħajr skop ta' qligħ** 26
**Il-finanzjament b'mod konġunt** 26
**Il-perjodu ta' l-eliġibbiltà - distinzjoni bejn id-dati tal-proġett u d-dati ta' l-attivitajiet** 26
**Mingħajr retroattività** 27
LIEMA GĦAJNUNA HIJA DISPONSIBBLI? 28
**Il-metodu ta' appoġġ** 28
**L-istrateġija ta' taħriġ taż-Żgħażagħ Attivi** 28
**L-Aġenziji Nazzjonali** 29
**Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO** 29
**L-Eurodesks** 30
**L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura** 30
**Is-Sħubija** 31
KARATTERISTIĊI IMPORTANTI TAL-PROGRAMM ŻGĦAŻAGĦ ATTIVI 32
**It-tagħlim mhux formali** 32
**Ir-rikonoxximent ta' tagħlim mhux formali fiż-Żgħażagħ Attivi** 33
**Il-viżibbiltà tal-Programm Żgħażagħ Attivi** 33
**Il-valorizzazzjoni u t-tixrid tar-riżultati** 33
**L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel** 34
**Il-ħarsien u s-sigurtà tat-tfal** 35
**Il-multilingwiżmu** 35

**C. AZZJONI 1- IŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦALL-EWROPA** 36

X'INHUMA L-GĦANIJIET TA' L-AZZJONI? 36
X'TIPI TA' ATTIVITAJIET HUMA ELIĠIBBLI? 36
**Il-ftehimiet finanzjarji għal numru ta' attivitajiet imħalltin** 36
AZZJONI 1.1 - L-ISKAMBJU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 37
**X'inhu l-Iskambju taż-Żgħażagħ?** 37
**Nota: x' m'huwiex Skambju taż-Żgħażagħ** 37
**X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** 37
**Il-gruppi msieħba** 38
**Il-parteċipanti** 38
**Il-mexxejja tal-gruppi** 38
**It-tul ta' żmien** 38
**Il-Post** 39
**It-tema** 39
**Il-ħarsien u s-sigurtà tat-tfal** 39
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** 39
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** 39
**Kif tagħmel proġett tajjeb?** 40
**Il- Programm u l-metodi ta' ħidma** 40
**L-esperjenzi ta' tagħlim mhux formali** 40
**Id-Dimensjoni Ewropea** 40
**Iż-żjara ta' ppjanar preparatorja/minn qabel** 40
**L-impatt** 41
**Il-valutazzjoni** 41
**L-attivitajiet ta' valorizzazzjoni/segwitu** 41
**Il-viżibbiltà** 42
**Min jista' japplika?** 42
**Kif tapplika?** 42
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:** 42
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:** 42
**Kif hija ffinanzjata l-attività** 42
**L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità (ara t-tabella fl-aħħar tat-taqsima C)** 43
**L-ispejjeż eċċezzjonali** 43
**Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu** 44
**X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?** 44
**Il-ftehim ta' l-għotja** 44
**L-assigurazzjoni** 44

**X'appoġġ huwa disponibbli?** ... 45
**Il-*Youthpass*** ... 45
AZZJONI 1.2 – L-INIZJATTIVI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 46
**X' inhi Inizjattiva taż-Żgħażagħ?** ... 46
**Nota : x'mhix Inizjattiva taż-Żgħażagħ** ... 46
**X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** ... 46
**Il-gruppi** ... 46
**Il-parteċipanti** ... 47
**It-terminu** ... 47
**Il-post** ... 47
**Il-Programm** ... 47
**It-tema** ... 47
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** ... 48
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** ... 48
**Kif tagħmel proġett tajjeb?** ... 48
**Il-metodi ta' ħidma** ... 48
**L-għanijiet tat-tagħlim** ... 48
**Id-dimensjoni Ewropea** ... 49
**Il-preparazzjoni u t-taħriġ** ... 49
**L-impatt** ... 50
**Il-valutazzjoni** ... 50
**L-attivitajiet ta' segwitu/valorizzazzjoni** ... 50
**Il-viżibbiltà** ... 51
**Min jista' japplika?** ... 51
**Kif tapplika?** ... 51
**Kif inhi ffinanzjata l-attività?** ... 51
**L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità (ara t-tabella fl-aħħar tat-taqsima C)** ... 52
**Iż-żjara ta' ppjanar minn qabel, (għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ)** ... 52
**Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu** ... 52
**X'inhuma l-obbligi kuntrattwali?** ... 52
**Il-ftehim ta' l-għotja** ... 52
**X'appoġġ huwa disponsibbli?** ... 53
AZZJONI 1.3 - IL-PROĠETTI TA' DEMOKRAZIJA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 54
**X'inhu Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ?** ... 54
**X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** ... 54
**Il-gruppi msieħba** ... 54
**Il-parteċipanti** ... 55
**It-tul ta' żmien** ... 55
**It-tema** ... 55
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** ... 55
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** ... 55
**Kif tagħmel proġett tajjeb?** ... 56
**Il-kompożizzjoni tas-sħubija** ... 56
**Il-metodi parteċipattivi ta' ħidma** ... 56
**L-esperjenza ta' tagħlim mhux formali** ... 56
**L-impatt** ... 56
**Il-valutazzjoni** ... 57
**L-attivitajiet ta' valorizzazzjoni/segwitu** ... 57
**Il-viżibbiltà** ... 57
**Min jista' japplika?** ... 57
**Kif tapplika?** ... 57
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:** ... 57
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:** ... 58
**Kif inhi ffinanzjata l-attività?** ... 58
**Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu** ... 58
**X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?** ... 58
**Il-ftehim ta' l-għotja** ... 58
**X' appoġġ huwa disponibbli?** ... 59
IL-MIŻURI TA' STRUTTURA GĦALL-AZZJONI 1 ... 60
**L-integrazzjoni tal-prinċipji tal-viżibbiltà u tal-valorizzazzjoni** ... 60
**L-attivitajiet ta' segwitu** ... 60
**L-approċċ tematiku u n-networking** ... 61

**Il-passi minn fuq għal isfel** .......... **61**
**Il-passi minn isfel għal fuq** .......... **61**
**Il-Ftehimiet Finanzjarji għal Numru ta' Miżuri** .......... **61**
**Is-sejħa għall-proġetti piloti dwar in-netwerking tematiku** .......... **62**
**X'inhuma l-għanijiet tas-sotto-Azzjoni?** .......... **62**
**Kif tapplika?** .......... **62**
**X' inhuma l-kriterji ta' l-għażla u kif huma ffinanzjati l-proġetti?** .......... **62**
L-ISTAMPA ĠENERALI TAR-REGOLI TAL-FINANZJAMENT .......... 62

**D. AZZJONI 2 – IS-SERVIZZ VOLONTARJU EWROPEW** .......... **67**

X'INHU S-SERVIZZ VOLONTARJU EWROPEW ? .......... 67
NOTA: X'MHUWIEX L-EVS .......... 69
X'INHUMA L-KRITERJI TA' L-ELIĠIBBILTÀ? .......... 69
**L-imsieħba fil-proġetti fl-EVS** .......... **69**
**L-akkreditazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS** .......... **70**
**Il-parteċipanti** .......... **71**
**Il-konsulent** .......... **71**
**It-terminu** .......... **71**
**Il-post** .......... **72**
**It-tema u x-xogħlijiet** .......... **72**
X'INHUMA L-KRITERJI TA' L-GĦAŻLA ? .......... 73
X'INHUMA L-KRITERJI TA' L-GĦOTI? .......... 73
KIF TAGĦMEL PROĠETT TAJJEB? .......... 73
**Il-Karta ta' l-EVS** .......... **73**
**L-ippjanar, il-preparazzjoni, it-taħriġ, l-appoġġ u s-segwitu** .......... **73**
**It-tagħlim mhux formali u l-metodi ta' ħidma** .......... **74**
**L-impatt** .......... **75**
**Il-valutazzjoni** .......... **75**
**Il-valorizzazzjoni tar-riżultati** .......... **75**
**L-attività ta' segwitu tal-voluntier** .......... **76**
**Il-viżibbiltà** .......... **76**
MIN JISTA' JAPPLIKA? .......... 76
KIF TAPPLIKA? .......... 76
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:** .......... **76**
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:** .......... **77**
KIF INHI FFINANZJATA L-ATTIVITÀ? .......... 77
**L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità** .......... **78**
**L-ispejjeż eċċezzjonali** .......... **78**
X'INHUMA L-OBBLIGI KUNTRATTWALI? .......... 79
**Il-ftehim ta' l-għotja** .......... **79**
**Il-ftehim ta' l-attività** .......... **79**
**L-assigurazzjoni** .......... **80**
X'APPOĠĠ HUWA DISPONIBBLI? .......... 80
**L-appoġġ mhux finanzjarju u s-servizzi ta' l-EVS** .......... **80**
**L-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS** .......... **80**
IL-*YOUTHPASS* .......... 81
L-ISTRUTTURI TAL-VOLUNTIERI PREĊEDENTI TA' L-EVS .......... 81
EŻEMPJI .......... 81
IL-KARTA TAS-SERVIZZ VOLONTARJU EWROPEW .......... 82
***Il-Karta tas-Servizz Volontarju Ewropew*** .......... **82**
STAMPA ĠENERALI TAR-REGOLI TAL-FINANZJAMENT .......... 83

**E. AZZJONI 3 - IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FID-DINJA** .......... **90**

X'INHI 'IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FID-DINJA'? .......... 90
X'INHUMA L-GĦANIJIET TA' L-AZZJONI? .......... 90
AZZJONI 3.1 - IL-KOOPERAZZJONI MAL-PAJJIŻI ĠIRIEN TA' L-UNJONI EWROPEA .......... 91
**Liema tipi ta' attivitajiet huma eliġibbli?** .......... **91**
**L-Iskambji taż-Żgħażagħ** .......... **91**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** .......... **91**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** .......... **92**
**Il-Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking** .......... **93**

**X'inhuma l-kriterji ta' eliġibbiltà?** 93
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** 94
**Kif tagħmel proġett tajjeb?** 95
**Min jista' japplika?** 95
**Kif tapplika?** 95
**Għall-proġetti li jitwettqu fix-Xlokk ta' l-Ewropa:** 96
**Għall-proġetti li jitwettqu fil-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkasu:** 96
**Għall-proġetti li jitwettqu f'Pajjiżi Mediterranji Msieħba:** 96
**Kif jiġu ffinanzjati l-attivitajiet?** 97
**X'inhuma l-obbligi kuntrattwali speċifiċi?** 97
**Il-Ftehimiet Finanzjarji għal Numru ta' Miżuri** 97
**X'appoġġ huwa disponibbli?** 97
AZZJONI 3.2. IL-KOOPERAZZJONI MA' 'PAJJIŻI MSIEĦBA OĦRA TAD-DINJA' 98
**X'inhuma l-għanijiet ta' din is-sotto-Azzjoni?** 98
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għa¿la u kif inhuma iffinanzjati l-proġetti?** 98
**Kif tapplika?** 98
**F. AZZJONI 4 - IS-SISTEMI TA' APPOĠĠ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** 100
X'INHUMA L-GĦANIJIET TA' L-AZZJONI? 100
X'TIPI TA' ATTIVITAJIET HUMA ELIĠIBBLI? 100
AZZJONI 4.1 – L-APPOĠĠ LILL-ENTITAJIET ATTIVI FUQ LIVELL EWROPEW FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 101
AZZJONI 4.2 – L-APPOĠĠ GĦALL-FORUM EWROPEW TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 102
**X'tipi ta' attivitajiet huma ffinanzjati?** 102
**Ikkuntattja** 102
AZZJONI 4.3 - IT-TAĦRIĠ U N-NETWERKING TA' DAWK ATTIVI FIX-XOGĦOL U FL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ 103
**X'inhu t-Taħriġ u n-Networking?** 103
**L-Għan 1 - Il-promozzjoni ta' skambji, kooperazzjoni u taħriġ fix-xogħol Ewropew taż-żgħażagħ** 103
**L-Għan 2 - L-appoġġ għall-iżvilupp tal-proġetti taħt il-Programm Żgħażagħ Attivi** 103
**Il-Kontroll tax-Xogħol (L-esperjenza prattika tat-tagħlim)** 104
**Iż-żjara li tiddiskuti l-fattibbiltà** 104
**Il-laqgħa ta' valutazzjoni** 104
**Iż-żjara ta' studju** 104
**L-attività għall-iżvilupp ta' sħubija** 104
**Is-seminar** 104
**Il-kors ta' taħriġ** 104
**In-netwerking** 104
**X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** 105
**L-imsieħba** 105
Dan in-numru ta' parteċipanti huwa meħtieġ: 105
**Il-parteċipanti** 105
Dan in-numru ta' parteċipanti huwa meħtieġ: 105
**It-tul ta' żmien** 106
Għal ċerti tipi ta' attivitajiet, huwa previst terminu speċifiku: 106
**Il-Programm** 106
**Il-post** 106
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** 106
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** 106
**Kif tagħmel proġett tajjeb?** 107
**Il-Metodoloġija** 107
**L-għanijiet tat-tagħlim** 107
**Il-Programm** 107
**Il-preparazzjoni u l-valutazzjoni** 107
**L-impatt/Il-Valorizzazzjoni** 108
**Il-viżibbiltà** 108
**Min jista' japplika?** 109
**Kif tapplika?** 109
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:** 109
**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:** 109
**Kif inhi ffinanzjata l-attività?** 109
**L-ispejjeż eċċezzjonali** 110
**X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?** 110

**Il-ftehim ta' l-għotja** ... **110**
**X'appoġġ huwa disponsibbli għall-preparazzjoni u implimentazzjoni tal-proġett?** ... **111**
**Il-*Youthpass*** ... **111**
AZZJONI 4.4 – IL-PROĠETTI LI JHEĠĠU L-INNOVAZZJONI U L-KWALITÀ ... 115
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **115**
**X'inhuma l-kriterji ġenerali ta' l-għażla u kif inhuma ffinanzjati l-proġetti?** ... **115**
**Kif tapplika?** ... **115**
AZZJONI 4.5 – L-ATTIVITAJIET TA' INFORMAZZJONI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U DAWK ATTIVI FIX-XOGĦOL TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U FL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 116
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **116**
**X'inhu l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ?** ... **116**
**X'inhuma l-Kampanji Ewropej taż-Żgħażagħ?** ... **116**
AZZJONI 4.6 – IS-SĦUBIJI ... 117
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **117**
**X'tipi ta' attivitajiet huma eliġibbli?** ... **117**
**Min huma l-imsieħba u xi rwoli għandhom?** ... **118**
AZZJONI 4.7 – L-APPOĠĠ GĦALL-ISTRUTTURI TAL-PROGRAMM ... 119
AZZJONI 4.8 – ŻIEDA MAL-VALUR TAL-PROGRAMM ... 120
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **120**
**Il-laqgħat ta' netwerking bejn parteċipanti preċedenti u l-Aġenziji Nazzjonali** ... **120**

**G. AZZJONI 5 – L-APPOĠĠ GĦALL-KOOPERAZZJONI EWROPEA FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** ... **121**

X'INHUMA L-GĦANIJIET TA' L-AZZJONI? ... 121
X'TIP TA' ATTIVITAJIET HUMA ELIĠIBBLI? ... 121
AZZJONI 5.1 – LAQGĦAT TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U TA' DAWK RESPONSABBLI MILL-POLITIKA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 122
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **122**
**X'tip ta' attivitajiet huma eliġibbli?** ... **122**
IS-SEMINARS TRANSNAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 123
**X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** ... **123**
Jekk jogħġok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà fis-Sezzjoni B. ... **123**
Il-kriterji supplimentari ta' eliġġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin: ... **123**
**Il-parteċipanti** ... **123**
**L-imsieħba** ... **123**
**It-terminu** ... **123**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** ... **123**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** ... **123**
**Min jista' japplika?** ... **124**
**Kif tapplika?** ... **124**
IS-SEMINARS NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 124
**X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?** ... **124**
Jekk jogħġok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà fis-Sezzjoni B. ... **124**
Il-kriterji supplimentari ta' eliġġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin: ... **124**
**Il-Parteċipanti** ... **124**
**L-imsieħba** ... **125**
**It-terminu** ... **125**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?** ... **125**
**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?** ... **125**
**Min jista' japplika?** ... **125**
**Kif tapplika?** ... **125**
KIF TAGĦMEL SEMINAR TRANSNAZZJONLI JEW NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAJJEB? ... 126
**Esperjenza tat-tagħlim mhux formali** ... **126**
**Il-Programm u l-metodi ta' ħidma** ... **126**
**Il-ħarsien tat-tfal u s-sigurtà** ... **126**
**Il-viżibbiltà** ... **126**
**L-impatt** ... **126**
KIF IKUN IFFINANZJAT PROĠETT? ... 126
**L-obbligi kuntrattwali** ... **127**
AZZJONI 5.2 – L-APPOĠĠ GĦAL ATTIVITAJIET BIEX JINĦOLOQ FEHIM U GĦARFIEN AĦJAR TAL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ ... 128
**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ... **128**
AZZJONI 5.3 – IL-KOOPERAZZJONI MA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI ... 129

**X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?** ........ **129**
**Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam taż-żgħażagħ (Is-Sħubija)** ........ **129**
**Is-Sħubija mal-Voluntieri tan-Nazzjonijiet Uniti** ........ **129**

**H. ANNESS: IL-PRIJORITAJIET ANNWALI GĦALL-2007** ........ **130**

2007: IS-SENA EWROPEA TA' L-OPPORTUNITAJIET INDAQS GĦAL KULĦADD ........ 130
IT-TITJIB TA' SAĦĦET IŻ-ŻGĦAŻAGĦ ........ 130
ID-DJALOGU STRUTTURAT ........ 130

**GLOSSARJU** ........ **131**

**LISTA TAD-DETTALJI TA' KUNTATT** ........ **133**

**L-AĠENZIJI NAZZJONALI FIL-PAJJIŻI TAL-PROGRAMM** ........ **134**

**IĊ-ĊENTRI TA' RIŻORI SALTO** ........ **137**

**IL-EURODESK** ........ **138**

**Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa** ........ **140**

# A. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea qablu li jistabbilixxu l-Programm **Żgħażagħ Attivi**, li jimplimenta l-qafas legali biex jappoġġja attivitajiet ta' tagħlim mhux formali għaż-żgħażagħ. Dan ikopri l-perjodu mill-2007 sa tmiem l-2013.

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jagħti kontribut importanti għall-kisba ta' ħiliet u huwa għalhekk strument essenzjali biex jipprovdi liż-żgħażagħ b'opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali b'dimensjoni Ewropea. Dan jikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-għanijiet stabbiliti fl-Istrateġija riveduta ta' Liżbona[1], il-Patt Ewropew dwar iż-Żgħażagħ[2], il-qafas tal-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ[3] u l-Pjan D tal-Kummissjoni għad-demokrazija, għad-djalogu u għad-dibattitu[4] u għandu l-għan li jirrispondi fuq livell Ewropew għall-ħtiġijiet taż-żgħażagħ mill-adoloxxenza sa meta jsiru adulti.

*Il-Programm* **Żgħażagħ Attivi** *jibni fuq l-esperjenzi tal-Programm preċedenti "Iż-żgħażagħ għall-Ewropa" (1989-1999), is-Servizz Volontarju Ewropew u l-Programm YOUTH (2000-2006).*

*Dan il-Programm huwa ppreżentat mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni wiesgħa mad-diversi persuni interessati fil-qasam taż-żgħażagħ. Valutazzjoni interim tal-Programm YOUTH twettqet fl-2003, u rċeviet kontributi minn firxa wiesgħa ta' speċjalisti, persuni interessati u individwi involuti fil-Programm. Fil-proċess ta' kostruzzjoni tal-Programm* **Żgħażagħ Attivi** *ġiet użata valutazzjoni ex ante***.**

*Dan il-Programm huwa r-rispons għall-iżviluppi fis-settur taż-żgħażagħ fil-livell Ewropew. Huwa konformi ma' l-iżviluppi reċenti tal-Qafas Ewropew tal-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, u se jappoġġja dan il-proċess politiku.*

*Il-baġit totali tal-Programm* **Żgħażagħ Attivi** *(2007-2013) huwa ta' 885,000,000 €.*

L-implimentazzjoni tas-sejħa għall-proposti ta' l-2007 tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** hija soġġetta għal li l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

- l-adozzjoni tal-Programm ta' ħidma annwali għall-Programm '**Żgħażagħ Attivi**', wara li jkun riferut lill-Kumitat tal-Programm;
- l-adozzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għall-2007 mill-awtorità baġitarja.

B'żieda ma' dan, l-attenzjoni tal-qarrej tinġibed għal dan li ġej:

Barra mill-Istati Membri ta' l-Unjoni l-uniċi pajjiżi parteċipanti li x'aktarx jipparteċipaw mill-2007 huma l-pajjiżi ta' l-EFTA/EEE (l-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja) u t-Turkija; il-parteċipazzjoni hija soġġetta għal ftehim speċifiku kif imsemmi fid-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-Programm.

[1] Naħdmu flimkien għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi - Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona, COM (2005) 24 tat-2 ta' Frar 2005.

[2] L-Anness 1 għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew, it-22 u t-23 ta' Marzu 2005

[3] Riżoluzzjoni tal-Kunsill (2002/C 168/02) tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar il-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, ĠU C 168 tat-13/7/2002, p. 2-5.

[4] COM (2005) 494 finali tat-13 ta' Ottubru 2005

Il-Kummissjoni tixtieq tħeġġeġ lill-applikanti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jibagħtu l-proġetti inklużi s-sieħba jew il-parteċipanti ta' dawn l-erba' pajjiżi. Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tiggarantixxi li l-ftehim meħtieġ jintlaħaq qabel id-data ta' l-għażla tal-proġetti.

Bħala twissija għal din is-sena, huwa għalhekk irrakkomandat li l-applikanti ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibagħtu proġetti li x'aktarx jibqgħu eligibbli anke jekk il-ftehim ma jkunx intlaħaq fil-ħin (b'mod partikolari l-preżenza ta' sieħba u/jew parteċipanti ta' għadd suffiċjenti ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kif meħtieġ għal Programm ta' Azzjoni speċifiku).

## L-għanijiet tal-Programm *Żgħażagħ Attivi*

L-għanijiet ġenerali ddikjarati fil-bażi legali tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** *huma* dawn li ġejjin:

- Li jippromwovi ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ b'mod ġenerali u ċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom b'mod partikolari;
- Li jiżviluppa solidarjetà u jippromwovi tolleranza fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari sabiex jinkoraġġixxi l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea;
- Li jinkoraġġixxi fehim reċiproku bejn iż-żgħażagħ f'pajjiżi differenti;
- Li jikkontribwixxi biex tiġi żviluppata l-kwalità ta' sistemi ta' appoġġ għal attivitajiet taż-żgħażagħ u l-kapaċitajiet ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam taż-żgħażagħ;
- Li jippromwovi kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

Dawn l-għanijiet ġenerali għandhom jiġu implimentati fuq il-livell ta' proġett billi jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet permanenti li ġejjin.

## Il-prijorijiet tal-Programm *Żgħażagħ Attivi*

### 1) Iċ-ċittadinanza Ewropea

Prijorità tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** hija li ż-żgħażagħ isiru konxji li huma ċittadini Ewropej. *L-għan huwa* li ż-żgħażagħ ikunu mħeġġa jirriflettu dwar suġġetti Ewropej, inkluż iċ-ċittadinanza Ewropea u li huma jiġu involuti fid-diskussjoni dwar il-kostruzzjoni u l-ġejjieni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fuq din il-bażi, il-proġetti għandhom ikollhom dimensjoni Ewropea soda u jistimulaw riflessjoni dwar is-soċjetà Ewropea emerġenti u l-valuri tagħha.

### 2) Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ

Prijorità ewlenija tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** *hija l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika. L-għan aħħari tal-parteċipazzjoni huwa li ż-żgħażagħ ikunu mħeġġa biex ikunu ċittadini attivi. Dan l-għan għandu t-tliet dimensjonijiet li ġejjin, stabbiliti fil-*riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-għanijiet komuni għall-parteċipazzjoni minn u l-informazzjoni għaż-żgħażagħ[5]:

- biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja ċivika tal-komunità tagħhom;
- biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-sistema ta' demokrazija rappreżentattiva,
- appoġġ akbar għal forom diversi ta' tagħlim biex ikun hemm parteċipazzjoni.

[5] Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill (2003/C 295/04) tal-25 ta' Novembru 2003, ĠU C 295 tal-5.12.2003, p. 6-8.

Proġetti ffinanzjati mill-Programm **Żgħażagħ Attivi** *għandhom jirriflettu dawn it-tliet dimensjonijiet billi jużaw il-parteċipazzjoni bħala prinċipju* pedagoġiku *għall-implimentazzjoni tal-proġett.*

## 3) Id-diversità kulturali

Ir-rispett għad-diversità kulturali flimkien mal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija huma prijoritajiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. *Billi jiffaċilita attivitajiet konġunti ta' żgħażagħ li ġejjin minn ambjenti kulturali, etniċi u reliġjużi differenti, il-Programm għandu l-għan li jiżviluppa t-tagħlim interkulturali taż-żgħażagħ.*

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti, dan ifisser li ż-żgħażagħ li jipparteċipaw fi proġett għandhom isiru konxji tad-dimensjoni interkulturali tiegħu. Għandhom jintużaw metodi ta' ħidma interkulturali biex jippermettu lill-parteċipanti tal-proġett li jipparteċipaw fuq bażi ugwali.

## 4) L-inklużjoni ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet

Prijorità importanti għall-Kummissjoni Ewropea hija li tagħti liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet aċċess għall-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

Il-gruppi u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw l-esklużjoni ta' gruppi speċifiċi ta' mira. Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** *huwa Programm għal kulħadd u għandhom isiru sforzi biex jiġu inklużi ż-żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali.*

B'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Aġenziji Nazzjonali u maċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet strateġija għall-inklużjoni taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet fil-Programm **Żgħażagħ Attivi**, *immirata b'mod partikolari għal żgħażagħ minn ambjent edukattiv, soċjo-ekonomiku, kulturali, jew ġeografiku inqas privileġġjat, jew b'diżabilitajiet.*

Barra minn hekk, il-prijoritajiet annwali jistgħu jiġu ffissati għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u jiġu kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

## L-istruttura tal-Programm *Żgħażagħ Attivi*

Sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu, il-Programm **Żgħażagħ Attivi** *jipprevedi ħames azzjonijiet operattivi.*

### Azzjoni 1 – Iż-żgħażagħ għall-Ewropa

L-għanijiet ta' din l-Azzjoni huma:

- li żżid il-mobilità taż-żgħażagħ billi tappoġġja l-Iskambji taż-Żgħażagħ;
- li tiżviluppa ċ-ċittadinanza taż-żgħażagħ u l-fehim reċiproku billi tappoġġja Inizjattivi taż-Żgħażagħ, proġetti u attivitajiet li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja demokratika.

L-Azzjoni 1 tappoġġja l-miżuri li ġejjin.

#### 1.1 L-Iskambji taż-Żgħażagħ

L-Iskambji taż-Żgħażagħ joffru opportunità għal gruppi ta' żgħażagħ (fil-prinċipju, minn 13 sa 25 sena) minn pajjiżi differenti biex jiltaqgħu u jitgħallmu dwar il-kulturi ta' xulxin. Il-gruppi jippjanaw flimkien l-Iskambju taż-Żgħażagħ tagħhom madwar tema ta' interess reċiproku.

#### 1.2. L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja proġetti ta' gruppi mfassla fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Tappoġġja wkoll in-netwerking ta' proġetti simili bejn pajjiżi differenti, sabiex issaħħaħ l-aspett Ewropew tagħhom u tkabbar il-kooperazzjoni u l-iskambji ta' l-esperjenzi bejn iż-żgħażagħ. L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ jindirizzaw prinċipalment żgħażagħ bejn it-18 u t-30 sena. Iż-żgħażagħ minn 15-il sena 'l fuq jistgħu jipparteċipaw jekk ikunu akkumpanjati minn persuna li taħdem maż-żgħażagħ jew persuna li tħarreġ.

#### 1.3. Il-proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-komunità lokali, reġjonali jew nazzjonali tagħhom u fuq livell internazzjonali. Din hija miftuħa għal żgħażagħ bejn it-13 u t-30 sena.

### Azzjoni 2 – Is-Servizz Volontarju Ewropew

L-għan tas-Servizz Volontarju Ewropew huwa li jappoġġja l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'forom varji ta' attivitajiet volontarji, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea.

Taħt din l-Azzjoni, iż-żgħażagħ (ta' bejn it-18 u l-30 sena) jieħdu sehem individwalment jew fi gruppi, f'attivitajiet bla ħlas, li m'għandhomx skop ta' qligħ. Is-servizz jista' jdum sa tnax-il xahar. F'każijiet eċċezzjonali, żgħażagħ minn 16-il sena jistgħu jipparteċipaw fis-Servizz Volontarju Ewropew.

## Azzjoni 3 – Iż-Żgħażagħ fid-Dinja

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li tappoġġja proġetti mal-Pajjiżi Msieħba, b'mod partikolari l-iskambji taż-żgħażagħ u dawk attivi fil-ħidma u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-iżvilupp ta' sħubijiet u netwerks ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

### 3.1. Il-kooperazzjoni mal-Pajjiżi Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea

Din is-sotto-Azzjoni toppoġġja proġetti mal-Pajjiżi Ġirien Imsieħba. Prinċipalment, tappoġġja Skambji taż-Żgħażagħ, Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking fil-qasam taż-żgħażagħ.

### 3.2. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra tad-dinja

Din is-sotto-Azzjoni tikkonċerna l-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-iskambju ta' prattika tajba ma' Pajjiżi Msieħba minn partijiet oħra tad-dinja. Tinkoraġġixxi skambji u taħriġ ta' żgħażagħ u ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ, sħubiji u netwerks ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

## Azzjoni 4 – Is-Sistemi ta' Appoġġ għaż-Żgħażagħ

L-għan ta din l-Azzjoni huwa li tappoġġja entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-ħidma ta' l-NGOs taż-zgħażagħ, in-netwerking tagħhom, tagħti pariri lil dawk li jiżviluppaw il-proġetti, tiżgura l-kwalità permezz ta' l-iskambju, it-taħriġ u n-netwerking ta' dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u l-kwalità, tipprovdi l-istrutturi u l-attivitajiet meħtieġa għall-Programm biex jissodisfa dawn il-miri u tinkoraġġixxi s-sħubija ma' l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Azzjoni 4 hija maqsuma fi tmien sotto-Azzjonijiet:

### 4.1. L-appoġġ għall-entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tikkonċerna l-għotjiet operattivi lill-NGOs attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ u li għandhom għan ta' interess ġenerali. L-attivitajiet tagħhom huma mmirati għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja pubblika u fis-soċjetà u għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

### 4.2. L-appoġġ għall-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ

Kull sena taħt din is-sotto-Azzjoni tingħata għotja biex ikunu appoġġjati l-attivitajiet attwali tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ.

### 4.3. It-taħriġ u n-netwerking ta' dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja t-taħriġ ta' dawk il-persuni attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-

iskambju ta' esperjenzi, kompetenzi u prattika tajba bejniethom kif ukoll attivitajiet li jistgħu jwasslu għal proġetti, sħubiji u netwerks ta' kwalità li jibqgħu jseħħu fit-tul.

### 4.4. Il-proġetti li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni u l-kwalità

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja proġetti li l-għan tagħhom huwa li jintroduċu, jimplimentaw u jippromwovu metodi innovattivi fil-qasam taż-żgħażagħ.

### 4.5. L-attivitajiet ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ u għal dawk attivi fil-ħidma u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ

Taħt din is-sotto-Azzjoni se jingħata appoġġ fuq livell Ewropew u nazzjonali lil attivitajiet li jtejbu l-aċċess taż-żgħażagħ għal servizzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni u jżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-preparazzjoni u t-tixrid ta' prodotti mmirati ta' informazzjoni li huma faċli biex tużahom. Din tappoġġja wkoll l-iżvilupp ta' portali Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali taż-żgħażagħ għat-tixrid ta' informazzjoni speċifika għaż-żgħażagħ.

### 4.6. Is-sħubiji

Din is-sotto-Azzjoni hija għall-finanzjament ta' sħubiji ma' entitajiet reġjonali jew lokali, sabiex jiġu żviluppati proġetti fit-tul li jgħaqqdu miżuri varji fil-Programm.

### 4.7. L-appoġġ għall-istrutturi tal-Programm

Din is-sotto-Azzjoni tiffinanzja l-istrutturi tal-ġestjoni tal-Programm, b'mod partikolari l-Aġenziji Nazzjonali.

### 4.8. Iż-żieda mal-valur tal-Programm

Din is-sotto-Azzjoni se tintuża mill-Kummissjoni biex tiffinanzja seminars, taħditiet u laqgħat sabiex tkun faċilitata l-implimentazzjoni tal-Programm u l-valorizzazzjoni tar-riżultati tiegħu.

## Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ

L-għan ta' din l-Azzjoni huwa:

- li torganizza strutturi ta' djalogu bejn il-parteċipanti varji fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ infushom, dawk attivi fil-ħidma u f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u dawk li jfasslu l-politika;
- li tappoġġja Seminars taż-Żgħażagħ u Seminars Transnazzjonali u Nazzjonali taż-Żgħażagħ,
- li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni politika fil-qasam taż-żgħażagħ;
- li tiffaċilita l-iżvilupp ta' netwerks sabiex jittejjeb fehim aħjar taż-żgħażagħ;
- li tappoġġja kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

### 5.1. Il-laqgħat taż-żgħażagħ u ta' dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja l-kooperazzjoni, seminars u strutturi ta' djalogu bejn iż-żgħażagħ, dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ. Dawn l-attivitajiet jinkludu l-konferenzi organizzati mill-Presidenzi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Ġimgħa Ewropea taż-Żgħażagħ.

### 5.2. L-appoġġ għal attivitajiet biex jinħoloq għarfien aħjar dwar il-qasam taż-żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja l-identifikazzjoni ta' għarfien eżistenti relatat mal-prijoritajiet fil-qasam taż-żgħażagħ, stabbiliti fil-qasam tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni.

### 5.3. Il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

Din l-Azzjoni se tintuża biex tappoġġja l-kooperazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti jew l-istituzzjonijiet speċjalizzati tagħha.

# B. L-implimentazzjoni tal-Programm Żgħażagħ Attivi

## Min jimplimenta l-Programm Żgħażagħ Attivi?

### Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea hija finalment responsabbli għat-tmexxija bla xkiel tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Din tamministra l-baġit u tistabbilixxi l-prijoritajiet, il-miri u l-kriterji għall-Programm fuq bażi kontinwa. Barra dan, hija tiggwida u tikkontrolla l-implimentazzjoni ġenerali, is-segwitu u l-valutazzjoni tal-Programm fuq livell Ewropew.

Il-Kummissjoni Ewropea terfa' wkoll ir-responsabbiltà ġenerali għas-superviżjoni u għall-koordinazzjoni ta' l-Aġenziji Nazzjonali, li huma uffiċċji li ġew magħżula u stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-affarijiet taż-żgħażagħ f'kull Pajjiż tal-Programm. Il-Kummissjoni Ewropea tikkoopera mill-qrib ma' l-Aġenziji Nazzjonali u tissorvelja l-attivitajiet tagħhom.

Il-Kummissjoni Ewropea isserraħ fuq l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

### L-Awtoritajiet Nazzjonali

L-Istati Membri ta' l-UE, kif ukoll il-Pajjiżi l-oħra tal-Programm, huma involuti fil-ġestjoni ta' **Żgħażagħ Attivi,** b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tal-Programm, li għalih huma jaħtru rappreżentanti. Huma wkoll responsabbli għall-għażla u superviżjoni ta' l-Aġenziji Nazzjonali. Dan l-aħħar kompitu jinqasam mal-Kummissjoni Ewropea.

### L-Aġenziji nazzjonali għal Żgħażagħ Attivi

L-implimentazzjoni tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** hija fil-biċċa l-kbira deċentralizzata, bl-għan ikun li ssir ħidma li tkun l-aktar qrib possibbli mal-benefiċjarji u li taddatta għad-diversità tas-sistemi u s-sitwazzjonijiet nazzjonali fil-qasam taż-żgħażagħ. Kull Pajjiż tal-Programm ħatar Aġenzija Nazzjonali (ara aktar 'l isfel). Dawn l-Aġenziji Nazzjonali jippromwovu u jimplimentaw il-Programm fuq livell nazzjonali u jaġixxu bħala l-konnessjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea, il-promoturi tal-proġett fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali u ż-żgħażagħ infushom. Huwa l-kompitu tagħhom:

- li jiġbru u jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-Programm **Żgħażagħ Attivi**;

- li jamministraw proċess trasparenti u ġust ta' selezzjoni għall-applikazzjonijiet tal-proġett li jiġu ffinanzjati fuq livell deċentralizzat;
- li jipprovdu proċessi amministrattivi effettivi u effiċjenti;
- li jfittxu kooperazzjoni ma' strutturi esterni sabiex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Programm;
- li jivvalutaw u jikkontrollaw l-implimentazzjoni tal-Programm;
- li jipprovdu appoġġ għall-applikanti u promoturi tal-proġett tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett;
- li jifformaw ma' l-Aġenziji Nazzjonali kollha u mal-Kummissjoni netwerk li jiffunzjona tajjeb;
- li jtejbu l-viżibbiltà tal-Programm;
  li jippromwovu t-tixrid u l-valorizzazzjoni tar-riżultati tal-Programm fuq livell nazzjonali.

Barra minn dan, huma għandhom rwol importanti bħala struttura intermedja għall-iżvilupp tax-xogħol taż-żgħażagħ billi:

joħolqu opportunitajiet biex jaqsmu l-esperjenzi;
jipprovdu taħriġ u esperjenzi ta' tagħlim mhux formali;
jippromwovu valuri bħal inklużjoni soċjali, diversità kulturali u ċittadinanza attiva;
jappoġġaw kull xorta ta' struttura u ta' grupp taż-żgħażagħ, speċjalment dawk mhux organizzati;
irawmu r-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali permezz ta' miżuri xierqa;

Fl-aħħar nett, huma jaġixxu bħala struttura ta' sostenn għall-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

## L-Aġenzija Eżekattiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

L-Aġenzija Eżekattiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura hija responsabbli mill-implimentazzjoni ta' l-Azzjonijiet ċentralizzati tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Din hija responsabbli għaċ-ciklu sħiħ tal-ħajja ta' dawn il-proġetti.

Barra minn dan, din twettaq l-attivitajiet ta' appoġġ li ġew spjegati taħt it-taqsima "Liema għajnuna hija disponibbli?".

## Strutturi oħra

Apparti l-entitajiet imsemmija hawn fuq, l-istrutturi li ġejjin jipprovdu kompetenza komplementari li tikkonċerna l-Programm **Żgħażagħ Attivi**:

### Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO

L-għan taċ-**Ċentri ta' Riżorsi SALTO** huwa li jgħinu biex titjieb il-kwalità ta' proġetti ffinanzjati minn **Żgħażagħ Attivi** fl-oqsma ta' prijorità. F'dawn l-oqsma Ewropej ta' prijorità, SALTO tipprovdi riżorsi, informazzjoni u taħriġ

għall-Aġenziji Nazzjonali u ġħall-ħidma Ewropea taż-żgħażagħ u trawwem ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali.

### In-netwerk ta' l-Eurodesk

In-Netwerk ta' l-Eurodesk joffri servizzi ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ u għal dawk li jaħdmu magħhom, dwar opportunitajiet Ewropej fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ, u dwar l-involviment taż-żgħażagħ f'attivitajiet Ewropej. In-Netwerk ta' l-Eurodesk joffri servizzi li jagħtu tweġibiet lil mistoqsijiet, informazzjoni dwar finanzjament, avvenimenti u pubblikazzjonijiet.

### Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam tax-xogħol taż-żgħażagħ

Is-**Sħubija** bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa għandha l-għan li żżid is-sinerġiji bejn bejn iż-żewġ istituzzjonijiet u l-partijiet interessati tagħhom prinċipalment fil-qasam tal-politika taż-żgħażagħ, tax-xogħol taż-żgħażagħ u tar-riċerka taż-żgħażagħ. Is-Sħubija tipprovdi taħriġ, seminars, laqgħat tan-netwerk u tagħmir għat-Taħriġ li jistgħu jintużaw għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' proġett. Tmexxi ċ-Ċentru Ewropew ta' l-Għarfien għall-Politika taż-Żgħażagħ (EKCYP), *database* ta' riċerka għall-politika taż-żgħażagħ ma' l-Ewropa kollha.

## Min jista' jieħu sehem fil-Programm Żgħażagħ Attivi?

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jindirizza **żgħażagħ bejn it-13 u t-30 sena** li huma legalment residenti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm jew, jiddependi min-natura ta' l-Azzjoni, f'wieħed mill-Pajjiżi Msieħba, kif ukoll parteċipanti oħra fil-qasam taż-żgħażagħ u ta' l-edukazzjoni mhux formali.

Il-**grupp prinċipali ta' mira** tal-Programm huma **żgħażagħ bejn il-15 u t-28 sena**.

Il-Programm huwa miftuħ għaż-żgħażagħ kollha, indipendentament mil-livell edukattiv jew mill-ambjent soċjali u kulturali tagħhom.

### Il-limiti ta' età għall-parteċipanti

Il-limiti ta' età li japplikaw għal kull waħda mill-Azzjonijiet huma spjegati fit-tabella ta' hawn taħt.

**Il-limiti ta' l-età massima:** Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni l-parteċipanti ma jridx ikollhom aktar mill-età massima indikata. Pereżempju, jekk il-limitu ta' l-età massima huwa ta' 25 sena, il-parteċipanti ma jridux ikunu għalqu 26 sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni.

**Il-limitu ta' l-età minima:** Fid-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni l-parteċipanti jridu jkunu laħqu l-età minima. Pereżempju, jekk il-limitu ta' l-età minima huwa ta' 13-il sena, il-parteċipanti jridu jkunu għalqu t-13-il sena sad-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni.

| | **Il-limitu ta' l-età minima** | **Il-limitu ta' l-età massima** | **Eċċezzjoni** |
|---|---|---|---|
| **Azzjoni 1: Iż-żgħażagħ għall-Ewropa** | | | |
| 1.1. L-Iskambju taż-Żgħażagħ | 13 | 25 | 26-30 |
| 1.2. L-Inizjattiva taż-Żgħażagħ | 18 | 30 | 15-17 |
| 1.3. Il-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ | 13 | 30 | Xejn |
| **Azzjoni 2: Is-servizz Volontarju Ewropew** | **Il-limitu ta' l-età minima** | **Il-limitu ta' l-età massima** | **Eċċezzjoni** |
| | 18 | 30 | 16-17 |
| **Azzjoni 3: Iż-Żgħażagħ fid-Dinja** | | | |
| Għall-Iskambji taż-Żgħażagħ, japplikaw ir-regoli bħalma hemm fl-Azzjoni 1, għall-Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking, japplikaw ir-regoli bħalma hemm fl-Azzjoni 4. | | | |
| **Azzjoni 4: Is-sistemi ta' appoġġ għaż-żgħażagħ** | | | |
| Ma hemmx limiti ta' età | | | |
| **Azzjoni 5: Il-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ** | | | |
| 5.1 Seminars Transnazzjonali għaż-Żgħażagħ u Seminars Nazzjonali għaż-Żgħażagħ | | | |
| | **Il-limitu ta' l-età minima** | **Il-limitu ta' l-età massima** | |
| | 15 | 30 | |

Il-limiti eċċezzjonali ta' l-età minima, previsti għall-Inizjattivi taż-Żgħażagħ u għas-servizz Volontarju Ewropew (EVS), jista' jiġi applikat biss bil-kondizzjoni li tiġi pprovduta superviżjoni xierqa.

## Il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Msieħba

Ħafna tipi ta' proġetti ffinanzjati b'mod konġunt mill-Programm **Żgħażagħ Attivi** jeħtieġu li tkun stabbilita sħubija bejn żewġt imsieħba jew aktar. Hemm distinzjoni bejn il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Msieħba.

### Il-pajjiżi tal-Programm

Il-pajjiżi li ġejjin huma l-Pajjiżi tal-Programm:

| **L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE)**[6] | | |
|---|---|---|
| L-Awstrija | Il-Ġermanja | L-Olanda |
| Il-Belġju | Il-Greċja | Il-Polonja |
| Il-Bulgarija | L-Ungerija | Il-Portugall |
| Ċipru | L-Irlanda | Ir-Rumanija |
| Ir-Repubblika Ċeka | L-Italja | Ir-Repubblika Slovakka |
| Id-Danimarka | Il-Latvja | Is-Slovenja |
| L-Estonja | Il-Litwanja | Spanja |
| Il-Finlandja | Il-Lussemburgu | L-Iżvezja |
| Franza | Malta | Ir-Renju Unit |

| **Il-Pajjiżi tal-Programm ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)**[7]**, li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)**[8] | | |
|---|---|---|
| L-Iżlanda | Il-Liechtenstein | In-Norveġja |

| **Il-Pajjiżi tal-Programm li huma kandidati għall-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea**[9] |
|---|
| It-Turkija |

Il-parteċipanti minn Pajjiżi tal-Programm jistgħu jieħdu sehem fl-Azzjonijiet kollha tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

[6] Individwi minn Pajjiż u Territorju Barrani (OCT – *Overseas Country and Territory*), u fejn huwa applikabbli l-entitajiet pubbliċi u/jew privati rilevanti u l-istituzzjonijiet f'OCT, se jkunu eleġibbli għall-programm Żgħażagħ Attivi, soġġetti għar-regoli tal-Programm u ta' l-arranġamenti applikabbli għall-Istati Membri li magħhom huma marbuta. L-OCTs konċernati huma elenkati fl-Anness 1A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea (2200/822/KE), Ġurnal Uffiċjali L 314 tat-30 ta' Novembru 2001
[7] L-Iżvizzera se tkun Pajjiż tal-Programm malli jkun konkluż ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera.
[8] Is-sehem tal-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE hija bil-kundizzjoni tad-dħul fis-seħħ tas-deċiżjoni rilevanti tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.
[9] Wara li jintlaħqu l-kundizzjonijiet meqjusa neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali.

## Il-Pajjiżi Ġirien Imsieħba[10]

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jappoġġja l-kooperazzjoni bejn il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Ġirien Imsieħba li ġejjin:

| Ix-Xlokk ta' l-Ewropa[11] | L-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkażu [12] | Il-Pajjiżi Mediterranji Msieħba[13] |
|---|---|---|
| L-Albanija<br>Il-Bożnja u Ħerzegovìna<br>Il-Kroazja<br>L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM)<br>Il-Montenegro<br>Is-Serbja [14] | L-Armenja<br>L-Ażerbajġan<br>Il-Belarus<br>Ġeorġja<br>Il-Moldova<br>Il-Federazzjoni Russa[15]<br>L-Ukrajna | L-Alġerija<br>L-Eġittu<br>L-Iżrael<br>Il-Ġordan<br>Il-Libanu<br>Il-Marokk<br>L-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża<br>Is-Sirja<br>It-Tuneżija |

## Pajjiżi Msieħba Oħra tad-Dinja

Il-kooperazzjoni ma' Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja, li ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea li huma rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ, hija possibbli taħt l-Azzjonijiet 2 u 3.2 tal-Programm.

[11] Il-pajjiżi involuti fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

[12] Il-pajjiżi taħt id-dispożizzjonijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea li huma rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ.

[13] L-istess bħal ta' fuq.

[14] Inkluż il-Kosovo, taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà ta' l-NU 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999

[15] Għalkemm mhix qed tieħu sehem fil-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Federazzjoni Russa titqies bħala Pajjiż Imsieħeb Ġar permezz ta' Ftehim ta' Sħubija speċjali li ġie ffirmat ma' l-Unjoni Ewropea.

### Il-viżi

Fil-prinċipju, biex il-benefiċjarji tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** minn pajjiżi mhux ta' l-Unjoni Ewropea (UE) li ġejjin fl-UE, u ż-żgħażagħ mill-UE li sejrin f'pajjiżi mhux ta' l-UE jieħdu sehem f'diversi proġetti taż-żgħażagħ iridu japplikaw għal viża ta' dħul fil-pajjiż rilevanti li se jilqagħhom. Iż-żgħażagħ residenti fi Stat Membru ta' l-UE, li għandhom nazzjonalità/passaport mhux ta' l-UE, jistgħu wkoll jeħtieġu viża biex jidħlu fi Stat Membru ieħor ta' l-UE.

Hija r-responsabbiltà ta' l-applikant li, f'kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet imsieħba kollha, jiżgura li kull viża meħtieġa tkun kif meħtieġ qabel ma titwettaq l-attività ppjanata. Billi l-proċess ta' ksib tal-viża jista jieħu diversi ġimgħat, huwa rrakkomandat b'mod qawwi li l-arranġamenti tal-viża jsiru sewwa minn qabel.

Il-Kummissjoni ppubblikat xi Rakkomandazzjonijiet Ġenerali għall-applikazzjonijiet tal-permess tal-viża/residenza għall-parteċipanti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Dan id-dokument ġie mħejji għall-benefiċċju ta' l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, ta' dawk li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ u jmmexxuhom, u taż-żgħażagħ infushom, bl-għan li jipprovdilhom għajnuna u pariri fuq preparazzjoni minn qabel, qabel ma' japplikaw għall-viżi fil-każ ta' proġetti ta' mobilità għal perjodu qasir (*sa tliet xhur*) u għal perjodu twil (*iktar minn tliet xhur*). Id-dokument jista' jitniżżel mill-websajt tal-Kummissjoni.

L-Aġenziji Nazzjonali u l-Aġenzija Eżekuttiva jistgħu jagħtu pariri u appoġġ ulterjuri fir-rigward tal-viżi, il-permessi għar-residenza, is-sigurtà soċjali, eċċ.

## Il-proċeduri ġenerali ta' l-għażla

Il-promoturi tal-proġett u ż-żgħażagħ interessati fit-twaqqif ta' proġett iridu jimlew il-formoli ta' l-applikazzjoni rilevanti u jsegwu l-proċeduri ta' l-applikazzjoni li huma deskritti fil-qosor hawn taħt u spjegati f'aktar dettall taħt kull Azzjoni.

Il-konformità mal-kriteriji formali u ta' kwalità u ma' l-għanijiet, kif ukoll mal-prijorijiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** u l-azzjonijiet tiegħu, huma l-bażi għal kull deċiżjoni ta' għoti ta' fondi.

L-akbar numru ta' applikazzjonijiet huma pproċessati fuq livell nazzjonali mill-Aġenziji Nazzjonali. Il-proġetti jintgħażlu mill-panils nazzjonali ta' l-għażla, li huma magħmula minn nies li huma familjari mal-qasam taż-żgħażagħ u ma' l-attivitajiet taż-żgħażagħ, pereżempju membri tal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażagħ. L-għażliet isiru skond il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni Ewropea.

Hemm biss numru limitat ta' tipi ta' proġetti speċifiċi li huma ttrattati direttament fuq livell Ewropew u huma ġeneralment magħżula mill-Aġenzija Eżekuttiva.

Fl-Azzjonijiet kollha, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi Ewropej (ENGOs), li huma stabbiliti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u li għandhom friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm iridu japplikaw direttament għand l-Aġenzija Eżekuttiva.

## Id-dati ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet

Għall-proġetti magħżulin fuq livell nazzjonali, hemm ħames dati ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet fis-sena:

| Il-proġetti li jibdew bejn | Għeluq ta' l-applikazzjoni[16] |
|---|---|
| L-1 ta' Mejju u t-30 ta' Settembru | L-1 ta' Frar |
| L-1 ta' Lulju u t-30 ta' Novembru | L-1 ta' April |
| L-1 ta' Settembru u l-31 ta' Jannar | L-1 ta' Ġunju |
| L-1 ta' Diċembru u t-30 ta' April | L-1 ta' Settembru |
| L-1 ta' Frar u l-31 ta' Lulju | L-1 ta' Novembru |

Għall-proġetti kollha magħżulin fuq livell Ewropew, hemm tliet dati ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet fis-sena:

| Il-proġetti li jibdew bejn | Għeluq ta' l-applikazzjoni |
|---|---|
| L-1 ta' Lulju u t-30 ta' Novembru | L-1 ta' Frar |
| L-1 ta' Novembru u t-30 ta' Marzu | L-1 ta' Ġunju |
| L-1 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju | L-1 ta' Settembru |

## Il-formoli ta' l-applikazzjoni

L-Aġenziji Nazzjonali u l-Aġenzija Eżekuttiva jipprovdu l-formoli uffiċjali ta' l-applikazzjoni. Dawn jistgħu wkoll jitniżżlu mill-websajts tal-Kummissjoni, ta' l-Aġenzija Eżekuttiva u ta' l-Aġenziji Nazzjonali (ara l-Anness).
L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi sad-dati ta' l-għeluq ipprovduti fit-tabella ta' hawn fuq.

## Il-kriteriji ta' l-eliġibbiltà

Biex tkun eliġibbli, applikazzjoni għall-għotja trid tiġi sottomessa fuq il-formola rilevanti msemmija hawn fuq, sad-data rilevanti ta' l-għeluq, minn persuna legali (il-promotur tal-proġett ġeneralment ikun assoċjazzjoni, iżda b'eċċezzjoni, taħt ċerti Azzjonijiet, persuni naturali jistgħu jirċievu għotjiet, kif huwa mfisser taħt kull Azzjoni kkonċernata). L-applikant irid ikun organizzazzjoni li m'għandhiex skop ta' qligħ (għal ċerti attivitajiet, organizzazzjoni li għandha skop ta' qligħ tista' tirċievi għotja).

L-applikazzjoni trid tirrispetta l-kriterji ta' l-eliġibbiltà li huma relatati ma' l-Azzjoni kkonċernata:

il-kriterji ta' l-eliġibbiltà deskritti f'din it-taqsima (dwar il-pajjiżi kkonċernati jew l-età tal-parteċipanti);
il-kriterji speċifiċi ta' l-eleġibbiltà pprovduti fit-taqsima li huma relatati ma' l-Azzjoni rilevanti (pereżempju, in-natura ta' l-attività prevista, in-numru ta' parteċipanti).

## Il-kriterji ta' l-għażla

Applikazzjoni li tissodisfa l-kriterji ta' l-eliġibbiltà trid tkun ukoll verifikata fir-rigward tal-kriterji ta' l-għażla li ġejjin:

l-applikant irid ikollu sorsi ta' fondi stabbli u suffiċjenti biex iżomm l-attività tul it-terminu tagħha jew tul is-sena li għaliha jingħataw il-fondi, u biex jieħu sehem fil-finanzjament tagħha;
l-applikant irid ikollu kapaċitajiet u motivazzjoni suffiċjenti u xierqa biex itemm l-attività proposta.

## Il-kriterji ta' l-għoti

Jekk l-applikazzjonijiet jissodisfaw il-kriterji ta' l-għażla, dawn jiġu mbagħad valutati skond il-kriterji ta' l-għoti, bl-għan li jiġu determinati l-proġetti u l-entitajiet li għandhom l-għan li jżidu l-effettività ġenerali tal-Programm, kif ukoll li jikkonformaw ma' l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm, li jiggarantixxu l-viżibbiltà tal-finanzjament mill-Unjoni Ewropea u li jipproponu attivitajiet addattati biex jiġi aċċertat li r-riżultati jiġu sfruttati bl-iktar mod wiesa' possibbli.

Il-kriterja ta' l-għoti li jirriflettu l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-Programm huma deskritti taħt kull Azzjoni.

## In-notifika tad-deċiżjonijiet ta' l-għoti

Il-laqgħat tal-panils responsabbli għall-valutazzjoni tal-proposti, sew jekk fuq livell nazzjonali jew fuq livell Ewropew, ġeneralment isiru bejn 6 u 8 ġimgħat wara l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet. B'mod ġenerali, l-applikanti jiġu mgħarrfa dwar id-deċiżjonijiet ta' l-għoti fir-rigward ta' l-applikazzjoni tagħhom għaxar jew tnax-il ġimgħa wara l-għeluq ta' l-applikazzjoni. Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-riżultati, l-applikanti huma mistiedna jikkuntattjaw l-Aġenzija Nazzjonali tagħhom (għall-proġetti magħżulin fuq livell nazzjonali) jew l-Aġenzija Eżekuttiva (għall-proġetti magħżulin fuq livell Ewropew).

## Ir-regoli finanzjarji ġenerali

Bħall-għotjiet kollha tal-Komunità, il-kontribuzzjonijiet finanzjamentji mogħtija taħt il-Programm **Żgħażagħ Attivi** huma suġġetti għal xi regoli li ġejjin mir-Regolamenti Finanzjamentji li japplikaw għall-Baġit Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. L-applikazzjoni tagħhom hija obbligatorja.

Ir-regoli finanzjamentji huma deskritti fil-qosor hawn taħt u f'aktar dettall taħt kull Azzjoni.

### It-tipi ta' għotjiet

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jappoġġja żewġ tipi ta' għotjiet:

għotjiet għall-proġetti (pereżempju, biex jappoġġjaw proġett ta' Skambju taż-Żgħażagħ taħt l-Azzjoni 1.1);

għotjiet għall-baġit operattiv ta' entità attiva fil-qasam taż-żgħażagħ (pereżempju, biex jappoġġjaw NGO taż-Żgħażagħ taħt l-Azzjoni 4.1).

#### L-ebda finanzjament doppju

Għall-istess proġett, kull benefiċjarju individwali huwa intitolat li jirċievi għotja waħda, u waħda biss, mill-baġit tal-Komunità. Il-proġetti li qed jippjanaw li jiksbu, jew li diġà rċevew, għotja tal-Komunità oħra, jitqiesu bħala li mhumiex eliġibbli.

Benefiċjarju jista' jingħata għotja operattiva waħda biss għal kull sena finanzjarja.

#### L-ammont ta' l-għotja

Għandu jkun magħruf li l-ammont mogħti mill-kuntratt għandu jitqies bħala l-ammont massimu li ma jistax jiżdied taħt l-ebda ċirkustanza.

Madankollu, l-ammont finali jiġi mogħti biss wara analiżi tar-rapport finali u jista' jitnaqqas wara spezzjoni ta' l-implimentazzjoni attwali tal-proġett (pereżempju, l-għotjiet finali bbażati fuq ammonti fissi huma kkalkulati fuq il-bażi tan-numru attwali ta' parteċipanti u mhux fuq in-numru previst ta' parteċipanti).

#### Mingħajr skop ta' qligħ

Il-fondi mogħtija ma jridx ikollhom l-iskop jew l-effett li jipproduċu qligħ għall-benefiċjarju. F'termini prattiċi dan ifisser li:

jekk id-dħul totali ta' flus ta' proġett ikun ogħla mill-ispejjeż totali finali tal-proġett, l-għotja tal-Komunità għalhekk titnaqqas wara l-analiżi tar-rapport finali. Il-kontribuzzjonijiet ta' ammont b'rata fissa u l-livelli ta' l-ispejjeż ta' l-unità m'humiex affettwati minn din ir-regola;

l-organizzazzjonijiet li jirċievu għotja operattiva tal-Komunità ma jitħallewx ikollhom bilanċ ta' l-ammont li jibqa' żejjed fil-baġit operattiv.

F'każ ta' qligħ, ammonti li tħallsu qabel jistgħu jinġabru lura.

#### Il-finanzjament b'mod konġunt

L-għotja ma tistax tiffinanzja l-ispejjeż kollha tal-proġett. Il-promoturi jridu juru l-impenn tagħhom lejn il-proġett billi jsibu sorsi ta' finanzjament oħra barra mill-għotja tal-Komunità. Dan jista' jsir, pereżempju, billi jsiru attivitajiet għall-ġbir ta' fondi, billi jiżdiedu r-riżorsi proprji, jew billi jintalbu għotjiet minn organizzazzjonijiet oħrajn (eż. muniċipji jew awtoritajiet oħra legali jew reġjonali). Il-prova tal-finanzjament konġunt trid tiġi inkluża fir-rapport finali.

Il-kontribuzzjonijiet ta' l-ammont b'rata fissa u l-livelli ta' l-ispejjeż ta' l-unità m'humiex affettwati minn din ir-regola. Il-kontribuzzjonijiet mħallsa b'oġġetti jitqiesu bħala sors eliġibbli ta' finanzjament b'mod konġunt.

#### Il-perjodu ta' l-eliġibbiltà - distinzjoni bejn id-dati tal-proġett u d-dati ta' l-attivitajiet

Id-dati tal-proġett ikopru l-perjodu sħiħ mill-preparazzjoni inizjali għall-valutazzjoni aħħarija. Id-dati ta' l-attività jirreferu għall-perjodu li matulu ssir l-attività attwali

(eż. il-jum meta l-voluntier jasal fil-pajjiż fejn se jkun milqugħ sal-jum tat-tluq, l-ewwel u l-aħħar jum ta' Skambju taż-Żgħażagħ, eċċ.).

Il-proġetti magħżulin m'għandhomx jibdew qabel iż-żmien indikat fit-tabella ta' hawn fuq. Huwa rrakkomandat b'mod qawwi li l-attivitajiet ma jibdewx fl-ewwel jum tal-perjodu tal-proġett, għaliex dan ikun ifisser li l-ispejjeż marbuta max-xogħol preparatorju jkunu mġarrba qabel il-perjodu tal-proġett u ma jkunux jistgħu jiġu koperti mill-għotja.

Għall-proġetti magħżulin fuq livell nazzjonali, ir-rapport finali ta' proġett għandu jintbagħat lill-Aġenziji Nazzjonali u għall-progetti magħżulin fuq livell Ewropew għandu jintbagħat lill-Aġenzija Eżekuttiva, sa mhux aktar tard minn xahrejn wara t-tmiem tal-proġett.

**Mingħajr retroattività**

L-ebda għotja ma tista' tingħata b'mod retrospettiv għal proġetti li diġà tlestew.

Tista' tingħata għotja għal proġett li jkun diġà nbeda biss fejn l-applikant ikun jista' juri l-ħtieġa li kellu biex jibda l-proġett qabel ma' l-ftehim ġie ffirmat. F'każijiet bħal dawn, l-ispiża eliġibbli għall-finanzjament tista' ma tkunx saret qabel id-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għall-għotja.

IMPORTANTI: Il-bidu ta' proġett qabel l-iffirmar tal-ftehim isir għar-riskju ta' l-organizzazzjoni u dan ma jagħmilhiex aktar probabbli li se tingħata għotja.

## Liema għajnuna hija disponsibbli?

### Il-metodu ta' appoġġ

Il-metodu ta' appoġġ tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** jikkonsisti minn utenti ta' gwida tal-Programm fil-fażijiet kollha, mill-ewwel kuntatt mal-Programm permezz tal-proċess ta' l-applikazzjoni sat-twettiq tal-proġett u l-valutazzjoni finali.

Dan il-prinċipju m'għandux jikkontradixxi l-proċeduri ġusti u trasparenti ta' l-għażla. Madankollu, huwa bbażat fuq l-idea li biex tkun garantita opportunità indaqs għal kulħadd, huwa meħtieġ li tingħata aktar għajnuna lil xi gruppi ta' żgħażagħ permezz ta' għoti ta' pariri, għoti ta' gwida, monitoraġġ, u sistemi ta' għoti ta' taħriġ.

Għalhekk, prinċipju importanti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** huwa l-għoti ta' għajnuna, taħriġ u pariri għall-applikanti fuq livelli differenti. Fuq livell deċentralizzat, l-Aġenzija Nazzjonali u n-netwerk ta' l-Eurodesk jipprovdu taħriġ u informazzjoni. Fuq livell ċentralizzat, tiġi pprovduta għajnuna permezz ta' l-Aġenzija Eżekuttiva u n-netwerk SALTO.

L-Anness għal din il-Gwida tal-Programm jinkludi lista u dettalji ta' kuntatt għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Aġenzija Eżekuttiva, għall-Aġenziji Nazzjonali, għaċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO, għan-netwerk ta' l-Eurodesk u għas-Sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill ta' l-Ewropa.

### L-istrateġija ta' taħriġ taż-Żgħażagħ Attivi

L-Istrateġija Ewropea ta' Taħriġ tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** hija kkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea u għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kwalità tas-sistemi ta' appoġġ għall-attivitajiet u l-ħiliet ta' organizzazzjonijiet soċjali ċivili fil-qasam taż-żgħażagħ, u hija l-element ewlieni ta' metodu koerenti ta' kwalità tal-Programm, li tinkludi miżuri ta' komunikazzjoni, ir-rikonoxximent ta' attivitajiet ta' tagħlim mhux formali, il-kooperazzjoni ta' l-parteċipanti kollha u l-attivitajiet ta' riċerka prattika dwar iż-żgħażagħ u l-edukazzjoni.

L-Istrateġija Ewropea ta' Taħriġ ta' **Żgħażagħ Attivi** hija l-istrument prinċipali tal-Programm għall-iżvilupp sostenibbli ta' kapaċitajiet ta' dawk li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ u parteċipanti oħra essenzjali. L-istrateġija ta' taħriġ tipprovdi appoġġ għall-parteċipanti essenzjali biex dawn jiġu f'kuntatt ma' attitudnijiet u kompetenzi meħtieġa, b'mod speċjali fil-qasam tat-taħriġ mhux formali u l-ħidma maż-żgħażagħ fuq livell Ewropew u f'kuntest Ewropew.

Il-partijiet interessanti ewlenin huma:

L-Aġenziji Nazzjonali;
Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO;
Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa;
L-NGOs, li huma attivi fil-qasam taż-żgħażagħ;
Persuni Ewropej li jagħtu t-taħriġ.

L-elementi prinċipali huma:

- il-Pjanijiet ta' Taħriġ u Kooperazzjoni (TCPs), l-istrumenti ta' appoġġ ta' kwalità ta' l-Aġenziji Nazzjonali fir-rwol tagħhom bħala struttura intermedjarja:
- it-taħriġ għall-istaff ta' l-Aġenziji Nazzjonali u għall-istaff ta' strutturi oħra tal-Programm
- iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO li joffru appoġġ relatat mal-kontenut għall-Aġenziji Nazzjonali, għall-organizzazzjonijiet u għall-individwi;
- ir-riżorsi tas-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam taż-żgħażagħ;
- it-Taħriġ u n-Netwerking ta' l-Azzjoni 4.3 għal dawk li huma attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ.

## L-Aġenziji Nazzjonali

L-**Aġenziji Nazzjonali** (ANs) jipprovdu taħriġ u informazzjoni ġenerali dwar il-possibilitajiet ta' taħriġ għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti.

Kull Aġenzija Nazzjonali

- toffri sett ta' taħriġ, seminars u laqgħat ta' diskussjoni nazzjonali u internazzjonali lill-persuni li huma interessati jew li diġà huma involuti fil-proġetti **Żgħażagħ Attivi**,
- tagħti pariri, informazzjoni u għajnuna lill-parteċipanti, lill-koordinaturi tal-proġetti, lill-imsieħba attwali u potenzjali u lill-benefiċjarji matul il-proċess kollu ta' ppjanar u ta' twettiq tal-proġetti;
- tgħin fil-bini, fl-iżvilupp u fil-konsolidament tas-sħubijiet transnazzjonali bejn id-diversi parteċipanti fil-Programm;
- tipprovdi għadd ta' informazzjoni dwar il-Programm, ir-regoli u l-prattika tiegħu;
- torganizza konferenzi, laqgħat, seminars u avvenimenti oħra biex tinforma lill-udjenzi mmirati bil-Programm, ittejjeb il-ġestjoni u l-preżentazzjoni tiegħu, ixxerred riżultati u prattika tajba.

## Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi **SALTO** (*Support for Advanced Learning and Training Opportunities* - Appoġġ għal Opportunitajiet ta' Taħriġ u Tagħlim Avvanzat) jipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ u kooperazzjoni bl-għan ta' titjib fil-kwalità u ta' rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali.

Xogħlhom huwa kompost minn:

- organizzazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ, żjajjar ta' studju, forums u attivitajiet għall-bini ta' sħubija;
- żvilupp u dokumentazzjoni ta' taħriġ u ta' metodi u għodda għax-xogħol taż-żgħażagħ;
- għoti ta' deskrizzjoni ġenerali dwar l-attivitajiet Ewropej ta' taħrig li huma miftuħa għal dawk li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ permezz tal-Kalendarju Ewropew ta' Taħriġ;
- żvilupp ta' pubblikazzjonijiet prattiċi;
- forniment ta' informazzjoni aġġornata dwar il-ħidma Ewropea taż-żgħażagħ u l-prijorijiet differenti;

forniment ta' *database* ta' persuni li jħarrġu u ta' persuni ta' riżorsi fil-qasam tal-ħidma u t-taħriġ taż-żgħażagħ;
koordinazzjoni tal-*Youthpass*.

## L-Eurodesks

In-netwerk ta' l-**Eurodesk** jittrasmetti informazzjoni ġenerali fil-qasam taż-żgħażagħ u jgħin fit-tixrid ta' informazzjoni li tikkonċerna l-Programm **Żgħażagħ Attivi**. L-imsieħba nazzjonali ta' l-Eurodesk jipprovdu firxa ta' servizzi ta' informazzjoni pubbliċi Ewropej fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, li jistgħu jinkludu:
tweġibiet għal mistoqsijiet bla ħlas – permezz tat-telefon, ta' żjarat, ta' l-email, tal-faks, eċċ.;
pariri u għajnuna lil dawk li jagħmlu l-mistoqsijiet;
pubblikazzjonijiet u riżorsi;
avvenimenti, konferenzi, seminars, eċċ.;
aċċess permezz ta' l-internet għal informazzjoni Ewropea;
servizzi ta' taħriġ u ta' appoġġ.

L-Eurodesk jipprovdi wkoll kontenut għall-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u joffri servizzi ta' informazzjoni u dettalji għal kuntatt *online* permezz tal-websajt tiegħu.

In-netwerk jikkontribwixxi għall-aġġornament tad-*data* fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u jkabbar il-promozzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tiegħu. Għal dan il-għan, l-Eurodesk jikkoopera ma' netwerks ta' informazzjoni taż-żgħażagħ rilevanti oħra, b'mod partikolari ma' l-Aġenzija Ewropea għall-Informazzjoni u għall-Għoti ta' Pariri liż-Żgħażagħ (ERYICA) u lill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kard taż-Żgħażagħ (EYCA).

## L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

L-**Aġenzijia Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura**, mid-desk tagħha ta' għajnuna għaż-żgħażagħ, tipprovdi appoġġ biex tgħin fil-kisba ta' livelli għolja ta' kwalità fil-ġestjoni tal-proġetti u tipprovdi appoġġ tekniku lill-parteċipanti kollha involuti fi proġett taż-żgħażagħ internazzjonali u fl-Ewropa kollha, b'interess partikolari għal benefiċjarji u parteċipanti bbażati f'pajjiżi fejn l-Aġenziji Nazzjonali m'humiex preżenti (reġjuni tax-Xlokk ta' l-Ewropa, l-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu, l-Amerika Latina u l-pajjiżi ta' l-ACP)

B'mod partikolari d-desk ta' l-għajnuna għaż-żgħażagħ iwettaq dawn il-kompiti li ġejjin. Dan:
jipprovdi għajnuna lill-promoturi, organizzazzjonijiet u parteċipanti tal-proġett dwar talbiet speċifiċi;
jappoġġja l-ħruġ ta' viża u l-għodda għat-tixrid ta' l-aħjar prattika biex jgħin lill-promoturi taż-żgħażagħ jegħlbu ostakli relatati mal-mobilità transnazzjonali;
jipprovdi għajnuna għall-ġestjoni ta' kriżi;
jappoġġja l-akkreditazzjoni ta' organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fi proġetti tas-servizz volontarju Ewropew;
jipprovdi taħriġ u l-kontrol tax-xogħol għall-Aġenziji Nazzjonali, fuq il-bażi ta' ħtiġijiet identifikati mill-Kummissjoni Ewropea.

## Is-Sħubija

Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam tal-politika taż-żgħażagħ, tar-riċerka taż-żgħażagħ u tax-xogħol taż-żgħażagħ ("Is-Sħubija") tipprovdi informazzjoni utli dwar il-kuntest tal-politika taż-żgħażagħ fl-Ewropa u għodda li tista' tintuża għall-ippjanar u għall-implimentazzjoni tal-proġetti.

L-attivitajiet ewlenin huma t-taħriġ, is-seminars u l-laqgħat tan-netwerk li jinvolvu lil dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ, lill-mexxejja ta' l-għaqdiet taż-żgħażagħ, lil dawk li jħarrġu, lir-riċerkaturi, lil dawk li jfasslu l-politika, lill-esperti u lill-prattikanti dwar suġġetti li ssemmew aktar 'il fuq u li jikkontribwixxu għad-djalogu strutturat.

L-attivitajiet jiffokaw partikolarment fuq iċ-ċittadinanza Ewropea u fuq l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, fuq id-djalogu u l-kooperazzjoni interkulturali, fuq il-kwalità tax-xogħol u tat-taħriġ taż-żgħażagħ, fuq ir-rikonoxximent u l-viżibbiltà tax-xogħol taż-żgħażagħ, fuq fehim u għarfien aħjar taż-żgħażagħ, fuq l-iżvilupp tal-politika taż-żgħażagħ, fuq il-promozzjoni tal-fehim ta' u r-rispett għad-diversità kulturali. Parti mill-attivitajiet għandhom punt fokali reġjonali, pereżempju fuq pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Iċ-Ċentru Ewropew ta' l-Għarfien għall-Politika taż-Żgħażagħ (EKCYP) jikkostitwixxi punt ta' dħul uniku biex wieħed isib informazzjoni aġġornata bbażata fuq ir-riċerka dwar ir-realtajiet taż-żgħażagħ ma' l-Ewropa kollha. Jippromwovi skambju ta' informazzjoni u ta' djalogu bejn dawk li jfasslu l-politika, il-prattikanti u r-riċerkaturi taż-żgħażagħ.

Ir-riżultati tas-Sħubija jinxterdu permezz tat-trasferiment tal-moduli ta' taħriġ, tal-websajt tas-Sħubija u tal-pubblikazzjonijiet ta' riċerka. It-Tagħmir għat-Taħriġ huma manwali tematiċi li jistgħu jintużaw fi proġetti taż-**Żgħażagħ Attivi.**

# Karatteristiċi importanti tal-Programm Żgħażagħ Attivi

## It-tagħlim mhux formali

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jipprovdi opportunitajiet importanti għaż-żgħażagħ biex jiksbu ħiliet u kompetenzi. Għalhekk huwa strument essenzjali għat-tagħlim mhux formali u informali f'dimensjoni Ewropea.

It-tagħlim mhux formali u informali fil-Programm **Żgħażagħ Attivi** jsir f'sensiela varjata u wiesgħa ta' modi. It-tagħlim fil-qasam taż-żgħażagħ jipprovdi strumenti importanti u effettivi biex jagħmlu t-tagħlim attraenti, jiżviluppaw rieda għat-tagħlim tul il-ħajja u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali taż-żgħażagħ.

It-tagħlim mhux formali u informali jagħmilha possibbli għaż-żgħażagħ biex jiksbu ħiliet essenzjali u jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali, għall-inklużjoni soċjali u għaċ-ċittadinanza attiva tagħhom, u b'hekk itejbu l-prospetti tagħhom ta' impjieg. L-attivitajiet ta' tagħlim fil-qasam taż-żgħażagħ jipprovdu valur miżjud sinifikanti għas-soċjetà, għall-ekonomija u għaż-żgħażagħ stess.

L-attivitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali fi ħdan il-Programm **Żgħażagħ Attivi** huma komplementari għas-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni formali. Dawn ghandhom approċċ parteċipattiv u ffokat fuq min jitgħallem, isiru fuq bażi volontarja u huma għalhekk marbutin ħafna mal-ħtiġijiet, ma' l-aspirazzjonijiet u ma' l-interessi taż-żgħażagħ. Billi jipprovdu sorsi supplimentari ta' tagħlim u rotta għat-taħriġ u l-edukazzjoni formali, attivitajiet bħal dawn huma partikolarment rilevanti għal żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

*Tqies l-abbozz tal-linji ta' gwida tal-Karta Ewropea ta' Kwalità favur il-mobilità meta tfissret u ġiet ivvalutata l-kwalità ta'mobilità u tat-tagħlim mhux formali fil-Programm* **Żgħażagħ Attivi.** *Dan huwa rifless b'mod ċar mill-kriteriji ta' l-għoti ta' Azzjonijiet u sotto-Azzjonijiet differenti, mill-metodu ta' appoġġ mill-Kummissjoni u mill-Aġenziji Nazzjonali lejn il-gruppi ta' mira tal-Programm, mid-definizzjoni ta' drittijiet u responsabilitajiet fis-Servizz Volontarju Ewropej, u fl-aħħar nett, mill-enfasi fuq ir-rikonoxximent ta' l-esperjenza tat-tagħlim mhux formali.*

Il-proġetti ffinanzjati mill-Programm **Żgħażagħ Attivi** jridu jsegwu l-prinċipji ta' tagħlim mhux formali. Dawn huma:

- it-tagħlim permezz ta' tagħlim mhux formali huwa intenzjonat u volontarju;
- l-edukazzjoni ssir f'medda diversa ta' ambjenti u sitwazzjonijiet li għalihom it-tagħlim u t-taħriġ m'humiex neċessarjament l-unika attività jew l-attività prinċipali;
- l-attivitajiet jistgħu jkunu pprovduti bi staff ta' persuni professjonali li jgħinu fit-tagħlim (bħal persuni li jħarrġu jew li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ) jew voluntieri (bħal min imexxi għaqdiet taż-żgħażagħ jew min iħarreġ liż-żgħażagħ),
- l-attivitajiet huma ppjanati, iżda narament huma strutturati minn ritmi konvezjonali jew suġġetti tal-kurrikulu;

ġeneralment l-attivitajiet jindirizzaw gruppi ta' mira speċifiċi u tagħlim b'dokumentazzjoni b'mod speċifiku, li huwa orjentat lejn xi qasam.

## Ir-rikonoxximent ta' tagħlim mhux formali fiż-Żgħażagħ Attivi

Il-*Youthpass* huwa l-istrument ta' tisħiħ u rikonoxximent għall-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Permezz taċ-ċertifikat tal-*Youthpass* il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-esperjenza tat-tagħlim miksuba mill-Programm **Żgħażagħ Attivi** tkun rikonoxxuta bħala esperjenza edukattiva u perjodu ta' tagħlim mhux formali.

Parteċipanti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** huma intitolati sabiex tiġi rikonoxxuta l-esperjenza ta' tagħlim mhux formali tagħhom li jkunu kisbu mill-impenn tagħhom fi proġett ta' **Żgħażagħ Attivi**.
Għal aktar informazzjoni l-applikanti huma mistiedna jikkunttatjaw it-Taħriġ u l-Kooperazzjoni SALTO fil-Ġermanja (ara d-dettalji tal-kuntatt fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm).

## Il-viżibbiltà tal-Programm Żgħażagħ Attivi

Il-proġetti kollha ffinanzjati taħt il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jridu jipprovdu valur promozzjonali miżjud ċar għall-Programm.

Li tiżdied il-viżibbiltà tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** tfisser, pereżempju, li l-attivitajiet u l-prodotti fil-Programm iridu jsemmu b'mod ċar li huma rċevew appoġġ mill-Kummissjoni (inkluż permezz ta' l-użu ta' lowgos Ewropej u taż-**Żgħażagħ Attivi**).

Kull proġett għandu wkoll jikkomunika, sa ċertu punt, il-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Dawk imsieħba fil-proġett għandhom jagħmlu użu mill-opportunitajiet kollha biex ikollhom kopertura xierqa mill-mezzi tax-xandir (lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali) għall-attivitajiet tagħhom, qabel u waqt l-implimentazzjoni tagħhom.

L-għan politiku huwa li jiżgura li l-benefiċjarji kollha jkunu konxji mill-fatt li huma qed jipparteċipaw fi Programm Ewropew, iżda wkoll li juri lill-pubbliku ġenerali li l-Unjoni Ewropea qed toħloq opportunitajiet ta' tagħlim għaż-żgħażagħ.

## Il-valorizzazzjoni u t-tixrid tar-riżultati

Il-valorizzazzjoni tista' tiġi definita bħala l-proċess ta' tixrid u użu tar-riżultati tal-proġetti, bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu mill-valur tagħhom, li jissaħħaħ l-impatt tagħhom u li l-aktar numru possibli ta' żgħażagħ fl-Ewropa jibbenefikaw minnhom.

Dan jimplika t-trasferiment ta' riżultati lejn il-persuni interessati xierqa u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar. Sabiex ikollhom impatt (fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali, u f'xi każijiet ukoll Ewropew), ir-riżultati tal-proġetti kollha **Żgħażagħ Attivi** jeħtieġ li jipproduċu effetti li jdumu jinħassu u jeħtieġ wkoll li jkunu magħrufa aħjar u użati b'mod attiv.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ta' valorizzazzjoni li għandha l-għan tat-tixrid u l-użu sistematiku tar-riżultati tal-proġetti fuq livelli varji. Id-diversi

parteċipanti involuti fil-Programm (il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenziji Nazzjonali, il-promoturi tal-proġetti, eċċ.) għandhom rwol speċifiku f'dan is-sens, u jwettqu attivitajiet varji għal dan il-għan.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-promoturi tal-proġetti, dawn għandhom iwettqu attivitajiet, bl-għan li jagħmlu l-proġetti u r-riżultati tagħhom aktar viżibbli, magħrufa aħjar u sostenibbli. Dan ifisser li r-riżultati ta' proġett se jkomplu jintużaw u se jkollhom effett pożittiv fuq l-akbar numru possibbli ta' żgħażagħ, ladarba l-proġett ikun intemm. Billi jippjanaw attivitajiet ta' valorizzazzjoni bħala parti mill-proġetti tagħhom, il-promoturi se jżidu l-kwalità ta' xogħol tagħhom u se jikkontribwixxu b'mod attiv għall-impatt totali tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

Minħabba n-natura eteroġenja tal-ħames Azzjonijiet tal-Programm, jeħtieġ li l-proġetti jiżviluppaw approċċi ta' valorizzazzjoni differenti.

Pereżempju, proġetti żgħar jistgħu jimmiraw aktar biex ikollhom impatt fuq livell lokali billi jwettqu attivitajiet ta' viżibilità u billi titqajjem il-kuxjenza tal-parteċipanti.

Bil-kuntrarju, proġetti akbar, li huma bbażati fuq sħubijiet akbar, jistgħu jkunu aktar ambizzjużi u jkollhom l-għan li joħolqu impatt fuq livell settorjali jew nazzjonali u Ewropew permezz ta' strateġija għat-tixrid, għall-isfruttament u għas-segwitu tar-riżultati tagħhom.

Ċerti attivitajiet supplimentari ta' segwitu jistgħu jiġu appoġġjati mill-Programm **Żgħażagħ Attivi** sabiex iżidu l-benefiċċji li jistgħu jittieħdu mill-proċess ta' valorizzazzjoni.

## In-nuqqas ta' diskriminazzjoni

In-nuqqas ta' diskriminazzjoni huwa element ewlieni tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

Il-Programm għandu jkun aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha mingħajr l-ebda forma ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, origini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali.

## L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ġiet imsaħħa fit-Trattat ta' Amsterdam u hija waħda mill-prijoritajiet għall-iżvilupp ta' l-impjiegi fil-Komunità Ewropea.

L-Istati Membri kollha ddeċidew li jinkludu l-prinċipji ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (jew 'ugwaljanza bejn is-sessi') fl-istrateġiji politiċi u l-azzjonijiet kollha fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u tal-kultura.

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** għandu l-għan li jilħaq numru indaqs ta' parteċipanti nisa u irġiel, mhux biss globalment, iżda wkoll fi ħdan kull sotto-Azzjoni. Fuq livell ta' strutturi tal-Programm, dan ifisser li kemm jista' jkun għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jistimulaw l-interess u l-parteċipazzjoni ta' l-inqas sess rappreżentat f'kull sotto-Azzjoni.

## Il-ħarsien u s-sigurtà tat-tfal

Il-ħarsien u s-sigurtà tat-tfal huma prinċipji importanti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Il-ħarsien tat-tfal f'dan il-kuntest jitqies f'sens wiesa' li jkopri kull xorta ta' mġiba mhux xierqa, inkluż il-fastidju sesswali u morali, iżda wkoll problemi interkulturali, aċċidenti, nirien, eċċ. L-istrateġija dwar il-ħarsien tat-tfal adottata għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** tiffoka fuq il-prevenzjoni.

Il-linji ta' gwida dwar il-ħarsien tat-tfal huma disponibbli mill-Aġenziji Nazzjonali u mill-Aġenzija Eżekuttiva u jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-Kummissjoni.

F'attivitajiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**, irid ikun hemm numru suffiċjenti ta' mexxejja ta' għaqdiet taż-żgħażagħ sabiex ikun żgurat it-tagħlim effettiv u l-ħarsien taż-żgħażagħ. Meta ż-żewġ sessi jkunu qed jieħdu sehem fi proġett, il-grupp tal-mexxejja preferibbilment se jinkludi ż-żewġ sessi.

## Il-multilingwiżmu

Kif stabbilit fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "L-Unjoni multilingwi"[17], il-Kummissjoni twiegħed li tuża l-Programmi tagħha biex tippromwovi l-multilingwiżmu, billi żżomm f'moħħha żewġ għanijiet fit-tul: li tgħin biex toħloq soċjetà li tagħmel l-aħjar użu mid-diversità lingwistika u tħeġġeg liċ-ċittadini biex jitgħallmu lingwi barranin.

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jissodisfa dawn l-għanijiet billi jlaqqa' flimkien żgħażagħ ta' nazzjonalitajiet u lingwi differenti u billi jagħtihom l-opportunità li jieħdu sehem f'attivitajiet barra minn xtuthom. Għalkemm **Żgħażagħ Attivi** m'huwiex Programm lingwistiku, huwa madankollu Programm ta' tagħlim mhux formali li jagħti liż-żgħażagħ l-opportunità li jsiru midħla ma' lingwi u kulturi oħra.

Il-parteċipanti li jieħdu sehem fil-proġetti huma mistiedna biex jirriflettu dwar l-użu ta' lingwi differenti fil-proġett.

[17] COM (2005)596

# C. Azzjoni 1- Iż-żgħażagħ għall-Ewropa

## X'inhuma l-għanijiet ta' l-Azzjoni?

**Azzjoni 1 – Iż-żgħażagħ għall-Ewropa** tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** taspira li tilħaq l-għan ġenerali tal-Programm biex tippromwovi ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ b'mod ġenerali u ċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom b'mod partikolari.
Dan l-għan ġenerali se jintlaħaq b'mod partikolari billi:

- jagħti liż-żgħażagħ u 'l organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ l-opportunità li jieħdu sehem fl-iżvilupp tas-soċjetà b'mod generali u f'dak ta' l-Unjoni Ewropea b'mod partikolari;
- jiżviluppa s-sens ta' appartenenza taż-żgħażagħ għall-Unjoni Ewropea;
- iħeġġeġ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika ta' l-Ewropa;
- iħeġġeġ il-mobilità taż-żgħażagħ fl-Ewropa;
- jiżviluppa t-tagħlim interkulturali fil-qasam taż-żgħażagħ;
- jippromwovi l-valuri fundamentali ta' l-Unjoni fost iż-żgħażagħ, b'mod partikolari r-rispett għad-dinjità umana, l-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet umani, it-tolleranza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, inkluż iż-żgħażagħ b'diżabilitajiet;
- iħeġġeġ l-inizjattiva, l-intrapriża u l-kreattività;
- jiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-Programm taż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet;
- jiżgura li l-prinċipju ta' ugwaljanza għall-irġiel u għan-nisa jkun rispettat fil-parteċipazzjoni fil-Programm u li titrawwem l-ugwaljanza tas-sessi fl-Azzjonijiet;
- jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali b'dimensjoni Ewropea u joħloq opportunitajiet innovattivi b'rabta maċ-ċittadinanza attiva.

## X'tipi ta' attivitajiet huma eliġibbli?

Azzjoni 1 – Iż-żgħażagħ għall-Ewropa – hija maqsuma fi tliet sotto-Azzjonijiet u sejħa għall-proposti. Din tappoġġja:

- L-Iskambju taż-Żgħażagħ (Azzjoni 1.1.)
- L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ (Azzjoni 1.2.)
- Il-Proġetti ta' Demokrazija għaż-Żgħażagħ (Azzjoni 1.3.)
- Il-proġetti pilota dwar netwerking tematiku

### Il-ftehimiet finanzjarji għal numru ta' attivitajiet imħalltin

Benefiċjarju li jorganizza diversi proġetti ta' l-Azzjoni 1 fuq perjodu ta' 18 xahar jista' jippreżenta prosposta waħda tal-proġett li tgħaqqad sa ħames attivitajiet. Attivitajiet bilaterali u trilaterali ta' Skambju taż-Żgħażagħ huma esklużi.
Il-proposta jista' jkollha din l-istruttura:

1) Il-proposta tista' tgħaqqad bejn tnejn u ħames attivitajiet ta' l-istess tip (pereżempju tliet Skambji Multilaterali taż-Żgħażagħ)
2) Il-proposta tista' tgħaqqad bejn tnejn u ħames attivitajiet ta' tipi differenti (pereżempju Skambju Multilaterali taż-Żgħażagħ wieħed, żewg Inizjattivi taż-Żgħażagħ u Proġett wieħed ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ).

# Azzjoni 1.1 - L-Iskambju taż-Żgħażagħ

## X'inhu l-Iskambju taż-Żgħażagħ?

Skambju taż-Żgħażagħ jippermetti li grupp jew aktar ta' żgħażagħ jiġu milqugħa minn grupp minn pajjiż ieħor, sabiex flimkien jipparteċipaw fi Programm konġunt ta' attivitajiet. L-Iskambji taż-Żgħażagħ huma mmirati għal gruppi ta' żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-25 sena.

Dawn l-attivitajiet, ibbażati fuq sbuħija transnazzjonali, jinvolvu l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ u huma maħsuba biex jagħtuhom l-opportunità li jiskopru u jsiru konxji minn realtajiet soċjali u kulturali differenti, biex jitgħallmu minn xulxin u biex isaħħu s-sentiment tagħhom ta' ċittadini Ewropej. Iż-żgħażagħ jistgħu għalhekk jindunaw bix-xebh u d-differenzi bejn il-kulturi tagħhom. Barra dan, l-effett ta' Skambju taż-Żgħażagħ fuq il-popolazzjoni lokali jista' jqajjem aktar sens ta' għarfien pożittiv ta' kulturi oħra u jista' jkollu impatt mhux biss fuq iż-żgħażagħ infushom u l-attivitajiet ta' l-assoċjazzjonijiet tagħhom, iżda wkoll fuq il-komunitajiet lokali.

L-enfasi tinsab fuq attivitajiet multilaterali ta' mobilità ta' gruppi, iżda l-Iskambji bilaterali taż-Żgħażagħ m'humiex esklużi. L-iskambju bilaterali ta' gruppi huwa ġġustifikat speċjalment fejn dan ikun l-ewwel attività Ewropea jew fejn il-parteċipanti jkunu gruppi lokali jew fuq skala żgħira mingħajr esperjenza fil-livell Ewropew. L-iskambji għaż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet huma partikolarment milqugħa b'merħba, sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm.

Din l-Azzjoni tappoġġja wkoll il-preparazzjoni u l-attivitajiet ta' segwitu, bl-għan li ssaħħaħ il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fl-iskambju, b'mod partikolari f'dawk l-attivitajiet maħsuba biex jgħinu liż-żgħażagħ fuq livell lingwistiku u interkulturali.

## Nota: x' m'huwiex Skambju taż-Żgħażagħ

Dawn l-attivitajiet li ġejjin b'mod partikolari M'HUMIEX eliġibbli għall-għotjiet taħt l-Iskambji taż-Żgħażagħ:

- laqgħat statutorji ta' organizzazzjonijiet;
- vjaġġi ta' btala;
- korsijiet lingwistiċi;
- skambji ta' klassijiet ta' l-iskejjel;
- mawriet ta' studju akkademiku;
- żjajjar ta' rendiment;
- attivitajiet ta' skambju li jistgħu jikklassifikaw bħala turiżmu;
- attivitajiet ta' skambju bi skop ta' qligħ finanzjarju;
- kampijiet ta' ħidma;
- kompetizzjonijiet sportivi;
- festivals.

## X'inhuma l-kriteriji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriteriji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B.

Il-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn:

### Il-gruppi msieħba

Kull Skambju taż-Żgħażagħ għandu grupp wieħed imsieħeb li jilqa' u grupp wieħed imsieħeb (skambju bilaterali) jew aktar (skambju trilaterali jew multilaterali) li jibgħat. Kull skambju jrid jinvolvi mill-inqas żewġ Pajjiżi differenti tal-Programm, li minnhom għall-inqas wieħed ikun Stat Membru ta' l-UE.

Kull grupp imsieħeb għandu rappreżentant. Ir-rappreżentanti tal-gruppi li jilqgħu u ta' dawk li jibagħtu se jkunu responsabbli b'mod konġunt mit-twettiq u s-superviżjoni tal-proġett kif inhu xieraq, u biex jiżguraw li jkun hemm l-involviment attiv tal-parteċipanti kollha.

Imsieħeb irid ikun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita b'mod legali f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm jew entità pubblika lokali, reġjonali jew nazzjonali involuta fix-xogħol taż-żgħażagħ jew
grupp informali ta' żgħażagħ.

F'każ ta' grupp informali, wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp (ir-rappreżentant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà biex jissottometti l-applikazzjoni u jiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

### Il-parteċipanti

Iż-żgħażagħ bejn it-13 u l-25 sena li huma residenti f'Pajjiż tal-Programm jistgħu jipparteċipaw fi Skambju taż-Żgħażagħ. Numru żgħir ta' parteċipanti ta' grupp jistgħu jkollhom aktar minn 25 sena, iżda l-parteċipanti ma' jridx ikollhom aktar minn 30 sena, meta tagħlaq l-applikazzjoni.

Kull Skambju taż-Żgħażagħ irid ikollu minimu ta' 16 u massimu ta 60 parteċipant, bil-mexxejja tal-gruppi mhux inklużi.

Il-gruppi msieħba jridu jkunu bilanċjati f'termini ta' numri ta' parteċipanti. Il-proġetti bilaterali jeħtieġ li jkollhom mill-inqas tmien parteċipanti għal kull grupp imsieħeb; il-proġetti trilaterali, mill-inqas sitt parteċipanti għal kull grupp imsieħeb. Grupp imsieħeb irid ikun magħmul minn mill-inqas erba' parteċipanti fi proġetti multilaterali.

### Il-mexxejja tal-gruppi

Kull grupp imsieħeb irid ikollu mexxej jew diversi **mexxejja taż-żgħażagħ** li jakkompanjaw liż-żgħażagħ li jipparteċipaw fl-iskambju skond id-daqs u l-karatteristiċi tal-gruppi ta' mira, sabiex jiżguraw it-tagħlim effettiv u s-sigurtà taż-żgħażagħ. Mexxej ta' grupp jista' jagħmilha ta' rappreżentant.

### It-tul ta' żmien

It-tul ta' żmien ta' proġett ta' Skambji taż-Żgħażagħ, inkluż il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-attività ta' segwitu hu sa 15-il xahar.

It-tul ta' żmien ta' l-attività ta' skambju jrid ikun ta' bejn 6 u 21 jum (bil-ġranet tal-vjaġġ inklużi).

#### Il-Post

L-attività ta' skambju ġeneralment issir fil-pajjiż tal-grupp imsieħeb ospitanti.

Skambju taż-Żgħażagħ jista' jkun itineranti, billi jimplika l-movimenti taż-żgħażagħ kollha involuti f'żewġ Pajjiżi tal-Programm matul l-attività ta' skambju.

#### It-tema

L-Iskambji taż-Żgħażagħ irid ikollhom konċett tematiku, li l-gruppi msieħba jixtiequ jesploraw flimkien, minħabba r-rilevanza tiegħu ma' l-esperjenzi tagħhom ta' kuljum. It-tema magħżula għandha tiġi tradotta fl-attivitajiet konkreti ta' kuljum ta' l-attività ta' skambju. Eżempji ta' temi huma l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà, ir-razziżmu, il-ksenofobija, il-wirt lokali, l-ambjent jew l-abbuż mid-drogi, eċċ. L-Iskambju taż-Żgħażagħ irid ikollu dimensjoni Ewropea ċara.

#### Il-ħarsien u s-sigurtà tat-tfal

Kull Skambju taż-Żgħażagħ irid jiżgura superviżjoni xierqa taż-żgħażagħ biex jiżgura l-ħarsien, is-sigurtà u t-tagħlim effettiv tagħhom.

### X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

### X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:
- il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
- ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
- id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
- l-impatt mistenni mill-proġett;
- il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
- il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

L-għotjiet għall-Iskambji taż-Żgħażagħ se jingħataw lill-Iskambji taż-Żgħażagħ li jirriflettu bl-aħjar mod il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali.
Barra minn dan, jistgħu jiġu stabbiliti prijorijiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u/jew fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm .

Iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet huma grupp fundamentali ta' mira ta' din l-Azzjoni. Għalhekk, l-Iskambji taż-Żgħażagħ li jinvolvu jew jagħmlu ġid liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet se jingħataw prijorità fil-proċess ta' l-għażla.

L-Iskambji multilaterali u trilaterali taż-Żgħażagħ huma mogħtija prijorità, ladarba l-valur miżjud Ewropew fi skambji bħal dawn huwa akbar. L-Iskambji Bilaterali taż-Żgħażagħ huma maħsuba għal dawk il-gruppi msieħba, li m'organizzawx Skambji taż-Żgħażagħ qabel jew li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet.

Il-parteċipazzjoni ta' assoċjazzjonijiet żgħar u/jew lokali hija mħeġġa.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

#### Il- Programm u l-metodi ta' ħidma

Meta tippjana Skambju taż-Żgħażagħ, huwa essenzjali li tistabbilixxi Programm ċar u strutturat ta' l-attivitajiet ta' kuljum li jikkorrispondi għat-tema u għall-għan.

Il-Programm ta' kuljum u l-metodi ta' ħidma jridu jinvolvu b'mod attiv lill-parteċipanti kollha u jistimulaw proċess ta' tagħlim.

Il-metodi interkulturali ta' ħidma għandhom jippermettu lill-parteċipanti li jesploraw suġġetti differenti fuq bażi ugwali, irrispettivament mill-ħiliet lingwistiċi tagħhom jew kapaċitajiet oħrajn. L-Iskambju taż-Żgħażagħ għandu jkollu l-għan li jippromwovi għarfien pożittiv ta' kulturi oħra.

#### L-esperjenzi ta' tagħlim mhux formali

L-Iskambju taż-Żgħażagħ għandu jikkontribwixxi għall-proċess ta' edukazzjoni taż-żgħażagħ u jżid l-għarfien tagħhom tal-kuntest Ewropew/internazzjonali li fih jgħixu. Il-proġett għandu jsegwi l-prinċipji ta' tagħlim mhux formali.

#### Id-Dimensjoni Ewropea

Id-dimensjoni Ewropea ta' proġett tista' tkun riflessa mill-karatteristiċi li ġejjin:

- il-proġett irawwem is-sens ta' ċittadinanza Ewropea taż-żgħażagħ u jgħinhom jifhmu r-rwol tagħhom bħala parti mill-preżent u mill-futur ta' l-Ewropa;
- il-proġett jirrifletti tħassib komuni għas-soċjetà Ewropea, bħar-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitiżmu, l-abbuż mid-droga;
- it-tema tal-proġett hija ta' interess Ewropew, bħat-tkabbir ta' l-UE, l-istituzzjonijiet Ewropej, il-proġetti Ewropej;
- l-attivitajiet tal-proġett jippromwovu l-valuri Ewropej, bħall-opportunitajiet indaqs, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, ir-rispett għal kulturi oħra;
- il-proġett jipprovdi liż-żgħażagħ b'esperjenza ta' tagħlim interkulturali, jiġifieri kooperazzjoni bejn żgħażagħ bi sfond kulturali differenti.

#### Iż-żjara ta' ppjanar preparatorja/minn qabel

Il-fażi preparatorja ta' skambju hija ta' importanza kruċjali għas-suċċess ta' l-attività ta' skambju. Matul din il-fażi, il-gruppi msieħba għandhom jaqblu fuq it-tema ta' l-Iskambju taż-Żgħażagħ, il-Programm ta' attivitajiet, il-prattiċità u l-metodi ta' ħidma.

Huwa rrakkomandat b'mod qawwi li l-grupp(i) li jibagħtu jagħmlu żjara ta' ippjanar minn qabel lill-grupp imsieħeb ospitanti. Din iż-żjara għandha ssir biss malli l-applikazzjoni tiġi approvata u għandha ddum jumejn (il-ġranet tal-vjaġġ huma esklużi). Massimu ta' żewġ parteċipanti għal kull grupp li jibgħat jista' jieħu sehem fi żjara ta' ppjanar minn qabel bil-kondizzjoni li t-tieni parteċipant ikun parteċipant żgħażugħ.

Barra minn hekk, il-fażi preparatorja għandha tkabbar l-involviment tal-parteċipanti fl-Iskambju taż-Żgħażagħ u tippreparahom għal laqgħat interkulturali ma' żgħażagħ oħra li għandhom sfond u kulturi differenti.

#### L-impatt

L-impatt ta' Skambju taż-Żgħażagħ m'għandux biss ikun limitat għall-parteċipanti fl-attività, iżda wkoll idaħħal il-kunċett ta' l-Ewropa fil-komunitajiet lokali involuti. L-għan huwa li jsir l-aħjar użu mir-riżultati tal-proġett u li jkun hemm impatt fuq perjodu twil.

#### Il-valutazzjoni

Sabiex jagħmlu l-proġetti u r-riżultati tagħhom aktar sostenibbli, il-gruppi msieħba u l-parteċipanti huma msejħa biex imexxu Programm kontinwu ta' valutazzjoni.

Is-segwitu possibbli għandu jiġi diskuss fis-seduti ta' valutazzjoni mal-parteċipanti qabel, matul u wara l-iskambju.

#### L-attivitajiet ta' valorizzazzjoni/segwitu

Il-kisbiet u r-riżultati ta' l-iskambji għandhom jixxerrdu u jiġu użati sabiex jittieħed l-aħjar użu mill-valur tagħhom, isaħħu l-impatt tagħhom u jiżguraw li l-akbar numru ta' żgħażagħ u organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnhom. Dan jimplika t-trasferiment tar-riżultati lil dawk interessati u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar.

Il-gruppi msieħba u l-parteċipanti huma msejħa biex jirriflettu b'mod sistematiku fuq ir-reċiproċità ta' l-iskambju u tal-fażi tas-segwitu. L-iskambju se jkun reċiproku? Jista' msieħeb ġdid jiġi involut fi skambju li jmiss? Kif tista' tkompli d-diskussjoni fuq kunċett tematiku u x' jistgħu jkunu l-passi li jmiss?

Il-gruppi msieħba għandhom jgħaddu l-esperjenza miksuba lil gruppi oħrajn, kif ukoll lill-komunitajiet lokali tagħhom, lil rappreżentanti lokali, nazzjonali jew Ewropej, lill-medja, u lil multiplikaturi oħra. Huma mħeġġa wkoll biex joħolqu websajts. Billi jagħmlu dan, huma se jagħtu aktar viżibbiltà lill-iskambju, u sostenibbiltà lir-riżultati tiegħu.

| |
|---|
| Kull benefiċjarju ta' għotja fi ħdan l-Azzjoni 1 tal-Programm jista' jiddeċiedi flimkien ma' dawk imsieħba, li jmur lilhinn mill-miżuri normali ta' viżibbiltà, billi jivvalorizza aktar ir-riżultati tal-proġett u jippromwovi l-aħjar prattika. Inċentiv finanzjarju huwa pprovdut. L-applikanti iridu jimlew it-taqsima addattata fil-formola ta' l-applikazzjoni u jiddeskrivu fid-dettall l-attività ippjanata. L-attività ppjanata ta' valorizzazzjoni/segwitu trid tiżviluppa fuq l-esperjenza miksuba mill-proġett u l-għan tagħha jrid ikun li tenfasizza, ixxerred u tippromwovi r-riżultati tal-proġett u li żżid l-impatt tiegħu. |

### Il-viżibbiltà

L-Iskambji taż-Żgħażagħ għandhom jenfasizzaw l-appoġġ tal-Komunità (inkluż l-użu promozzjonali ta' lowgos Ewropej) u jipprovdu valur miżjud ċar għall-Programm u għar-riżultati tiegħu. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti fil-proġetti għandhom ukoll isiru konxji mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

## Min jista' japplika?

Skambju taż-Żgħażagh jinbeda minn kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandhiex skop ta' qligħ, stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm, jew entità pubblika lokali, reġjonali jew nazzjonali involuta fix-xogħol taż-żgħażagħ, jew minn gruppi informali ta' żgħażagħ.
Jekk japplika grupp informali ta' żgħażagħ, persuna waħda (ir-rappreżentant tal-grupp) tieħu r-responsabbiltà li tissottometti l-applikazzjoni u tiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

## Kif tapplika?

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:

Għal skambju bilaterali jew trilaterali, il-gruppi msieħba li jilqgħu jew li jibagħtu japplikaw b'mod separat għand l-Aġenziji Nazzjonali rispettivi tagħhom.
Għal skambju multilaterali, il-grupp ospitanti japplika, f'isem il-gruppi msieħba kollha, għand l-Aġenzija Nazzjonali tiegħu; dan jaġixxi bħala grupp imsieħeb koordinattiv.
Jekk l-iskambju multilaterali huwa itineranti, kull wieħed mill-gruppi msieħba jista' jkun il-grupp koordinattiv u japplika għand l-Aġenzija Nazzjonali tiegħu f'isem il-gruppi msieħba kollha.

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:

L-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi (ENGOs), li huma bbażati f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u li għandhom friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm, iridu japplikaw direttament għand l-Aġenzija Eżekuttiva.

## Kif hija ffinanzjata l-attività

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt, li jfisser li l-ispejjeż kollha ma jistgħux jiġu koperti biss miż-**Żgħażagħ Attivi**. Għalhekk, huma meħtieġa kontribuzzjonijiet oħra pubbliċi, privati u/jew proprji fi flus kontanti jew f'oġġetti. Huwa rakkomandat li l-parteċipanti jieħdu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, sabiex ikunu involuti għal kollox fil-preparazzjoni ta' l-iskambju.

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq taħlita ta':

**spejjeż attwali**
**ammonti b'rata fissa**
**ammonti msejsa fuq il-limiti ta' spejjeż ta' l-unità.**

Se ssib aktar dettalji hawn taħt u fit-tabella "stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament" fl-aħħar tat-taqsima C.

L-ammonti b'rata fissa u l-limiti ta' spejjeż ta' l-unità indikati hawn taħt u fit-tabella jirrappreżentaw il-livell bażiku ta' finanzjament; dan il-livell bażiku jista' jvarja skond il-Pajjiż tal-Programm li fih titressaq l-applikazzjoni.

L-ammonti u r-rati fissi jirrappreżentaw kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-proġett; dawn m'humiex direttament marbuta ma' xi spejjeż partikolari; l-ispejjeż li jkopru ma jeħtiġux spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni imma r-riżultati/l-kisbiet iridu jiġu deskritti fir-rapport finali .

Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament se jgħin lill-applikanti jikkalkulaw l-ammont ta' għotja mistennija u għandu jiffaċilita l-ippjanar realistiku ta' l-Iskambju taż-Żgħażagħ.

**L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità (ara t-tabella fl-aħħar tat-taqsima C)**

*Il-grupp li jibgħat*

70% ta' l-ispejjeż attwali ta' l-ivvjaġġar (żgħażagħ u mexxejja taż-żgħażagħ);
kontribuzzjoni għaż-żjara ta' ippjanar minn qabel (100% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar + rata fissa);
ammont fiss għall-preparazzjoni ta' l-attivitajiet għal kull pajjiż (inklużi l-assigurazzjonijiet);
spejjeż attwali eċċezzjonali li jkopru l-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża, l-ispejjeż tat-tilqim jew li huma relatati ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet/bi bżonnijiet speċjali jew man-natura speċjali ta' l-attivitajiet (sa 100%);
spejjeż attwali għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' segwitu (sa 10% ta' l-għotja globali tal-Komunità).

*Il-grupp li jilqa'*

ammont fiss għal kull proġett biex ikopri l-ispejjeż ġenerali ta' l-attività;
rata fissa għal kull parteċipant (żgħażagħ u mexxejja tal-gruppi) fil-ġurnata;
ammont fiss għall-preparazzjoni ta' l-attivitajiet għal kull pajjiż;
ammont fiss għall-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet (inkluż l-assigurazzjoni);
spejjeż attwali eċċezzjonali relatati ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet/bi bżonnijiet speċjali jew man-natura speċjali ta' l-attivitajiet (sa 100%);
spejjeż attwali għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' segwitu (sa 10% ta' l-għotja totali tal-Komunità).

**L-ispejjeż eċċezzjonali**

L-ispejjeż eċċezzjonali jkopru l-viża u l-ispejjeż relatati mal-viża kif ukoll l-ispejjeż tat-tilqim.

Fl-Azzjoni 1, l-ispejjeż eċċezzjonali jistgħu jkopru wkoll spejjeż żejda li huma ġġustifikati minħabba n-natura speċjali ta' l-attivitajiet.

L-ispejjeż eċċezzjonali l-oħra kollha huma relatati ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u/jew bi bżonnijiet speċjali. Dawn jistgħu jkopru pereżempju: l-għajnuna medika, il-kura tas-saħħa, taħriġ/appoġġ lingwistiku supplimentari, preparazzjoni supplimentari, bini jew tagħmir speċjali, persuna supplimentari ta' akkompanjament, spejjeż personali supplimentari f'każ ta' żvantaġġ ekonomiku, traduzzjoni/interpretazzjoni. Dawn ma jistgħux ikopru djun jew interessi bankarji. L-għotja tista' tappoġġja sa 100% ta' l-ispejjeż eċċezzjonali, bil-kondizzjoni li dawn ikunu marbuta b'mod ċar ma' l-implimentazzjoni tal-proġett, li hi meħtieġa u ġustifikata fil-formola ta' l-applikazzjoni. L-ispejjeż eċċezzjonali kollha jridu jkunu spejjeż attwali, appoġġjati u ġustifikati kif inhu xieraq.

### Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu

L-ammont supplimentari possibilment mogħti għall-implimentazzjoni tal-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu jrid ikopri l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet. Dan huwa marbut ma' l-ispejjeż effettivi ta' l-attivitajiet u m'għandux jaqbeż l-10% ta' l-għotja globali għall-proġett.

## X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?

### Il-ftehim ta' l-għotja

Ladarba l-Iskambju taż-Żgħażagħ ikun ġie approvat, il-benefiċjarji (il-gruppi li jilqgħu u dawk li jibagħtu) jirċievu ftehim ta' l-għotja li jirregola l-użu tal-fondi tal-Komunità. Fil-każ ta' Skambju taż-Żgħażagħ multilaterali, il-grupp koordinattiv biss jirċievi ftehim ta' l-għotja. Il-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom. Hija r-responsabbiltà komuni tal-benefiċjarji kollha li jimplimentaw l-iskambju kif stabbilit fl-applikazzjoni u li jiżguraw l-valutazzjoni. Il-gruppi li jibagħtu u l-gruppi ta' koordinazzjoni huma responsabbli għall-ġustifikazzjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar.

Jistgħu jsiru żjajjar jew verifiki tal-kontijiet fuq il-post mill-Aġenzija Nazzjonali, mill-Aġenzija Eżekuttiva, mill-Kummissjoni jew mill-Qorti ta' l-Awdituri biex ikun verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha qed ikunu mwettqa kif xieraq.

Jekk, matul l-iskambju, xi ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, il-benefiċjarji għandhom minnufih jikkunttatjaw lill-Aġenziji Nazzjonali tagħhom jew lill-Aġenzija Eżekuttiva, biex jagħmlu arranġamenti xierqa..

Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq ta' l-iskambju kif miftiehem jista' jwassal għar-rimborż ta' l-għotja sħiħa jew ta' parti minnha.

### L-assigurazzjoni

Kull benefiċjarju huwa obbligat li jirranġa l-assigurazzjoni tal-grupp tiegħu. Din għandha tkopri mard, aċċidenti, mewt, diżabilità permanenti u ripatrijazzjoni fil-każ ta' mard jew aċċident serju. L-assigurazzjoni għandha wkoll tkopri r-responsabbiltà ċivili u t-telf ta' dokumenti ta' identifikazzjoni u ta' vjaġġar. Il-benefiċjarji jistgħu jagħżlu l-kumpanija ta' assigurazzjoni tagħhom, kemm-il darba l-kwalità tal-kopertura tkun tajba.

### X'appoġġ huwa disponibbli?

Għal aktar informazzjoni fuq il-proċeduri ta' l-applikazzjoni u d-dati ta' l-għeluq, jekk jogħġbok ara t-taqsima B hawn fuq. Tista' tikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali f'pajjiżek jew l-Aġenzija Eżekuttiva għall-gwida u l-assistenza.

L-Aġenziji Nazzjonali u ċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO jipprovdu taħriġ għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Skambju taż-Żgħażagħ u l-għodda bl-għan li żżid il-kwalità tal-proġetti.

## Il-*Youthpass*

Kull parteċipant fi Skambju taż-Żgħażagħ huwa intitolat li jirċievi ċertifikat tal-*Youthpass*, li jiddeskrivi u jikkonvalida l-esperjenza ta' tagħlim mhux formali. Permezz tal-*Youthpass* il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-esperjenza mal-Programm tkun rikonoxxuta bħala esperjenza edukattiva u bħala perjodu ta' tagħlim mhux formali u informali.

# Azzjoni 1.2 – L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ

## X' inhi Inizjattiva taż-Żgħażagħ?

Inizjattiva taż-Żgħażagħ huwa proġett fejn iż-żgħażagħ jieħdu sehem b'mod attiv u dirett f'attivitajiet imfassla minnhom stess u li fihom huma jkollhom rwoli importanti, sabiex jiżviluppaw l-inizjattiva, l-intrapriża u l-kreattività tagħhom. Tinbeda, tiġi stabbilita u titwettaq miż-żgħażagħ infushom. Tista' tagħti liż-żgħażagħ iċ-ċans li jipprovaw ideat permezz ta' inizjattivi, li jagħtuhom l-opportunità li jkunu involuti b'mod dirett u attiv fl-ippjanar u t-twettiq tal-proġetti. Il-parteċipazzjoni fl-Inizjattivi taż-Żgħażagħ hija esperjenza importanti ta' tagħlim mhux formali. Din tagħti liż-żgħażagħ l-opportunità li jqisu lilhom infushom bħala ċittadini Ewropej u li jħossu li qed jikkontribwixxu għall-kostruzzjoni ta' l-Ewropa.

Din l-azzjoni tappoġġja proġetti mfassla fuq livell lokali, reġjonali, jew nazzjonali. Tappoġġja wkoll netwerking ta' proġetti simili f'pajjiżi differenti, sabiex issaħħaħ l-aspett Ewropew tagħhom u żżid il-kooperazzjoni u l-esperjenzi ta' skambji bejn iż-żgħażagħ. Il-proġetti żviluppati minn grupp wieħed fil-pajjiż ta' residenza tiegħu jissejħu ***Inizjattivi Nazzjonali taż-Żgħażagħ***, filwaqt li l-proġetti imwettqa flimkien minn żewġ gruppi jew aktar minn pajjiżi differenti jissejħu ***Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ***.

L-għan ta' l-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ huwa li ż-żgħażagħ jieħdu sehem fi skambji u jaqsmu flimkien il-prattika tajba. Dawn il-proġetti jistgħu jinvolvu l-mobilità taż-żgħażagħ.

## Nota : x'mhix Inizjattiva taż-Żgħażagħ

Dawn l-attivitajiet b'mod partikolari ma JISTGĦUX jitqiesu bħala Inizjattiva taż-Żgħażagħ:

- Seminars taż-Żgħażagħ, Skambji taż-Żgħażagħ;
- kompetizzjonijiet, kampijiet ta' ħidma;
- attivitajiet li jistgħu jiġu kklassifikati bħala turiżmu.

## X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B

Il-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

### Il-gruppi

Inizjattiva Nazzjonali taż-Żgħażagħ hija proposta minn grupp ta' żgħażagħ li ġej minn Pajjiż tal-Programm.

Inizjattiva Transnazzjonali taż-Żgħażagħ hija bbażata fuq sħubija ta' mill-inqas żewġ gruppi msieħba minn Pajjiżi differenti tal-Programm, li minnhom mill-inqas wieħed huwa Stat Membru ta' l-UE.

Grupp (imsieħeb) irid ikun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm jew
grupp informali ta' żgħażagħ.

Grupp irid mill-inqas ikun magħmul minn erba' individwi, li wieħed minnhom ikun ir-rappreżentant tal-grupp u jerfa' r-responsabbiltà għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni u l-iffirmar tal-ftehim ta' l-għoti. Dak li jħarreġ jistà jaġixxi bħala rappreżentant.

#### Il-parteċipanti

Jistgħu jieħdu sehem iż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena li huma legalment residenti f'Pajjiż tal-Programm.

Żgħażagħ li għandhom bejn 15 u 18-il sena jistgħu jkunu permessi jekk ikunu akkumpanjati minn persuna li taħdem maż-żgħażagħ jew minn persuna li tħarreġ.

#### It-terminu

L-Inizzjattivi Nazzjonali u Transnazzjonali taż-Żgħażagħ iridu jdumu bejn 3 u 18-il xahar, inkluż il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, l-valutazzjoni u s-segwitu.

#### Il-post

Inizjattiva Nazzjonali jew Tansnazzjonali taż-Żgħażagħ tista' sseħħ fi kwalunkwe Pajjiż tal-Programm.

#### Il-Programm

Iridu jiġu pprovduti Programm u orarju tal-ħinijiet strutturati tajjeb għall-proġett. Dawn iridu jkun marbuta b'mod ċar ma' l-għanijiet stabbiliti minn qabel.

#### It-tema

Huwa importanti li t-tema jew il-qasam magħżul għall-iżvilupp tal-proġett ta' l-Inizjattiva taż-Żgħażagħ ikun ta' interess u rilevanza għall-grupp taż-żgħażagħ innifsu u wkoll għall-komunità lokali. Xi eżempji ta' temi potenzjali għall-proġett huma: l-arti u l-kultura, l-esklużjoni soċjali, l-ambjent, il-ħarsien tal-wirt, l-informazzjoni taż-żgħażagħ, l-għarfien Ewropew, l-iżvilupp rurali/fl-ibliet, il-politika taż-żgħażagħ, is-saħħa, l-abbuż minn sustanzi/droga, il-miżuri kontra d-delinkwenza, l-anti-razziżmu/il-ksenofobija, id-diżabilità, ix-xjuħ, dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom, l-immigranti, l-opportunitajiet indaqs, l-edukazzjoni ma' oħrajn ta' l-istess klassi u età, il-qgħad, l-isports taż-żgħażagħ, il-mogħdija ta' żmien taż-żgħażagħ, il-medja u l-komunikazzjoni. Il-firxa ta' temi possibbli għal Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ hija wiesgħa daqskemm hija dik għal Inizjattivi Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Il-Programm ta' Inizjattiva Transnazzjonali taż-Żgħażagħ għandu, barra dan, jinkludi informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet li se jiġu organizzati kemm fuq livell nazzjonali, kif ukoll fuq livell transnazzjonali (fil-pajjiżi kollha konċernati), billi jkun

speċifikat kif kull grupp imsieħeb huwa involut fil-preparazzjoni, fit-twettiq, fl-valutazzjoni u fis-segwitu tal-proġett.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:
- il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
- ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
- id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
- l-impatt mistenni mill-proġett;
- il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
- il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

L-għotjiet għall-Inizjattivi taż-Żgħażagħ se jkunu attribwiti lill-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali.
Barra minn dan, il-prijoritajiet annwali jistgħu jiġu stabbliti għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

Iż-żgħażagħ b'inqas opportunità huma grupp fundamentali ta' mira ta' din l-Azzjoni. Għalhekk, proġetti li jridu jitwettqu, li jinvolvu jew li jibbenefikaw liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet se jingħataw prijorità fil-proċess ta' l-għażla.

Il-proġetti li jħeġġu l-kreattività innovattiva u l-intraprenditorija għandhom ukoll jingħataw prijorità taħt din it-taqsima.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

### Il-metodi ta' ħidma

Il-metodoloġija użata għandha tinvolvi b'mod attiv lill-parteċipanti, kif ukoll il-komunità lokali li trid tiġi indirizzata.

### L-għanijiet tat-tagħlim

Il-proġett għandu jikkontribwixxi għall-proċess edukattiv taż-żgħażagħ u jqajjem kuxjenza tar-realtà Ewropea. Il-proġett għandu jsegwi l-prinċipji ta' tagħlim mhux formali.

Deskrizzjoni tajba ta' x'irid jikseb il-grupp/gruppi għandha tkun ippreżentata fil-formola ta' l-applikazzjoni. L-għanijiet jridu jkunu realistiċi u jidhru f'fażijiet diversi tal-proġett.

Jekk min iħarreg jgħin 'il grupp jiddefinixxi l-għanijiet u jimla l-applikazzjoni, huwa/hija għandu jiżgura li dan jirrifletti u jikkorrespondi ma' l-interessi u l-istenniji taż-żgħażagħ stess.

### Id-dimensjoni Ewropea

Il-grupp(i) għandu jindika b'liema mezzi l-proġett ippjanat jista' jagħmel liż-żgħażagħ involuti aktar konxji dwar il-kultura u l-wirt Ewropew komuni tagħhom. Id-dimensjoni Ewropea ta' proġett tista' tiġi riflessa minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

- il-proġett irawwem is-sens ta' ċittadinanza Ewropea taż-żgħażagħ u jgħinhom jifhmu r-rwol tagħhom bħala parti mill-preżent u mill-ġejjieni ta' l-Ewropa;
- il-proġett jirrifletti tħassib komuni għas-soċjetà Ewropea, bħar-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu, l-abbuż mid-droga;
- it-tema tal-proġett hija ta' interess Ewropew, bħat-tkabbir ta' l-UE, l-istituzzjonijiet Ewropej, il-proġetti Ewropej;
- l-attivitajiet tal-proġett jippromwovu valuri Ewropej, bħall-opportunitajiet indaqs, id-drittijiet umani u d-demokrazija, ir-rispett għal kulturi oħra;
- il-proġett jipprovdi liż-żgħażagħ b'esperjenza interkulturali ta' tagħlim, jiġifieri l-kooperazzjoni taż-żgħażagħ minn ambjenti kulturali differenti;
- il-proġett jimplika li l-ideat, il-prattiki, il-metodi li pajjiż ikollu esperjenza tagħhom jistgħu jinqasmu u jiġu trasferiti f'ieħor.

### Il-preparazzjoni u t-taħriġ

Il-grupp/i għandu jipprepara l-għanijiet u l-Programm ta' l-attivitajiet b'mod konġunt. Matul din il-fażi il-grupp/i taż-żgħażagħ jista' jiġi mgħejjun minn dak li jħarreġ; madankollu huwa essenzjali li l-proġett ikun immexxi u implimentat miż-żgħażagħ stess.

L-involviment ta' min iħarreġ huwa rakkomandat b'mod speċjali għall-gruppi li jinkludu parteċipanti taħt it-tmintax-il sena jew zgħażagħ b'inqas opportunitajiet. Dak li jħarreġ għandu diversi rwoli skond il-ħtiġijiet ta' grupp speċifikat ta' żgħażagħ.

| |
|---|
| Dak li jħarreġ huwa persuna ta' riżorsi li għandu esperjenza ta' xogħol maż-żgħażagħ u/jew esperjenza ta' Inizjattivi taż-Żgħażagħ biex jakkompanja gruppi ta' żgħażagħ u jappoġġja l-parteċipazzjoni tagħhom. Dak li jħarreġ jibqa' barra mill-Inizjattiva taż-Żgħażagħ, iżda jappoġġja 'l grupp taż-żgħażagħ fl-implimentazzjoni tal-proġett tagħhom. Huwa/hija jaħdem maż-żgħażagħ minn żmien għall-ieħor u jagħmel xogħol partikolari ibbażati fuq il-ħtiġijiet tal-grupp. |

Dawk li jħarrġu jistgħu jkunu voluntieri jew professjonisti, persuni li jmexxu ż-żgħażagħ, jew mexxejja ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, persuni li jaħdmu fi klabbs jew servizzi taż-żgħażagħ, eċċ. Jistgħu jkunu wkoll konsulenti ipprovduti mill-Aġenziji Nazzjonali li jiltaqgħu mal-grupp taż-żgħażagħ diversi drabi matul l-iżvilupp tal-proġett, ġeneralment fil-bidu, fin-nofs jew fl-aħħar tal-proċess.

Iż-żgħażagħ li ħadu sehem preċedentement fi proġett ta' Inizjattiva għaż-Żgħażagħ jistgħu jiġu mħeġġa biex jużaw il-ħiliet miksuba matul il-proċess sabiex jgħinu gruppi oħra ta' żgħażagħ; huma jistgħu għalhekk jaġixxu bħala persuni ta' riżorsi billi jieħdu f'idejhom it-taħriġ ta' żgħażagħ ta' mpar xulxin. It-taħriġ ta' dawn ta' l-

aħħar, jiġifieri l-appoġġ ta' żgħażagħ imsieħba fl-attivitajiet ta' mpar xulxin, huwa għodda importanti biex tintuża fl-inizjattivi taż-żgħażagħ, sabiex ikunu żviluppati sistemi effettivi ta' taħriġ fuq livell lokali. L-Aġenziji Nazzjonali jistgħu jorganizzaw laqgħat bejn dawk li huma potenzjalment benefiċjarji u dawk li kienu benefiċjarji ta' l-Inizjattivi taż-Żgħażagħ, biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tas-sistemi ta' taħriġ ta' żgħażagħ ta' mpar xulxin.
Għal fehim u appoġġ aħjar dwar it-taħriġ fi ħdan l-Inizjattivi taż-Żgħażagħ, tista' taqra 'Coaching Guide - Youth Initiatives & Participation' (Gwida għat-Taħriġ – Inizjattivi u Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ), ippublikat minn SALTO.

#### L-impatt

L-impatt ta' proġett ta' l-Inizjattiva taż-Żgħażagħ m'għandux ikun limitat għall-parteċipanti fil-proġett, iżda għandu wkoll ikun ta' siwi għall-komunità lokali u jkollu impatt lokali u/jew reġjonali, nazzjonali, Ewropew tajjeb. Il-grupp/i għandu jipprova mill-aktar possibli, jinvolvi persuni oħra mill-viċinanzi, żoni lokali, eċċ, fl-attivitajiet tal-proġett. L-għan huwa li jsir l-aħjar użu mir-riżultati tal-proġett u li jkun hemm impatt fuq perjodu twil.

L-involviment u l-appoġġ (finanzjarju jew fi kwalunkwe forma oħra) ta' awtoritajiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet oħra huma partikolarment imħeġġa.

#### Il-valutazzjoni

Sabiex il-proġetti u r-riżultati tagħhom ikunu aktar sostenibbli, il-gruppi msieħba u l-parteċipanti huma msejħa biex imexxu proċess kontinwu ta' valutazzjoni.

Kwalunkwe segwitu possibli għandu jiġi diskuss fis-seduti tal-valutazzjoni mill-parteċipanti qabel, matul u wara l-proġett.

#### L-attivitajiet ta' segwitu/valorizzazzjoni

Il-kisbiet u r-riżultati ta' l-Inizjattivi taż-Żgħażagħ għandhom jixxerrdu u jiġu użati sabiex isir l-aħjar użu mill-valur tagħhom, isaħħu l-impatt tagħhom u jiżguraw li l-akbar numru possibbli ta' żgħażagħ u organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnhom. Dan jimplika t-trasferiment tar-riżultati lil dawk interessati u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar.

Il-gruppi msieħba u l-parteċipanti huma msejħa biex jużaw b'mod sistematiku r-riżultati tal-proġett u jirriflettu dwar fażi ta' segwitu possibbli ta' l-Inizjattiva taż-Żgħażagħ tagħhom. Pereżempju, kif ixxerred ir-riżultati tal-proġett? X'se jkunu l-passi li jmiss? Tista' l-idea tal-proġett ta' l-Inizjattiva taż-Żgħażagħ tiġi trasferita lejn pajjiżi oħra? Tista' tiġi żviluppata fuq livell transnazzjonali flimkien ma' msieħba Ewropej? Kif jista' jiżdied l-impatt tal-proġett fuq il-parteċipanti, iżda wkoll fuq żgħażagħ oħra, fuq il-komunitajiet lokali, eċċ.?

Il-gruppi msieħba għandhom jgħaddu l-esperjenza miksuba lill-gruppi oħra, kif ukoll lill-komunitajiet lokali tagħhom, lil rappreżentanti lokali, nazzjonali jew Ewropej, lill-mezzi tax-xandir, u lil multiplikaturi oħra. Huma mħeġġa wkoll li joħolqu websajts. Billi jagħmlu dan, huma se jagħmlu l-aħjar użu mill-valuri tal-proġett tagħhom u s-sostenibbiltà tar-riżultat tiegħu.

Kull benefiċjarju ta' għotja fi ħdan l-Azzjoni 1 tal-Programm jista' jiddeċiedi flimkien ma' dawk imsieħba, li jmur lilhinn mill-miżuri normali ta' viżibbiltà, billi jivvalorizza aktar ir-riżultati tal-proġett u jippromwovi l-aħjar prattika. Inċentiv finanzjarju huwa pprovdut. L-applikanti jridu jimlew it-taqsima addattata fil-formola ta' l-applikazzjoni u jiddeskrivu fid-dettall l-attività ppjanata. L-attività ppjanata ta'valorizzazzjoni/segwitu trid tiżviluppa fuq l-esperjenza miksuba mill-proġett u għandu jkollha l-għan li tenfasizza, ixxerred u tippromwovi r-riżultati tal-proġett u li żżid l-impatt tiegħu.

### Il-viżibbiltà

Il-proġetti ta' l-Inizjattivi taż-Żgħażagħ għandhom jenfasizzaw l-appoġġ tal-Komunità (inkluż permezz ta' l-użu ta' lowgos Ewropej u ta' **Żgħażagħ Attivi**) u jipprovdu valur promozzjonali miżjud ċar għall-Programm u għar-riżultati tiegħu. Barra minn dan, l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti fil-proġett għandhom isiru konxji mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

## Min jista' japplika?

Organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet li m'għandhomx skop ta' qligħ jew gruppi ta' mill-inqas erba' żgħażagħ residenti f'Pajjiż tal-Programm jistgħu japplikaw.

Fil-każ ta' grupp informali, wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp (ir-rappreżentant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni u għall-iffirmar tal-ftehim ta' l-għotja.

Għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ, wieħed mill-gruppi msieħba jaġixxi bħala grupp koordinattiv u japplika f'isem l-imsieħba kollha.

## Kif tapplika?

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali.

## Kif inhi ffinanzjata l-attività?

L-istess regoli ta' finanzjament japplikaw għall-Inizjattivi Nazzjonali u Transnazzjonali taż-Żgħażagħ ħlief għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar. L-Inizjattivi Nazzjonali taż-Żgħażagħ jistgħu jinvolvu spejjeż lokali, reġjonali jew nazzjonali ta' l-ivvjaġġar, waqt li l-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ jistgħu jinvolvu spejjeż internazzjonali ta' l-ivvjaġġar.
L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt, li jfisser li l-ispejjeż kollha ma jistgħux jiġu kopruti miż-**Żgħażagħ Attivi** biss. Għalhekk, huma meħtieġa kontribuzzjonijiet oħra pubbliċi, privati u/jew proprji fi flus kontanti jew f'oġġetti. Huwa rakkomandat li l-parteċipanti jieħdu sehem f'attivitajiet ta' ġbir ta' fondi, sabiex ikunu involuti għal kollox fil-preparazzjoni tal-proġett.

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq taħlita ta':

**spejjeż attwali**
**ammonti b'rata fissa**

**ammonti msejsa fuq il-limiti ta' spejjeż ta' l-unità**

Se ssib aktar dettalji hawn isfel u fit-tabella "stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament" fl-aħħar tat-taqsima C.

L-ammonti b'rata fissa u l-limiti ta' spejjeż ta' l-unità indikati hawn taħt u fit-tabella jirrappreżentaw il-livell bażiku ta' finanzjament; dan il-livell bażiku jista' jvarja skond il- Pajjiż tal-Programm li fih tkun sottomessa l-applikazzjoni.

L-ammonti u r-rati fissi jirrappreżentaw kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-proġett; dawn m'humiex direttament marbuta ma' xi spejjeż partikolari; l-ispejjeż li jkopru ma jeħtiġux spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni.

Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament għandu jgħin lill-applikanti jikkalkulaw l-ammont ta' għotja mistennija u għandu jiffaċilita l-ippjanar realistiku ta' l-inizjattiva. Għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ, l-għotja tal-Komunità tkopri wkoll 70% ta' l-ispejjeż attwali ta' l-ivvjaġġar.

### L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità (ara t-tabella fl-aħħar tat-taqsima C)

somma sħiħa għall-preparazzjoni, għall-implimentazzjoni u għall-valutazzjoni ta' l-attivitajiet (din tista' tinkludi ħlas għat-taħriġ, jekk ikun meħtieġ)
kontribuzzjoni għal żjara ta' ppjanar minn qabel (spejjeż ta' l-ivvjaġġar + rata fissa) għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ.
70% ta' l-ispejjeż transnazzjonali ta' l-ivvjaġġar (għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ biss) u, jekk ikun meħtieġ
spejjeż attwali għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet ta' segwitu (sa 10% ta' l-għotja tal-Komunità).

### Iż-żjara ta' ppjanar minn qabel, (għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ)

Għaż-żjara ta' ppjanar minn qabel, 100% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u rata fissa għal kull ġurnata huma ffinanzjati. Dawn il-fondi jingħataw għal massimu ta' jumejn (il-ġranet tal-vjaġġ huma esklużi) u jkopru żewġ parteċipanti għal kull grupp imsieħeb. Wieħed mill-parteċipanti jista' jkun dak li jagħti t-taħriġ tal-proġett.

### Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu

L-ammont supplimentari possibbilment mogħti għall-implimentazzjoni tal-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu jrid ikopri l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet. Dan huwa marbut ma' l-ispejjeż effettivi ta' l-attivitajiet u m'għandux jaqbeż l-10% ta' l-għotja tal-Komunità.

## X'inhuma l-obbligi kuntrattwali?

### Il-ftehim ta' l-għotja

Ladarba l-proġett jiġi approvat, il-benefiċjarju se jirċievi ftehim ta' l-għotja li jirregola l-użu tal-fondi tal-Komunità. Fil-każ ta' Inizjattiva Transnazzjonali taż-Żgħażagħ, il-grupp koordinattiv jirċievi l-ftehim ta' l-għotja u jieħu f'idu t-tqassim ta' l-ammont ta' l-għotja fost il-gruppi msieħba skond it-tqassim ta' l-attivitajiet tal-

proġett li jkunu ġew miftehma minn qabel. Il-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom, biex jimplimentaw il-proġett kif stabbilit fl-applikazzjoni u biex jiżguraw il-valutazzjoni.

Jistgħu jsiru żjarat jew verifiki tal-kontijiet fuq il-post mill-Aġenzija Nazzjonali, mill-Kummissjoni jew mill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex ikun verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha huma mwettqa kif xieraq.

Jekk, matul il-proġett, ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, l-imsieħba għandhom minnufih jikkuntattjaw lill-Aġenziji Nazzjonali tagħhom biex jagħmlu l-arranġamenti xierqa.

Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq tal-proġett kif miftiehem jista' jwassal għal ġbir lura ta' l-għotja kollha jew ta' parti minnha.

## X'appoġġ huwa disponsibbli?

L-Aġenziji Nazzjonali u ċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO jipprovdu taħriġ għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva taż-Żgħażagħ u għodda mmirata biex tkabbar il-kwalità tal-proġetti.

L-Aġenziji Nazzjonali għandhom ukoll konsulenti li jistgħu jgħinu jew jaġixxu bħala medjaturi għal organizzazzjonijiet oħra ta' appoġġ li huma kapaċi jipprovdu għajnuna fi proġetti ta' l-Inizjattiva taż-Żgħażagħ.

# Azzjoni 1.3 - Il-proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ

## X'inhu Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ?

Il-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ għandhom l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fil-ħajja tal-komunità lokali, reġjonali jew nazzjonali tagħhom jew fuq livell internazzjonali billi jappoġġjaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-mekkaniżmi tad-demokrazija rappreżentattiva.

Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ huwa proġett żviluppat minn sħubija Ewropea, li tippermetti l-ippuljar, fuq livell Ewropew, ta' ideat, esperjenzi u metodoloġiji minn proġetti jew attivitajiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, sabiex tittejjeb il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. Il-proġetti iffinanzjati taħt din l-Azzjoni jippermettu l-iżvilupp ta' netwerks ġodda u l-iskambju u t-tixrid ta' prattika tajba fil-qasam tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

Il-kunċett ta' ċittadinanza attiva għaż-żgħażagħ jimplika l-parteċipazzjoni sħiħa u kompleta fis-soċjetà, l-impenn u l-abilità li dik iċ-ċittadinanza tkun prattikata. Għalhekk, l-idea ta' Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ hija li tagħraf u tappoġġja il-forom varji li fihom jipparteċipaw iż-żgħażagħ fl-ambjent tagħhom stess, biex tgħolli l-kwalità tar-relazzjoni tagħhom mal-mekkaniżmu tad-demokrazija rappreżentattiva u biex tgħinhom jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet disponibbli għall-parteċipazzjoni. Dan jista' jinkiseb bi proġetti li jħeġġu parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ fil-mekkaniżmi tad-demokrazija rappreżentattiva.

Il-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ jistgħu, pereżempju, jkollhom l-għan li:

- jippromwovu l-involviment taż-żgħażagħ fi strutturi parteċipattivi;
- attivitajiet għall-iżvilupp ta' kull tip ta' djalogu bejn l-awtoritajiet pubbliċi u ż-żgħażagħ;
- jappoġġjaw il-mekkaniżmi għall-iżvilupp ta' kull tip ta' djalogu, sabiex iqarrbu liż-żgħażagħ lejn it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;
- jiżviluppaw djalogu li jinkludi ż-żgħażagħ li m'humiex membri ta' organizzazzjonijiet;
- jidentifikaw u jegħlbu ostakli li huma ta' impediment għal gruppi speċifiċi ta' żgħażagħ milli jipparteċipaw u jrawmu l-iżvilupp ta' mekkaniżmi li jħeġġu ż-żgħażagħ kollha biex jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

## X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B.

Il-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

### Il-gruppi msieħba

Il-proġetti għandu jkollhom dimensjoni ta' **netwerking nazzjonali u transnazzjonali**. Dan ifisser li:

il-proġetti jridu jkunu bbażati fuq sħubijiet minn mill-inqas żewġ pajjiżi differenti, sabiex jissodisfaw il-kriterji tan-**netwerking transnazzjonali**;
f'kull pajjiż mill-inqas żewġt imsieħba jridu jkunu involuti, sabiex jissodisfaw il-kriterji tan-**netwerking nazzjonali**.

Imsieħeb irid ikun:
organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandiex skop ta' qligħ, li tkun stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm, jew
awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali involuta fix-xogħol taż-żgħażagħ, jew
grupp informali ta' żgħażagħ.

F'każ ta' grupp informali, wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp (ir-rappreżentant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà biex jissottometti l-applikazzjoni u jiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

### Il-parteċipanti

Iż-żgħażagħ iridu jkunu bejn it-13 u t-30 sena u jkunu legalment residenti f'Pajjiż tal-Programm. Kull Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ irid ikollu minimu ta' 16-il parteċipant.

### It-tul ta' żmien

It-tul tal-proġett, inkluż il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u s-segwitu jrid ikun ta' bejn 6 u 18-il xahar.

### It-tema

Il-Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ irid ikollu kunċett tematiku, jiġifieri li jiffoka b'mod ċar fuq il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**, il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea jew l-inklużjoni soċjali jew fuq dawn is-suġġetti li ġejjin:

il-ġejjieni ta' l-Ewropa jew
il-prijoritajiet politiċi identifikati fil-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:
il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
l-impatt mistenni mill-proġett;
il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

L-għotijiet għall-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ se jingħataw lill-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali jew it-temi speċifiċi ta' prijorità ta' din l-Azzjoni (il-ġejjieni ta' l-Ewropa u l-prijoritajiet politiċi identifikati fil-qasam tal-politika Ewropea taż-żgħażagħ).

Barra minn dan, jistgħu jiġu stabbiliti prijoritajiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u/ fl-Anness għal dan il-Gwida tal-Programm.

Iż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet huma grupp fundamentali ta' mira ta' din l-Azzjoni. Għalhekk il-proġetti mwettqa miż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, li jinvolvu lil dawn iż-żgħażagħ jew li huma ta' ġid għalihom se jingħataw prijorità fil-proċess ta' l-għażla.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

### Il-kompożizzjoni tas-sħubija

Il-gruppi msieħba minn kull wieħed mill-Pajjiżi konċernati tal-Programm għandhom jirrappreżentaw varjetà diversa ta' atturi minn oqsma differenti ta' attività. Progett jista', pereżempju, jinvolvi awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet, inizjattivi lokali, eċċ.

### Il-metodi parteċipattivi ta' ħidma

Fi ħdan kull grupp imsieħeb, iż-żgħażagħ m'għandhomx biss jiġu kkonsultati, iżda għandhom jiġu involuti b'mod attiv fl-inizjar, fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni.

Il-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ għandhom ukoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kuxjenza interkulturali fost il-parteċipanti.

### L-esperjenza ta' tagħlim mhux formali

Il-proġett għandu jikkontribwixxi għall-proċess ta' edukazzjoni taż-żgħażagħ u jkabbar l-għarfien tagħhom tal-kuntest Ewropew li fih jgħixu. B'mod partikolari, dan għandu jgħinhom jifhmu l-ħidma ta' l-istrutturi rappreżentattivi nazzjonali u Ewropej.
Il-proġetti għandhom isegwu l-prinċipji ta' tagħlim mhux formali.

### L-impatt

L-impatt ta' Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ m'għandux ikun limitat għall-parteċipanti fl-attività. Il-proġett għandu jkollu impatt qawwi fuq livell lokali jew saħansitra fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew u għandu jqajjem kuxjenza dwar il-konċetti taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ. L-għan huwa li jsir l-aħjar użu mir-riżultati tal-proġetti u li jkun hemm impatt fit-tul.

### Il-valutazzjoni

Sabiex jagħmlu l-proġetti u r-riżultati tagħhom aktar sostenibbli, il-gruppi msieħba u l-parteċipanti huma msejħa biex imexxu proċess kontinwu ta' valutazzjoni.

Kull segwitu possibbli għandu jiġi diskuss fis-sessjonijiet ta' valutazzjoni mal-parteċipanti qabel, matul u wara l-iskambju.

### L-attivitajiet ta' valorizzazzjoni/segwitu

Il-kisbiet u r-riżultati tal-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ għandhom jiġu mxerrda u użati biex isir l-aħjar użu mill-valur tagħhom, isaħħu l-impatt tagħhom u jiżguraw li l-akbar numru ta' żgħażagħ u organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnhom. Dan jimplika t-trasferiment tar-riżultati lil dawk interessati u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar.

| |
|---|
| Kull benefiċjarju ta' għotja fi ħdan l-Azzjoni 1 tal-Programm jista' jiddeċiedi flimkien ma' dawk imsieħba, li jmur lilhinn mill-miżuri normali ta' viżibbiltà, billi jivvalorizza aktar ir-riżultati tal-proġett u jippromwovi prattika aħjar. Inċentiv finanzjarju huwa ipprovdut. L-applikanti jridu jimlew it-taqsima adattata fil-formola ta' l-applikazzjoni u jiddeskrivu fid-dettall l-attività ppjanata.<br>L-attività ppjanata ta'valorizzazzjoni/segwitu trid tibni fuq l-esperjenza miksuba mill-proġett u jkollha l-għan li tenfasizza, ixxerred u tippromwovi r-riżultati tal-proġett u li żżid l-impatt tiegħu. |

### Il-viżibbiltà

Il-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ għandhom jenfasizzaw l-appoġġ tal-Komunità (inkluż permezz ta' l-użu ta' lowgos Ewropej u ta' **Żgħażagħ Attivi**) u jipprovdu valur promozzjonali miżjud ċar għall-Programm u għar-riżultati tiegħu. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti fil-proġett għandhom isiru konxji mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

## Min jista' japplika?

Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagh jista' jinbeda minn kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandhiex skop ta' qligħ u li tkun stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm, minn kwalunkwe awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali, jew minn kwalunkwe grupp informali ta' żgħażagħ.
Jekk japplika grupp informali ta' żgħażagħ, persuna waħda (ir-rappreżentant tal-grupp) tieħu r-responsabbiltà li tissottometti l-applikazzjoni u tiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

## Kif tapplika?

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:

Il-grupp imsieħeb koordinattiv japplika, f'isem l-imsieħba kollha, għand l-Aġenzija Nazzjonali tiegħu.

**L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:**

L-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi (ENGOs), li huma bbażati f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u għandhom friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm, iridu japplikaw direttament għand l-Aġenzija Eżekuttiva.

## Kif inhi ffinanzjata l-attività?

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt. Din tikkomplementa l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-applikant stess u/jew l-għajnuna nazzjonali, reġjonali jew lokali li tkun inkisbet minn xi mkien ieħor.

L-għotja tal-Komunità tista' tkopri, b'ammont massimu ta 25 000 €, sa 60% ta' l-ispejjeż eliġibbli magħmula, għall-implimentazzjoni tal-proġett, f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

- l-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u spejjeż ta' manteniment relatati mat-twettiq ta' l-attivitajiet;
- l-ispejjeż marbuta ma' l-organizzazzjoni ta' konferenzi;
- l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni u tat-tixrid;
- spejjeż oħra diretti marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-proġetti;
- spejjeż indiretti sa massimu ta' 7% ta' l-ispejjeż diretti.

**Il-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu**

L-ammont supplimentari possibbilment mogħti għall-implimentazzjoni tal-valorizzazzjoni tar-riżultati/ta' l-attivitajiet ta' segwitu jrid ikopri il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet. Dan huwa marbut ma' l-ispejjeż effettivi ta' l-attivitajiet u m'għandux jaqbeż l-10% ta' l-għotja globali tal-Komunità.

## X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?

**Il-ftehim ta' l-għotja**

Ladarba l-proġett ikun ġie approvat, il-benefiċjarju (il-grupp imsieħeb koordinattiv) jirċievi ftehim ta' l-għotja li jirregola l-użu tal-fondi tal-Komunità. Il-benefiċjarju jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu u li jiġġustifika l-ispejjeż kollha tal-proġett li attwalment ikun għamel. Il-benefiċjarju għandu jimplimenta l-proġett kif stabbilit fl-applikazzjoni u għandu jiżgura l-valutazzjoni tal-proġett.

Jistgħu jsiru żjajjar jew verifiki tal-kontijiet fuq il-post mill-Aġenzija Nazzjonali, mill-Aġenzija Eżekuttiva, mill-Kummissjoni jew mill-Qorti ta' l-Awdituri biex ikun verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha jkunu mwettqa kif xieraq.

Jekk, matul l-iskambju, xi ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, il-benefiċjarju għandu minnufih jikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali tiegħu jew l-Aġenzija Eżekuttiva, biex jagħmel l-arranġamenti xierqa.

Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq ta' l-iskambju kif miftiehem jista' jwassal għar-rimborż ta' l-għotja sħiħa jew ta' parti minnha.

## X' appoġġ huwa disponibbli?

Għal aktar informazzjoni dwar il-proċeduri ta' l-applikazzjoni u d-dati ta' l-għeluq, jekk jogħġbok ara t-taqsima B hawn fuq. Tista' tikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali f' pajjiżek jew l-Aġenzija Eżekuttiva għall-gwida u l-assistenza.

L-Aġenziji Nazzjonali u ċ-Ċentru ta' Riżorsi SALTO jipprovdu wkoll taħriġ għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ u għodda mmirata biex iżżid il-kwalità tal-proġetti.

# IL-MIŻURI TA' STRUTTURA GĦALL-AZZJONI 1

In-natura ta' l-attivitajiet iffinanzjati taħt l-Azzjoni 1, kif ukoll il-gruppi ta' mira indirizzati, ifissru li din l-Azzjoni, min-natura tagħha, ixxaqleb lejn proġetti relattivament żgħar.

Skond il-bażi legali tal-Programm,[18] sabiex jissaħħaħ l-impatt tal-Programm, il-proġetti mogħtija taħt **Żgħażagħ Attivi** għandhom isaħħu l-kooperazzjoni strutturata bejn parteċipanti differenti fil-qasam taż-żgħażagħ u jkollhom effett multiplikatur.

Għalhekk, fl-Azzjoni 1 ġew introdotti għadd ta' miżuri fuq livelli differenti bl-għan li:

- isaħħu l-impatt ta' l-attivitajiet tagħha (u għalhekk isaħħu l-impatt totali tal-Programm);
- iżidu l-viżibbiltà ta' proġetti żgħar u jxerrdu r-riżultati tagħhom;
- ikabbru l-profil nazzjonali u Ewropew ta' proġetti mwettqa fuq livell lokali;
- jagħmlu l-aħjar użu mill-effiċjenza u mill-effettività tal-Programm.

L-istrateġija proposta għall-ksib ta' dawn l-għanijiet tipprevedi ħames tipi ta' miżuri li għandhom jiġu eżegwiti b'mod parallel fuq livelli differenti.

Dawn il-miżuri huma proposti:

- l-integrazzjoni tal-prinċipji tal-viżibbiltà u t-tixrid;
- attivitajiet ta' valorizzazzjoni/segwitu fi ħdan is-sotto-Azzjonijiet kollha ta' l-Azzjoni 1 (ara hawn fuq);
- approċċ tematiku u miżuri ta' netwerking aktar enfasizzati;
- ftehimiet finanzjarji li jippermettu proposti għal numru ta' miżuri;
- sejħa għall-proġetti pilota dwar in-netwerking tematiku.

## L-integrazzjoni tal-prinċipji tal-viżibbiltà u tal-valorizzazzjoni

B'mod konformi mal-prinċipji ġenerali tal-viżibbiltà u t-tixrid tar-riżultati deskritti fit-taqsima "Karatteristiċi importanti tal-Programm", il-promoturi ta' l-Iskambji taż-Żgħażagħ, Inizjattivi taż-Żgħażagħ u Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ huma msejħa biex iqisu dawn il-prinċipji waqt l-ippjanar ta' l-attivitajiet tagħhom. L-għan huwa li jiżdiedu b'mod sistematiku l-viżibbiltà u l-impatt għal perjodu twil tal-proġetti, mingħajr talbiet għal għotijiet supplimentari.

## L-attivitajiet ta' segwitu

Kif imfisser hawn fuq fid-deskrizzjoni ta' kull sotto-Azzjoni ta' l-Azzjoni 1, jistgħu jingħataw fondi għall-attivitajiet ta' segwitu bl-għan li jkun hemm qsim ta' prattika tajba u tixrid tar-riżultati tal-proġett. L-idea wara dan hija, għal darba oħra, li r-riżultati tal-proġetti ikunu aktar sostenibbli u viżibbli (għad-dettalji ara l-kaxxi taħt is-sotto-Azzjonijiet 1.1, 1.2 u 1.3).

[18] cf Anness 1 tal-bażi legali, it-tieni sentenza.

## L-approċċ tematiku u n-netwerking

Il-Kummissjoni Ewropea se tintroduċi proċess annwali fejn l-approċċ tematiku ta' l-Iskambji taż-Żgħażagħ u ta' l-Inizjattivi taż-Żgħażagħ ikun ikkoordinat u enfasizzat. Il-proċess se jiġi implimentat simultanjament permezz ta' għadd ta' passi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq.
It-temi magħżula għan-netwerking huma marbuta mal-prijoritajiet permanenti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**, jiġifieri parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ, diversità kulturali, ċittadinanza Ewropea u inklużjoni soċjali jew mal-prijoritajiet annwali tal-Programm li ġew stabbiliti fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

### Il-passi minn fuq għal isfel

Fi ħdan il-prijorijiet ġenerali eżistenti tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**, l-Aġenziji Nazzjonali jidentifikaw xi *linji ta' Azzjoni* tematiċi u annwali (eż. linja ta' azzjoni dwar 'il-ġlieda kontra u l-impediment tal-vjolenza urbana', fi ħdan il-prijorità ġenerali ta' l-inklużjoni soċjali).

Sabiex tiffaċilita dan il-proċess, il-Kummisjoni torganizza laqgħa bejn l-aġenziji darba fis-sena bl-appoġġ ta' l-Aġenzija Eżekuttiva jew dik Nazzjonali. L-għan tal-laqgħa huwa li tistieden lill-Aġenziji Nazzjonali biex jiddiskutu, jiskambjaw l-informazzjoni u eventwalment jagħmlu bidliet żgħar biex itejbu l-linji ta' l-Azzjoni tagħhom ma' dawk ta' Aġenziji Nazzjonali oħra.

Sussegwentement, l-Aġenziji Nazzjonali jagħżlu Skambji taż-Żgħażagħ u attivitajiet oħra ta' l-Azzjoni 1 skond dawn il-linji ta' Azzjoni identifikati u jħeġġu in-netwerking fosthom.

### Il-passi minn isfel għal fuq

L-Aġenziji Nazzjonali jorganizzaw laqgħat ta' netwerking fuq livell nazzjonali, bl-għan li jlaqqgħu l-promoturi u l-parteċipanti tal-proġett involuti fl-istess qasam tematiku (il-linja ta' l-Azzjoni).

Il-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' l-Aġenzija Eżekuttiva tista' torganizza laqgħat simili ta' netwerking fuq livell Ewropew.

L-għanjiet ta' dawn it-tipi ta' laqgħat ta' netwerking huma:

- l-iskambju ta' prattika tajba;
- li jagħtu valur miżjud lill-esperjenzi miksuba fil-livell bażiku;
- il-kooperazzjoni ulterjuri u l-iżvilupp tal-proġett f'qasam tematiku speċifiku;
- l-elaborazzjoni tat-tixrid tal-prodotti (rapporti, pubblikazzjonijiet, studji, materjal audjoviżwali u ta' l-internet) sabiex tittejjeb il-viżibbiltà ta' l-Azzjoni u tiżdied l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet offruti mill-Azzjoni tal-Programm
- il-superviżjoni tal-kwalità ta' l-attivitajiet appoġġjati.

## Il-Ftehimiet Finanzjarji għal Numru ta' Miżuri

Benefiċjarju li jorganizza diversi proġetti ta' l-Azzjoni 1 fuq perjodu ta' 18-il xahar jista' jippreżenta proposta waħda tal-proġett ikkaratterizzata minn dawn l-istrutturi:

- Il-proposta tista' tgħaqqad bejn tnejn u ħames attivitajiet ta' l-istess tip (pereżempju tliet Skambji Multilaterali taż-Żgħażagħ fuq perjodu ta' sena),

Il-proposta tista' tgħaqqad bejn tnejn u ħames attivitajiet ta' tipi differenti (pereżempju, Skambju Multilaterali taż-Żgħażagħ wieħed, tnejn ta' Inizjattivi taż-Żgħażagħ u waħda ta' Proġett ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ)

L-għanijiet tal-Ftehimiet Finanzjarji għal numru ta' Miżuri huma:
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji;
- l-isforzi ta' bdil fl-aspetti tal-kwalità;
- l-elaborazzjoni usa' ta' strateġiji tat-tixrid u tal-viżibbiltà.

## Is-sejħa għall-proġetti piloti dwar in-netwerking tematiku

Fl-2007, il-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija Eżekuttiva se tniedi sejħa għall-proposti għan-netwerking tematiku tal-proġetti ta' l-Azzjoni 1.

## X'inhuma l-għanijiet tas-sotto-Azzjoni?

L-għanijiet ta' din is-sejħa għall-proposti se jkunu:

- li jorbtu l-proġetti b'mod tematiku, sabiex jagħtuhom struttura;
- il-ġabra ta' esperjenzi f'qasam tematiku speċifiku;
- iż-żieda ta' rabtiet bejn l-Iskambji, l-Inizjattivi u l-Proġetti ta' Demokrazija taż-Żgħażagħ;
- it-tixrid tar-riżultati tal-proġett.

## Kif tapplika?

Il-benefiċjarji jintgħażlu fuq il-bażi ta' sejħiet annwali għall-proposti. Għal aktar informazzjoni dwar il-formoli ta' l-applikazzjoni u d-dati ta' l-għeluq, jekk jogħġbok żur is-sit:

http://ec.europa.eu/youth/index_en.html
http://eacea.cec.eu.int

jew ikkuntattja l-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell.

Din is-sotto-Azzjoni hija implimentata fuq livell ċentralizzat. Għalhekk il-proposti jridu jiġu sottomessi direttament lill-Aġenzija Eżekuttiva.

## X' inhuma l-kriterji ta' l-għażla u kif huma ffinanzjati l-proġetti?

L-applikazzjonijiet eliġibbli huma vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà u ta' l-għoti stabbiliti fis-sejħa għall-proposti.

Il-mekkaniżmu ta' l-għoti u r-regoli tal-finanzjament se jkunu definiti fit-test tas-sejħa għall-proposti.

# L-istampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

Ara t-tabelli li ġejjin.

# Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament:

## Azzjoni1.1.:L-Iskambji taż-Żgħażagħ

| Tip ta' spiża/ proġett | Il-benefiċjarji | Il-bażi għall-finanzjament | L-ammont *Jekk jogħġbok innota li l-ammonti kollha jistgħu jiġu addattati mill-Aġenziji Nazzjonali* | Ir-regola ta' l-allokazzjoni | L-użu ta' l-għotja tal-Komunità | L-obbligi tar-rapportar *Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu għall-użu ta' verifiki tal-kontijiet għal ħames snin wara t-tmiem tal-proġett* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Spejjeż tal-ivvjaġġar** | L-organizzazzjonijiet (bi-, trilaterali)/il-gruppi li jibgħatu | Spejjeż attwali | 70% | Awtomatika | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi). | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar/ fatturi. |
| **Żjara ta' ippjanar minn qabel** | L-organizzazzjonijiet li jibagħtu (bi-, trilaterali) jew l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (multilaterali) | Spejjeż attwali + rata fissa (massimu ta' jumejn) | 100% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar + € 48/ġurnata għal kull persuna għal kull imsieħeb li jibgħat(wieħed jew tnejn bil-kondizzjoni li t-tieni parteċipant ikun żgħażugħ) **(1)** | Kondizzjonali: iż-żjara ta' ippjanar minn qabel trid tkun deskritta b' mod ċar fil-formola ta' l-applikazzjoni | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi). Ir-rata fissa supplimentari biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' l-alloġġ u spejjeż oħra matul iż-żjara. | Kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar + ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. |
| **Il-preparazzjoni ta' l-attivitajiet u tal-parteċipanti** | L-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu (bi-, trilaterali) jew l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (multilaterali) | Ammont fiss | € 480 għal kull organizzazzjoni**(1)** | Kondizzjonali: l-attivitajiet tal-preparazzjoni jridu jkunu deskritti b' mod ċar fil-formola ta' l-applikazzjoni | Kwalunkwe spiża li hija direttament marbuta mal-preparazzjoni tal-proġett. | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. |
| **Spejjeż ta' l-attivitajiet (Bilaterali u Trilaterali)** | L-organizzazzjoni li tilqa' | Ammont fiss + rata fissa | € 960 + € 18 rata fissa/ parteċipant/ġurnata **(1)** | Awtomatika | Kwalunkwe spiża li hija direttament marbuta mat-twettiq tal-proġett. | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. Il-kalkulazzjoni mill-ġdid fuq il-bażi tan-numru attwali tal-parteċipanti u tat-terminu attwali. Il-lista tal-firem tal-parteċipanti kollha. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Spejjeż ta' l-attivitajiet (Multilaterali)** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Ammont fiss + rata fissa | € 1 920 + € 18 rata fissa/ parteċipant/ġurnata **(1)** | Awtomatika | Kwalunkwe spiża li hija direttament marbuta mat-twettiq tal-proġett. | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. Il-kalkulazzjoni mill-ġdid fuq il-bażi tan-numru attwali tal- parteċipanti u tat-terminu attwali. Il-lista tal-firem tal-parteċipanti kollha. |

**(1) Jekk jogħġbok ikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali li tilqa' għal informazzjoni aġġornata dwar l-ammonti applikati attwali. Jekk jogħġbok innota li l-applikant irid japplika r-rati u l-ammonti fissi tal-pajjiż fejn iseħħ il-proġett.**
**Għall-proġetti sottomessi minn ENGOs, l-ammonti applikati huma dejjem dawk iddikjarati hawn fuq.**
**Jekk jogħġbok innota li t-trasferimenti bejn punti tat-talba ta' l-għotja mill-ispejjeż attwali għall-ammonti fissi/b'rata fissa (jew viċiversa) m'humiex permessi.**

| **It-tip ta' spiża/ proġett** | **Il-benefiċjarji** | **Il-bażi għall-finanzjament** | **L-ammont** *Jekk jogħġbok innota li l-ammonti kollha jistgħu jiġu addattati mill-Aġenzija Nazzjonali* | **Ir-regola ta' l-allokazzjoni** | **L-użu ta' l-għotja tal-Komunità** | **L-obbligi tar-rapportar** ***Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu għall-użu ta' verifiki tal-kontijiet għal ħames snin wara t-tmiem tal-proġett*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Spejjeż eċċezzjonali** | L-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu jew l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | Sa 100% | Kondizzjonali: l-ispejjeż eċċezzjonali jridu jiġu iġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | - Kwalunkwe spiża direttament relatata maż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet/bi bżonnijiet speċjali jew iġġustifikata min-natura speċjali ta' l-attivitajiet.<br><br>- L-ispejjeż tal-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża u l-ispejjeż tat-tilqim | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-fatturi/riċevuti. |
| **Spejjeż ta' l-attivitajiet ta' segwitu/valorizzazzjoni** | L-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu jew l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | Sa 10% ta' l-għotja tal-Komunità | Kondizzjonali: l-attività ta' segwitu trid tkun deskritta b'mod ċar fil-formola ta' l-applikazzjoni | It-tixrid u l-promozzjoni tar-riżultati tal-proġett | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. |

# Azzjoni 1.2.:L-Inizjattivi taż-Żgħażagħ

| **It-tip ta' spiża/ proġett** | **Il-benefiċjarji** | **Il-bażi għall-finanzjament** | **L-ammont** *Jekk jogħġbok innota li l-ammonti kollha jistgħu jiġu addattati mill-Aġenziji Nazzjonali* | **Ir-regola ta' l-allokazzjoni** | **L-użu ta' l-għotja tal-Komunità** | **L-obbligi tar-rapportar** ***Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu għall-użu ta' verifiki tal-kontijiet għal ħames snin wara t-tmiem tal-proġett*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-inizjattivi taż-żgħażagħ (1)** | Organizzazzjoni/grupp taż-żgħażagħ | Is-somma f'daqqa | Sa € 10 000 | Awtomatika bil-kondizzjoni li tkun imħarsa l-konsistenza mal-baġit proviżorju | Kwalunkwe spiża li hija direttament marbuta mat-twettiq tal-proġett, inkluż l-ispejjeż speċjali għal min iħarreġ (jekk meħtieġ) | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali.<br>Il-lista tal-firem tal-parteċipanti kollha. |
| **Iż-żjara ta' l-ippjanar minn qabel (Għal Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ biss)** | organizzazzjoni/ grupp ta' koordinazzjoni (multilaterali) | Spejjeż attwali + rata fissa (massimu ta' jumejn) | 100% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar + € 48/ġurnata għal kull persuna għal kull imsieħeb li jibgħat | Kondizzjonali: l-għan ta', u l-ħtieġa għaż-żjara ta' ippjanar minn qabel iridu jiġu iġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi).<br>Ir-rata fissa supplimentari biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' l-alloġġ u spejjeż oħra matul iż-żjara. | Kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar + ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. |
| **L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar (Għall-Inizjattivi Transnazzjonali taż-Żgħażagħ biss)** | Organizzazzjoni/grupp ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | 70% | Awtomatika | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru, biljett tat-tren tat-tieni klassi). | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar/fatturi. |
| **L-ispejjeż ta' l-attivitajiet ta' segwitu/valorizzazzjoni** | organizzazzjoni/grupp ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | Sa 10% ta' l-għotja tal-Komunità | Kondizzjonali: l-attività ta' segwitu trid tkun deskritta b' mod ċar fil-formola ta' l-applikazzjoni | It-tixrid u l-promozzjoni tar-riżultati tal-proġett | Ir-riżultati / il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali. |

**(1) Il-Kummissjoni Ewropea iffissat ammont massimu ta' referenza ta' € 10 000.**

# Azzjoni 1.3.: Il-Proġetti ta’ Demokrazija taż-Żgħażagħ

| Il-benefiċjarji | Il-bażi għall-finanzjament | L-ammont | Ir-regola ta’ l-allokazzjoni | L-użu ta’ l-għotja tal-Komunità | L-obbligi tar-rapportar<br>*Id-dokumenti kollhagħandhom jinżammu għall-użu ta’ verifiki tal-kontijiet għal ħames snin wara t-tmiem tal-proġett* | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-organizzazzjoni ta’ koordinazzjoni** | Spejjeż attwali | Sa 60% ta’ l-ispejjeż totali tal-proġett<br>Sa massimu ta’<br>€ 25 000 | Kondizzjonali: l-għanijiet u l-Programm dettaljat ta’l-attività iridu jkun deskritti b’mod ċar fil-formola ta’ l-applikazzjoni | Kwalunkwe spiża direttament marbuta mat-twettiq tal-proġett: spejjeż ta’ l-ivvjaġġar mill-pajjiż tal-parteċipant għall-post tal-proġett, l-alloġġ, l-ikel, materjal pedagoġiku, l-assigurazzjoni, il-valutazzjoni, l-ispejjeż tal-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża, it-tilqim, eċċ. | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta’ l-ispejjeż magħmula, kopji tal-fatturi/riċevuti<br><br>Kopja tal-biljetti ta’ l-ivvjaġġar/fatturi<br><br>Ir-riżultati/il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali<br><br>Il-lista tal-firem tal-parteċipanti kollha | |
| **L-ispejjeż ta’ l-attivitajiet ta’ segwitu/valorizzazzjoni** | Organizzazzjoni li tibgħat u li tilqa’ jew l-organizzazzjoni ta’ koordinazzjoni | Spejjeż attwali | Sa 10% ta’ l-għotja tal-Komunità | Kondizzjonali: l-attività ta’ segwitu trid tkun deskritta fil-qosor b’mod ċar fil-formola ta’ l-applikazzjoni | It-tixrid u l-promozzjoni tar-riżultati tal-proġett | Ir-riżultati / fir-rapport f |

# D. Azzjoni 2 – Is-servizz Volontarju Ewropew

## X'inhu s-Servizz Volontarju Ewropew ?

Is-Servizz Volontarju Ewropew (EVS) jappoġġja s-servizz transnazzjonali ta' volontarjat taż-żgħażagħ.

Dan jaspira li jiżviluppa s-solidarjetà u jippromwovi t-tolleranza fost iż-żgħażagħ, primarjament biex isaħħaħ il-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea. Dan jippromwovi iċ-ċittadinanza attiva u jżid il-fehim reċiproku fost iż-żgħażagħ.

Dawn l-għanijiet ġenerali għandhom b'mod partikolari jintlaħqu permezz ta':

- l-appoġġ għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'forom varji ta' attivitajiet ta' volontarjat, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropew;
- l-opportunitajiet li jingħataw liż-żgħażagħ biex jesprimu l-impenn personali tagħhom permezz ta' attivitajiet ta' volontarjat fuq livell Ewropew u internazzjonali;
- l-involviment taż-żgħażagħ f'azzjonijiet li jrawmu s-solidarjetà bejn iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea;
- l-involviment ta' voluntieri żgħażagħ f'attività bla ħlas li m'għandhiex skop ta' qligħ għall-benefiċċju tal-pubbliku ġenerali f'pajjiż ieħor li ma jkunx dak tar-residenza tagħhom.

Is-Servizz Volontarju Ewropew jgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet komuni ta' attivitajiet ta' volontarjat taż-żgħażagħ fuq livell Ewropew, li ġew adottati mill-Kunsill tal-Ministri ta' l-UE fil-15 ta' Novembru 2004.

Is-Servizz Volontarju Ewropew huwa servizz ta' "tagħlim": tul il-perjodu ta' esperjenzi ta' tagħlim mhux formali il-voluntieri żgħażagħ itejbu u/jew jiksbu kompetenzi għall-iżvilupp personali, edukattiv u professjonali tagħhom kif ukoll għall-integrazzjoni soċjali tagħhom. L-elementi ta' tagħlim jikkonsistu minn definizzjoni miftehma b'mod reċiproku tar-riżultati, proċessi u metodi mistennija tat-tagħlim, taċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi miksuba, tal-parteċipazzjoni tal-voluntieri fiċ-ċiklu ta' taħriġ ta' l-EVS u tal-forniment kontinwu ta' appoġġ relatat ma' xogħlijiet, appoġġ lingwistiku u personali, inkluż l-impediment minn kriżijiet u l-mekkaniżmu tal-ġestjoni.

**L-attività ta' l-EVS**

L-EVS huwa implimentat permezz ta' attivitajiet organizzati fi sħubija bejn organizzazzjonijiet legalment stabbiliti, li jibagħtu jew jilqgħu il-voluntieri. Attività ta' EVS hija komposta minn preparazzjoni, attività ta' volontarjat u segwitu. Il-voluntier iwettaq l-attività ta' volontorjat f'pajjiż li mhux dak tar-residenza tiegħu. L-attività hija bla ħlas, bla skop ta' qligħ u *full-time* matul perjodu speċifikat (massimu ta' 12-il xahar). Din isservi ta' ġid għall-komunità.

Attività ta' l-EVS tista' ssir f'diversi oqsma: fil-qasam tal-kultura, taż-żgħażagħ, ta' l-isports, tal-kura soċjali, tal-wirt kulturali, ta' l-arti, tal-protezzjoni ċivili, ta' l-ambjent, tal-kooperazzjoni ta' l-iżvilupp, eċċ. Interventi ta' riskju kbir f'sitwazzjonijiet immedjati li jkunu għadhom kemm ħarġu minn kriżi (eż. għajnuna umanitarja, għajnuna soċjali immedjata wara diżastri eċċ.) huma esklużi.

L-attività trid tirrappreżenta valur miżjud Ewropew jew internazzjonali ċar. Din trid ukoll tinkludi kuntatti mal-komunitajiet lokali.

Il-voluntieri m'għandhomx jieħdu post l-impjegati mħallsin.

Attività ta' l-EVS tinvolvi mill-inqas organizzazzjoni waħda li tibgħat, oħra li tilqa' u voluntier wieħed. Din tista' tinvolvi l-voluntieri u l-organizzazzjonijiet kollha msieħba fil-proġett kollu ta' l-EVS, jew ftit minnhom biss. Massimu ta' 100 voluntier jista' jieħu sehem f'attività waħda.

L-attività tista' ssir individwalment jew fi gruppi.

Jekk l-attività tinvolvi aktar minn voluntier wieħed, il-voluntieri jistgħu jwettqu l-attività fl-istess organizzazzjoni ospitanti fl-istess pajjiż, f'organizzazzjonijiet differenti ospitanti fl-istess pajjiż jew f'organizzazzjonijiet differenti ospitanti f'pajjiżi differenti.

Attività ta' l-EVS individwali tinvolvi biss voluntier wieħed, organizzazzjoni li tilqa' waħda, u waħda li tibgħat. L-attivitajiet individwali ta' l-EVS jibqgħu importanti, għaliex huma jirrappre¿entaw esperjenza ta' tagħlim intensiv, appoġġ individwalizzat, impatt kbir fuq l-i¿vilupp personali u opportunitajiet kbar ta' integrazzjoni mal-komunità lokali.

Attività tal-grupp ta' l-EVS tippermetti lill-voluntieri li jieħdu sehem ilkoll flimkien f'attivitajiet ta' volontarjat fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali u li jibbenefikaw minn esperjenzi ta' tagħlim individwali jew fi gruppi. Sa 100 voluntier jistgħu jieħdu sehem fl-istess organizzazzjoni ospitanti jew – maqsuma f'sotto-gruppi i¿għar - fi gruppi ospitanti differenti. Attività ta' grupp ta' l-EVS trid ti¿gura atmosfera ta' grupp kemm għall-proċessi tat-tagħlim, kif ukoll għas-servizz għall-benefiċċju tal-komunità. Din trid ukoll ti¿gura approċċ tematiku komuni u kuntatti kontinwi fost il-voluntieri. Il-grupp ta' l-EVS ġie ¿viluppat sabiex ikabbar l-impatt, l-aċċessibbiltà, l-effettività u l-vi¿ibbiltà ta' l-EVS saħansitra aktar.

**Il-proġetti ta' l-EVS**

Proġett ta' l-EVS huwa l-qafas għal waħda jew diversi attivitajiet ta' l-EVS, iggruppati f'applikazzjoni għal għotja waħda. Hemm ukoll il-possibbiltà ta' attivitajiet ta' gruppi u individwali flimkien. Fi proġett wieħed jistgħu jipparteċipaw mhux aktar minn 100 voluntier.

Organizzazzjoni stabbilita legalment tapplika għall-finanzjament tal-Komunità f'isem l-imsieħeb jew l-imsieħba l-oħra fil-proġett (għad-dettalji ara hawn taħt). M'huwiex meħtieġ li din l-organizzazzjoni tibgħat jew tilqa' voluntieri fil-proġett. L-applikant huwa l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni u jirċievi l-għotja jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata. L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni hija responsabbli mill-ġestjoni sħiħa tal-proġett, mill-koordinazzjoni tal-proġett ma' l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u/jew li jilqgħu kollha involuti u mid-distribuzzjoni ta' l-għotja bejn l-imsieħba tal-proġett skond ir-responsabbiltajiet tagħhom. Voluntier ma japplikax direttament għall-finanzjament tal-Komunità.

Permezz ta' l-approċċ ta' hawn fuq u tal-possibbiltà li jkunu inkorporati attivitajiet differenti fl-istess proġett, il-Kummissjoni trid li tissimplifika l-ġestjoni kuntrattwali u tintroduċi aktar flessibbiltà u sigurtà ta' ippjanar fit-tul għal dawk imsieħba fil-proġett. Barra dan, il-Kummissjoni tqis dan l-approċċ bħala l-aktar xieraq biex tistruttura u torbot aħjar l-attivitajiet ta' l-EVS, biex tiżgura koerenza akbar fosthom u biex tkabbar l-impatt u l-viżibbiltà totali ta' l-EVS.

## Nota: X'mhuwiex l-EVS

l-EVS m'huwiex okkażjonali, mingħajr organizzazzjoni sewwa, xogħol ta' volontarjat *part-time*.
l-EVS m'huwiex internat jew apprendistat f'intrapriża.
l-EVS m'huwiex xogħol bi ħlas u m'għandux jissostitwixxi xogħlijiet bi ħlas.
l-EVS m'huwiex passatemp jew attività turistika.
l-EVS m'huwiex kors lingwistiku.
l-EVS m'huwiex sfruttar ta' impjegati ordinarji.
l-EVS m'huwiex perjodu ta' studju jew taħriġ vokazzjonali barra l-pajjiż.
l-EVS m'huwiex sempliċement skema ta' finanzjament, iżda mudell ta' kwalità tas-servizz transnazzjonali ta' volontarjat.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B.

Il-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

### L-imsieħba fil-proġetti fl-EVS

Kull proġett u attività ta' l-EVS huwa bbażat fuq sħubija li tinkludi lil dawn l-imsieħba fil-proġett li ġejjin:

wieħed jew aktar voluntieri;
waħda jew aktar organizzazzjonijiet li jibagħtu;
waħda jew aktar organizzazzjonijiet ospitanti;
organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (l-applikant), li tista' tkun (imma m'għandiex għalfejn tkun) waħda mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu jew minn dawk ospitanti.

Imsieħeb fil-proġett li jibgħat jew jilqa' voluntier irid ikun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ legalment stabbilita f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb jew
awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali minn Pajjiż tal-Programm jew Pajjiż Imsieħeb jew
organizzazzjoni governattiva internazzjonali stabbilita f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb.

L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (l-applikant) trid tkun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ legalment stabbilita f'Pajjiż tal-Programm jew f'pajjiż fix-Xlokk ta' l-Ewropa, jew

awtorità lokali, reġjonali jew nazzjonali minn Pajjiż tal-Programm jew minn pajjiż fix-Xlokk ta' l-Ewropa, jew
entità organizzattiva ta' avvimenti fil-qasam taż-żgħażagħ, ta' l-isport jew tal-kultura bi status ta' entità mingħajr skop ta' qligħ jew bi skop ta' qligħ, jew
organizzazzjoni governattiva internazzjonali stabbilita f'Pajjiż tal-Programm jew f'pajjiż fix-Xlokk ta' l-Ewropa.

Konsegwentement, l-organizzazzjonijiet stabbiliti f'Pajjiżi Msieħba għajr għall-pajjiżi fix-Xlokk ta' l-Ewropa jistgħu jkunu organizzazzjonijiet li li jibagħtu jew li jilqgħu, iżda ma jistgħux ikunu 'organizzazzjonijiet ta' koordinazzjoni'.

Kull proġett u attività ta' l-EVS irid jinvolvi mill-inqas Stat Membru wieħed ta' l-UE.

In-numru ta' organizzazzjonijiet msieħba fil-proġett stabbiliti f'Pajjiżi Msieħba ma jistax jaqbeż in-numru ta' organizzazzjonijiet imsieħba fil-proġett f'Pajjiżi tal-Programm fl-istess proġett.

Għall-proġetti sottomessi fuq livell nazzjonali, il-voluntier jintbagħat minn organizzazzjoni li tibgħat legalment stabbilita fil-pajjiż ta' residenza tiegħu/tagħha. Għall-proġetti sottomessi fuq livell Ewropew, l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tista' terfa' r-responsabbiltà li tibgħat lil dawk konċernati (ħlief għall-voluntieri b'inqas opportunitajiet fejn l-organizzazzjoni li tibgħat fil-pajjiż ta' residenza hija dejjem obbligatorja).

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjoni għall-għotja trid tidentifika l-organizzazzjonijiet kollha li jkunu se jiġu involuti fil-proġett. Din trid ukoll tinkludi l-kalendarju ta' l-attivitajiet.

## L-akkreditazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS

Kull organizzazzjoni f'Pajjiż tal-Programm jew fix-Xlokk ta' l-Ewropa li tixtieq tibgħat jew tilqa' voluntieri ta' l-EVS jew tikkoordina proġett ta' l-EVS trid tkun akkreditata. L-organizzazzjonijiet barra mill-Pajjiżi tal-Programm u fix-Xlokk ta' l-Ewropa jistgħu jieħdu sehem bħala msieħba fil-proġett f'EVS mingħajr akkreditazzjoni.
L-akkreditazzjoni sservi bħala aċċess għall-EVS u biex tiżgura livell komuni ta' kwalità fl-EVS. L-organizzazzjonijiet kollha akkreditati jkunu ppubblikati f'*database* ta' l-internet sabiex ikun iktar faċli li wieħed isib l-imsieħba.

Sabiex jiġu akkreditati, l-organizzazzjonijiet jissottomettu 'Espressjoni ta' interess', li tinkludi fil-biċċa l-kbira l-ideat u l-motivazzjoni ġenerali għall-attivitajiet ta' l-EVS.

L-Aġenziji Nazzjonali huma responsabbli għall-akkreditazzjoni ta' organizzazzjonijiet fil-Pajjiżi tal-Programm; iċ-Ċentru ta' Riżorsi SALTO tax-Xlokk ta' l-Ewropa jieħu ħsieb l-akkreditazzjoni fix-Xlokk ta' l-Ewropa. L-ENGOs u l-organizzazzjonijiet governattivi internazzjonali jiġu akkreditati mill-Aġenzija Eżekuttiva.

L-espressjonijiet ta' interess jistgħu jiġu sottomessi fuq bażi kontinwa u min jakkredita, fil-prinċipju, jieħu deċiżjoni fi żmien sitt ġimgħat. L-akkreditazzjoni hija valida għall-massimu ta' tliet snin li fi ħdanhom l-attivitajiet ta' l-EVS jistgħu jibdew. Permezz ta' l-akkreditazzjoni tagħhom l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS jaqblu li jaderixxu mal-'Karta ta' l-EVS' (ara l-aħħar ta' dan il-kapitolu). L-akkreditazzjoni tista' tittieħed lura fi kwalunkwe ħin f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Karta ta' l-EVS.

## Il-parteċipanti

L-EVS huwa miftuħ għaż-żgħażagħ kollha bejn it-18 u t-30 sena, irrispettivament mill-ambjent li ġejjin minnu, li huma legalment residenti f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb.

Isiru sforzi speċjali u jingħataw inċentivi sabiex jippermettu liż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, inkluż dawk b'diżabilità, li jieħdu sehem attiv fl-EVS. Dawn l-attivitajiet ta' 'inklużjoni' huma miftuħin għal dawk bejn is-16 u t-30 sena, bil-kondizzjoni li jiġu pprovduti tħejjijiet, akkumpanjament u segwitu li jkunu kompetenti u mfasslin għall-ħtieġa partikolari tagħhom.

Kull proġett ta' l-EVS u kwalunkwe attività ta' l-EVS fi ħdan il-proġett għandha tinvolvi minn wieħed sa 100 voluntier.

Jekk proġett jinvolvi Pajjiżi Msieħba, in-numru ta' voluntieri fil-proġett li jiġu minn Pajjiżi Msieħba ma jistax jaqbeż in-numru ta' voluntieri li jiġu minn Pajjiżi tal-Programm.

Il-proċess ta' reklutaġġ tal-voluntieri għandu jkun miftuħ u trasparenti.

Meta jirreklutaw il-voluntieri, l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS huma obbligati li jżommu l-aċċessibbiltà totali ta' l-EVS għaż-żgħażagħ kollha. Il-ftuħ ġenerali ta' l-EVS u l-ispirtu tal-Programm iridu jiġu riflessi fil-kriterji tar-reklutaġġ u fi proċess miftuħ ta' reklutaġġ, li jirreferu għall-Programm **Żgħażagħ Attivi**. L-organizzazzjonijiet ma jistgħux jispeċifikaw li l-voluntieri għandhom ikunu ta' grupp etniku, reliġjon, orjentazzjoni sesswali jew opinjoni politika speċifika. Ma jistgħux jitolbu kwalifiki preċedenti, ċertu livell edukattiv, esperjenza speċifika jew aktar minn għarfien lingwistiku bażiku. F'każijiet eċċezzjonali, jekk ikun ġustifikat b'mod korrett u skond ix-xogħlijiet u s-sitwazzjoni li fihom jintużaw il-voluntieri, xi tipi ta' attivitajiet jistgħu jkunu jeħtieġu l-għażla ta' kandidati b'ħiliet speċifiċi.

## Il-konsulent

Fil-post fejn il-voluntieri jkunu milqugħin irid jiġi identifikat konsulent (ara aktar 'l isfel).

## It-terminu

It-terminu ta' proġett ta' l-EVS m'għandux jaqbeż l-24 xahar, inkluż il-preparazzjoni u l-valutazzjoni/is-segwitu.

L-attività ta' l-EVS barra l-pajjiż għandha jkollha terminu minimu ta' xahrejn u terminu totali massimu ta' 12-il xahar (il-preparazzjoni u l-valutazzjoni huma esklużi).

Ġeneralment, voluntier jieħu sehem f'attività ta' l-EVS waħda biss. F'każi ġġustifkati (speċjalment meta għal raġunijiet pedagoġiċi ikun previst approċċ ta' pass pass, meta kien hemm problemi fl-attività oriġinali jew jekk il-voluntier ikun ħa sehem f'attività ta' grupp tul perjodu qasir ta' żmien) il-parteċipazzjoni f'żewġ attivitajiet ta' l-EVS jew aktar sussegwenti hija possibbli. Madanakollu, għal voluntier wieħed, it-tul totali ta' l-attività qatt ma jista' jaqbeż it-12-il xahar. Fil-każ ta' attivitajiet ta' inklużjoni ma' voluntieri żgħażagħ b'inqas opportunitajiet jew ta' attivitajiet tal-grupp ta' l-EVS, jekk ikun ġustifikat b'mod korrett, huwa permess terminu minimu ta' ġimagħtejn.

It-tul attwali ta' Żjara ta' Ippjanar Minn Qabel fi proġetti li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet mhix iddefinita, imma jumejn biss miż-żjara (l-ivvjaġġar huwa eskluż) jistgħu jiġu appoġġjati mill-għotja tal-Komunità.

## Il-post

Voluntier dejjem iwettaq l-attività tiegħu fl-EVS f'pajjiż differenti minn dak tar-residenza tiegħu (bl-eċċezzjoni tal-preparazzjoni u l-attivitajiet ta' segwitu).

Attività ta' l-EVS tista' titwettaq f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb.

Jekk attività tinvolvi Pajjiżi Msieħba ġirien, il-voluntieri jistgħu jintbagħtu u jintlaqgħu bejn dawn il-pajjiżi, sakemm għall-inqas Stat Membru ta' l-UE wieħed ikun involut fl-attività u li n-numru tal-voluntieri fil-proġett globali li ġejjin mill-Pajjiżi Msieħba ma jaqbiżx in-numru ta' voluntieri li ġejjin minn Pajjiżi tal-Programm.

Jekk 'Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja' jiġu involuti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mill-Afrika, mill-Karibew u l-Paċifiku u mill-Amerika Latina u l-Ażja hija mħeġġa b'mod partikolari. F'dawn il-każi, voluntier residenti f'Pajjiż tal-Programm jista' jintbagħat biss f'Pajjiż tal-Programm. Mhux possibbli li l-voluntieri jintbagħtu jew jintlaqgħu bejn organizzazzjonijiet li jinsabu 'f'Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja'.

## It-tema u x-xogħlijiet

Kull attività ta' l-EVS irid ikollha kunċett tematiku marbut mal-prijoritajiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** u ma' l-għanijiet u l-prijoritajiet speċifiċi tas-Servizz Volontarju Ewropew.

L-attivitajiet fi gruppi ta' l-EVS, irid ikollhom approċċ tematiku komuni. L-attivitajiet fi gruppi ta' l-EVS, li jkunu marbuta ma' avveniment speċifiku, jeħtieġu sħubija soda ma' l-entità organizzattiva ta' l-avveniment. Ix-xogħlijiet tal-voluntieri jridu jkunu lkoll relatati ma' l-avveniment.

Ix-xogħlijiet iridu jipprovdu valur miżjud Ewropew jew internazzjonali ċar u ma jridux ikunu jikkonsistu minn attivitajiet ta' rutina. Ix-xogħlijiet jinkludu kuntatti mal-komunità lokali.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla ?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-Taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:

- il-kwalità tal-proġett f'termini ta' attivitajiet ta' koordinazzjoni, ippjanar, tħejjija, appoġġ fit-taħriġ u konsulent;
- ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
- id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
- l-impatt mistenni mill-proġett;
- il-kwalità tal-proġett f'termini ta' prevenzjoni tar-riskju u ġestjoni tal-kriżijiet
- il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
- il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

L-għotjiet għall-EVS se jingħataw lill-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali.

Barra dan, jistgħu jiġu stabbiliti prijoritajiet annwali kull sena għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

Il-prijoritajiet speċifiċi ta' l-EVS huma:

- L-involviment ta' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet,
- L-involviment ta' organizzazzjonijiet imsieħba li jkunu qed jipparteċipaw għall-ewwel darba f'attività ta' l-EVS,
- L-inkoraġġiment ta' aktar żvilupp ta' sħubijiet stabbiliti sabiex tittejjeb il-kwalità tas-servizz volontarju,
- Fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-'Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja', proġetti ma' pajjiżi mill-Afrika, mill-Karibew u mill-Paċifiku, kif ukoll mill-Amerika Latina u mill-Ażja.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

### Il-Karta ta' l-EVS

Il-prinċipji ġenerali, id-definizzjoni tar-rwoli ta' l-imsieħba tal-proġetti ta' l-EVS u l-istandards prinċipali tal-kwalità ta' l-EVS huma stabbiliti fil-Karta ta' l-EVS, li hija l-bażi għall-akkreditazzjoni. Il-Karta tista' tinstab fl-aħħar ta' dan il-kapitolu.

### L-ippjanar, il-preparazzjoni, it-taħriġ, l-appoġġ u s-segwitu

Iż-żagħżugħ jiġi involut b'mod attiv fl-ippjanar, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-EVS.

Għandu jingħata apoġġ xieraq lill-voluntier fil-fażijiet kollha tal-proġett.

Il-proġett għandu jipprevedi mekkaniżmi ta' prevenzjoni minn kriżi u ta' ġestjoni.

Il-proġett għandu jipprovdi preparazzjoni adegwata (lingwistika, interkulturali, eċċ.) lill-voluntieri, billi jqis il-qligħ ta' kull voluntier, in-natura tal-proġett u s-sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż li jilqa'.

Fi proġetti ta' l-EVS li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, hija mħeġġa b'mod speċjali Żjara ta' Ippjanar minn qabel (APV) lill-organizzazzjoni li se tilqa' ż-żgħażagħ qabel l-attività attwali ta' volontarjat. Ma jistgħux jieħdu sehem aktar minn żewġ persuni. Wieħed huwa dejjem rappreżentant ta' l-organizzazzjoni li tibgħat. Jekk tieħu sehem persuna oħra, din għandha tkun kandidat volontarju.

Huwa pprovdut appoġġ u/jew taħriġ lingwistiku. L-istruttura, it-terminu u l-frekwenza jistgħu jvarjaw skond il-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-voluntier, u skond ix-xogħlijiet u l-kapaċità ta' l-organizzazzjoni. It-taħriġ fil-lingwa jrid ikun bla ħlas għall-voluntier u jrid jiġi inkluż fil-ħin regolari tax-xogħol.

Il-proġett jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-voluntieri fiċ-ċiklu ta' taħriġ ta' l-EVS. Dan jikkonsisti minn taħriġ qabel il-vjaġġ, taħriġ mal-wasla fil-post, laqgħa ta'nofs it-terminu u valutazzjoni finali. Il-voluntieri ta' l-EVS għandhom il-jedd u d-dmir li jieħdu sehem f'dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ, li huma pprovduti minn jew f'isem l-Aġenziji Nazzjonali jew mill-organizzazzjonijiet ta' l-EVS li jibagħtu, li jilqgħu jew li jikkoordinaw skond it-"Taħriġ tal-Voluntieri: Il-Linji ta' Gwida u l-Istandards Minimi ta' Kwalità" tal- Kummissjoni Ewropea (ara: l-websajt tal-Kummissjoni).

Il-voluntieri għandu jkollhom l-opportunità li jiskambjaw, jaqsmu u jevalwaw l-esperjenza ta' l-EVS (ara wkoll aktar 'l isfel taħt 'valutazzjoni', 'attività ta' segwitu tal-voluntier' u 'strutturi tal-voluntieri preċedenti ta' l-EVS'. Dawn għandhom jirċievu għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet li bagħtuhom meta jerġgħu jintegraw ruħhom fil-komunità ta' pajjiżhom u jiġu megħjuna għal aktar edukazzjoni, taħriġ u impjiegi.

## It-tagħlim mhux formali u l-metodi ta' ħidma

Il-proġett għandu jiżgura li tkun imħarsa l-karatteristika ta' l-EVS bħala 'servizz ta' tagħlim', jiġifieri jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali liż-żgħażagħ, sabiex jippermettilhom li jiksbu ħiliet u kompetenzi ġodda għall-iżvilupp personali, edukattiv u professjonali tagħhom. Għal dan il-għan, fl-applikazzjoni għall-għotja, jeħtieġ li r-riżultati tat-tagħlim u l-proċessi tat-tagħlim mistennija jiġu deskritti b'termini ġenerali u jiġu deskritti bid-dettall fil-ftehim ta' l-attività.

It-tqabbil effettiv bejn ix-xogħlijiet u l-profili tal-voluntier għandu jkun fil-mira tal-proġett.

Dawk imsieħba fil-proġett juru impenn konġunt, sħubija soda u r-rieda li jaqblu fuq it-tqassim ċar tar-responsabbilitajiet.

Il-konsulent fl-organizzazzjoni li tilqa' huwa responsabbli għall-appoġġ personali u jiffaċilita l-integrazzjoni fil-komunità lokali. F'każ ta' problemi, il-voluntier jista'

wkoll ifittex parir mingħand il-konsulent. L-ewwel laqgħa mal-konsulent għandha ssir fil-bidunett ta' l-attività sabiex ikun diskuss il-proċess ta' tagħlim. Għandhom isegwu kuntatt u laqgħat regolari. Il-konsulent għandu wkoll rwol importanti fid-diskussjoni tal-kisbiet tat-tagħlim mal-voluntier fi tmiem l-attività minħabba r-rapport ta' kisba tal-*Youthpass*. Il-konsulent m'għandux ikun il-kontrollur tal-voluntier.

F'kull attività ta' l-EVS l-oriġini ġeografika tal-voluntieri għandha tkun bilanċjata.

L-attivitajiet tal-gruppi ta' l-EVS iridu jiżguraw li t-tagħlim ma jseħħx biss fuq bażi individwali, iżda wkoll fil-grupp. Iridu jiġu previsti laqgħat konġunti tal-voluntieri.

Tista' tkun prevista 'konsulenza msaħħa mill-ġdid' biex iżżid l-appoġġ personali tal-voluntieri b'inqas opportunitajiet fin-naħa li tibgħat u f'dik li tilqa' u tinqasam bejn l-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu skond ir-responsabbiltajiet tagħhom.

## L-impatt

Jekk diversi voluntieri jkunu involuti fi proġett jew attività, għandhom jiġu żgurati elementi ta' struttura kull fejn ikun possibli, pereżempju permezz ta' approċċ tematiku koerenti u komplementari, tar-reċiproċità meta jintbagħtu u jintlaqgħu l-voluntieri, tal-komplementarjetà ta' l-attivitajiet u tax-xogħlijiet assenjati, ta' laqgħat regolari u opportunitajiet ta' netwerking għall-voluntieri, eċċ.

Barra dan, l-impatt fuq proġett ta' l-EVS m'għandux ikun biss limitat għall-parteċipanti fl-attività, iżda wkoll idaħħal il-kunċett ta' 'Ewropa' fil-komunitajiet lokali involuti u – permezz ta' valutazzjoni, segwitu u valorizzazzjoni – jippermetti li proġetti futuri u organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnu wkoll.
Il-possibiltà li jingħaqdu attivitajiet differenti ta' l-EVS fi ħdan proġett wieħed, kif ukoll l-introduzzjoni tal-kunċett ta' grupp ta' l-EVS toffri ħafna opportunitajiet għall-elementi ta' struttura ta' hawn fuq, li flimkien għandhom ikunu utli biex ikabbru l-effettività u l-impatt ta' l-EVS.

## Il-valutazzjoni

L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni, f'kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet li jilqgħu u li jibqgħtu, mal-voluntieri u ma' l-Aġenziji Nazzjonali, trid tiżgura valutazzjoni xierqa ta' l-attività ta' l-EVS flimkien mal-voluntieri. Għal dan il-għan, l-Aġenzija Nazzjonali fil-pajjiż li jibgħat jew l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni torganizza laqgħa ta' valutazzjoni finali.

## Il-valorizzazzjoni tar-riżultati

Il-kisbiet u r-riżultati ta' l-attivitajiet għandhom jiġu mxerrda u użati sabiex isir l-aħjar użu mill-valur tagħhom, isaħħu l-impatt tagħhom u jiżguraw li l-akbar numru possibbli ta' żgħażagħ u ta' organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnhom. Dan jimplika t-trasferiment tar-riżultati lil dawk interessati u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar. L-ispejjeż għall-valorizzazzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati b'mod konġunt mill-għotja tal-Komunità.

### L-attività ta' segwitu tal-voluntier

| |
|---|
| Il-voluntier jista' jwettaq attività ta' segwitu fi żmien sitt xhur minn meta jtemm l-attività ta' l-EVS tiegħu barra mill-pajjiż. Din l-attività ta' segwitu tista' ddum sa xhar u ssir dejjem jew fil-pajjiż tar-residenza ("il-pajjiż li jibgħat") jew fil-pajjiż li jilqa'. Għandha tibni fuq l-esperjenza ta' l-EVS u jkollha l-għan li tenfasizza, ixxerred u tippromwovi r-riżultati ta' l-EVS u żżid l-impatt tiegħu. Din l-attività ta' segwitu titfassal mill-voluntier – possibbilment bl-appoġġ ta' l-organizzazzjoni li tibgħat jew li tilqa' u/jew ta' struttura nazzjonali jew ta' grupp ta' voluntieri preċedenti ta' l-EVS. Hija parti integrali mill-proġett ta' l-EVS. |

### Il-viżibbiltà

Kull proġett ta' l-EVS għandu jenfasizza l-appoġġ tal-Komunità u jipprovdi informazzjoni dwar il-proġett ta' l-EVS u l-Programm **Żgħażagħ Attivi** lid-dinja ta' barra (inkluż permezz ta' l-użu ta' lowgos Ewropej u ta' **Żgħażagħ Attivi**). Barra minn hekk l-organizzazzjonijiet u l-voluntieri involuti fil-proġett għandhom isiru konxji mill-parteċipazzjoni tagħhom fl-EVS.

## Min jista' japplika?

L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tapplika f'isem is-sħubija.
Fi proġetti li jinvolvu biss organizzazzjoni waħda li tibgħat u oħra li tilqa', waħda minnhom tieħu r-rwol ta' l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (applikant), li tapplika f'isem is-sħubija.

## Kif tapplika?

Irrispettivament min-numru ta' organizzazzjonijiet li jibagħtu/li jilqgħu u min-numru tal-voluntieri involuti, jew min-numru u t-terminu ta' l-attivitajiet, hemm biss <u>applikazzjoni waħda, deċiżjoni finanzjarja waħda u ftehim wieħed ta' l-għotja għal kull proġett.</u>

Skond l-istat ta' l-organizzazzjoni, in-natura ta' l-attivitajiet previsti u l-iskop ġeografiku, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu jew lill-Aġenziji Nazzjonali jew lill-Aġenzija Eżekuttiva.

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:

L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa mill-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Pajjiż tal-Programm fejn l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tkun legalment stabbilita.

L-organizzazzjonijiet li jibagħtu u li jilqgħu li jinsabu 'f'Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja' ma jistgħux jieħdu sehem fi proġetti sottomessi fuq livell nazzjonali.

L-applikazzjonijiet li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet, li jipprevedu attività ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn, jistgħu jiġu aċċettati mill-Aġenziji Nazzjonali sa ġimgħa qabel il-kumitat regolari ta' l-għażla. L-aktar data kmieni possibli li fiha jibdew il-proġetti hija d-data ta' l-iffirmar tal-ftehim tal-finanzjament miż-żewġ partijiet.

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva jekk:

- l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tkun Organizzazzjoni Ewropea mhux Governattiva akkreditata (ENGOs), li tkun legalment stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u għandha membri/friegħi f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm;
- l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tkun organizzazzjoni akkreditata legalment stabbilita f'Pajjiż tax-Xlokk ta' l-Ewropa;
- l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni tkun organizzazzjoni intergovernattiva jew entità organizzata ta' avveniment bi skop ta' qligħ;
- il-proġett jinvolvi organizzazzjonijiet jew voluntieri minn 'Pajjiżi Msieħba tad-Dinja';
- il-proġett ikun marbut ma' avvenimenti Ewropej jew internazzjonali ta' skala kbira (pereżempju: il-Kapitali Ewropea tal-Kultura, il-Kampjonat Ewropew tal-Futbol, it-Tazza tad-Dinja, il-Logħob Olimpiku, diżastru naturali kbir jew diżastru provokat mill-bniedem).

## Kif inhi ffinanzjata l-attività?

Il-finanzjament tal-Komunità ta' proġett ta' l-EVS hu msejjes fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt, ma' kontribuzzjonijiet oħra pubbliċi u/jew privati. Dan ifisser li huma meħtieġa kontribuzzjonijiet, fi flus kontanti jew f'oġġetti, mill-organizzazzjonijiet li jibagħtu jew li jilqgħu biex ikopru n-nefqa totali tal-proġett.

Il-voluntier jirċievi alloġġ bl-ikel u x-xorb, kopertura sħiħa ta' l-assigurazzjoni, għotja ta' flus lill-voluntieri u – jekk ikun applikabbli – inċentiv biex iwettaq attività ta' segwitu. Barra dan, is-sessjonijiet ta' taħriġ għall-voluntieri huma pprovduti b'xejn. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar jitħallsu lura bir-rata ta 100%.

L-għotja ta' flus lill-voluntieri ('*pocket money*') hija maħsuba b'tali mod li tgħin lill-voluntier ikopri xi spejjeż personali supplimentari matul il-waqfa tiegħu barra l-pajjiż. L-għotja m'hijiex maħsuba biex tkopri dawn l-ispejjeż personali għal kollox. M'hijiex maħsuba lanqas biex tkopri spejjeż relatati ma' l-ikel, l-alloġġ u t-trasport lokali regolari tal-voluntier, li jkunu koperati mill-organizzazzjoni li tilqa' u ffinanzjati b'mod konġunt mill-għotja tal-Komunità taħt 'spejjeż ta' attività ospitanti'.

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq taħlita ta':

- il-parteċipazzjoni fl-ispejjeż attwali għal ċertu tip ta' nfiq;
- l-ammonti b'rata fissa għal ċertu tip ieħor ta' nfiq; u
- l-ammonti msejsa fuq il-limiti ta' spejjeż ta' unità għal ċertu tip ieħor ta' nfiq.

skond it-tabella fl-aħħar ta' dan il-kapitolu D.

L-ammonti b'rata fissa u l-limiti ta' spejjeż ta' unità indikati hawn taħt u f'din it-tabella jirrappreżentaw il-livell bażiku ta' finanzjament; dan il-livell bażiku jista' jvarja skond addattamenti li jistgħu jsiru mill-Aġenziji Nazzjonali fil-Pajjiżi tal-Programm.

L-ammonti u rati fissi jirrappreżentaw kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-proġett; dawn m'humiex direttament marbuta ma' xi spejjeż partikolari; l-ispejjeż li jkopru ma jeħtiġux spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni.

Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament għandu jgħin lill-applikanti jikkalkulaw l-ammont ta' għotja mistennija u għandu jiffaċilita l-ippjanar realistiku tal-proġett ta' l-EVS.

## L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità

L-EVS jipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta' dawn il-punti relatati ma' l-għotja

- L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar: 100% ta' l-ispejjeż attwali
- L-ispejjeż ta' l-attività biex jintbagħtu l-voluntieri: ammont fiss għal kull voluntier
- L-ispejjeż ta' l-attività biex jintlaqgħu l-voluntieri: ammont b'rata fissa għal kull voluntier fix-xahar
- L-ispejjeż tal-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża u l-ispejjeż tat-tilqim: 100% ta' l-ispejjeż attwali
- L-għotja ta' flus lill-voluntier: speċifika skond il-pajjiż
- It-taħriġ qabel it-tluq, il-laqgħa ta' nofs it-terminu u l-laqgħa ta' valutazzjoni: 100% ta' l-ispejjeż attwali sa 300 €
- It-taħriġ mal-wasla: 100% ta' l-ispejjeż attwali sa 800 €
- L-ispejjeż tal-koordinazzjoni: Ammonti fissi għal kull organizzazzjoni msieħba u għal kull voluntier għall-amministrazzjoni u għan-netwerking ta' dawk imsieħba fil-proġett mill-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni. (Mhux mogħtija fi proġetti b'organizzazzjoni li tilqa' waħda u b'organizzazzjoni li tibgħat waħda b'waħda minnhom tkun l-organizzazzjoni tal-koordinazzjoni).
- Il-Viżibbiltà u l-Valorizzazzjoni: sa 10% ta' l-għotja tal-proġett
- L-attività ta' segwitu tal-voluntier: ammont fiss għal kull voluntier

Għall-progetti li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet

- Iż-Żjara ta' Ippjanar minn qabel (APV): l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar attwali + ammont fiss għal kull persuna
- Il-konsulenza rinforzata: rata fissa għal kull voluntier kull xahar
- L-ispejjeż eċċezjonali: sa 100% ta' l-ispejjeż attwali

## L-ispejjeż eċċezzjonali

L-ispejjeż eċċezzjonali fl-EVS huma relatati ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u/jew bi bżonnijiet speċjali. Dawn jistgħu jkopru pereżempju: l-assistenza medika, il-kura tas-saħħa, taħriġ/appoġġ lingwistiku supplimentari, preparazzjoni supplimentari, bini jew tagħmir speċjali, persuna supplimentari ta' akkompanjament, spejjeż personali supplimentari fil-każ ta' żvantaġġ ekonomiku. Dawn ma jistgħux ikopru djun jew interessi bankarji. Sa 100% ta' l-ispejjeż eċċezzjonali jistgħu jkunu sostnuti mill-għotja, bil-kondizzjoni li dawn ikunu marbuta b'mod ċar ma' l-implimentazzjoni tal-proġett, u li jkunu meħtieġa u ġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni. L-ispejjeż eċċezzjonali kollha jridu jkunu spejjeż attwali, appoġġjati u ġustifikati kif xieraq.

# X'inhuma l-obbligi kuntrattwali?

## Il-ftehim ta' l-għotja

Ladarba l-proġett ta' l-EVS jiġi approvat, il-benefiċjarju (l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni) jirċievi ftehim ta' l-għotja li jirregola l-użu tal-fondi tal-Komunità. Filwaqt li l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni terfa' r-responsabbiltà għall-ġestjoni sħiħa tal-proġett fir-rigward ta' l-Aġenzija Nazzjonali jew l-Aġenzija Eżekuttiva, hija r-responsabbiltà komuni ta' l-imsieħba fil-proġett li jimplimentaw il-proġett fi spirtu ta' sħubija. Il-mod preċiż ta' kif tinqasam ir-responsabbiltà fost dawk imsieħba fil-proġett hija miftiehem fil-Ftehim ta' l-Attività.

Jistgħu jsiru żjajjar jew verifiki tal-kontijiet fuq il-post mill-Aġenzija Nazzjonali, mill-Aġenzija Eżekuttiva, mill-Kummissjoni jew mill-Qorti ta' l-Awdituri sabiex ikun verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha ikunu mwettqa kif xieraq.

Jekk, matul il-proġett, xi ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, il-benefiċjarju jrid minnufih jikkuntattja l-Aġenziji Nazzjonali tiegħu jew l-Aġenzija Eżekuttiva, sabiex jagħmel l-arranġamenti xierqa..
Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq tal-proġett kif miftiehem jista' jwassal għar-rimborż ta' l-għotja sħiħa jew ta' parti minnha.

## Il-ftehim ta' l-attività

L-isħubija tal-proġett hija espressa:

Fil-firma oriġinali tar-rappreżentant legali ta' l-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni u permezz tal-firem, fl-applikazzjoni, tar-rappreżentant legali ta' kull organizzazzjoni involuta li tilqa' u li tibgħat;
Il-Ftehim ta' l-Attività ta' l-EVS: Wara l-approvazzjoni tal-proġett, iżda qabel il-bidu ta' kull attività ta' l-EVS fi ħdan il-proġett, irid jiġi iffirmat ftehim dettaljat ta' l-attività mill-organizzazzjonijiet u mill-voluntieri involuti fl-attività rispettiva ta' l-EVS. Il-Ftehim ta' l-Attività ta' l-EVS jistabbilixxi x-xogħlijiet, is-sigħat ta' xogħol u l-ftehimiet prattiċi, kif ukoll il-proċess ta' tagħlim mistenni u l-għanijiet ta' tagħlim tal-voluntieri. Dan jinkludi informazzjoni meħtieġa għall-prevenzjoni/ġestjoni ta' kriżi. Dan jattribwixxi responsabilitajiet ċari lill-organizzazzjonijiet li jibagħtu, lil dawk li jilqgħu u lil dawk ta' koordinazzjoni u jinkludi t-tqassim korrispondenti ta' l-għotja. F'każ ta' bidliet sostanzjali fil-ftehim ta' l-attività, dawk kollha msieħba involuti fl-attività jeħtieġu li jaqblu u jiffirmaw ftehim rivedut ta' l-attività. F'każ ta' dubju, il-kriterji u r-regoli ta' l-EVS, kif stipulat fil-Gwida tal-Programm, huma superjuri għall-arranġamenti fil-Ftehim ta' l-Attività. Qabel il-bidu ta' kull attività, trid tintbagħat kopja tal-Ftehim ta' l-Attività (u aktar tard ta' kull bidla sostanzjali eventwali fih) lill-Aġenzija Nazzjonali jew lil dik Eżekuttiva, li tkun ipprovdiet l-għotja sabiex ikun iffaċilitat is-superviżjoni ta' l-attivitajiet u l-ippjanar tat-taħriġ/laqgħat tal-voluntieri.

### L-assigurazzjoni

Kull voluntier irid jirreġistra bħala membru fil-pjan ta' l-assigurazzjoni tal-grupp tal-Kummissjoni għall-voluntieri ta' l-EVS, li jikkomplementa l-kopertura min-naħa tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali – jekk ikun applikabbli – permezz tal-Kard Ewropea ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa (jew simili) maħruġa għall-voluntier.

## X'appoġġ huwa disponibbli?

### L-appoġġ mhux finanzjarju u s-servizzi ta' l-EVS

Fi ħdan is-Servizz Volontarju Ewropew, l-appoġġ ta' kwalità u tekniku liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet huwa pprovdut mill-Aġenziji Nazzjonali u mill-hekk imsejħa Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ fuq livell nazzjonali u mill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura u mill-Kummissjoni fuq livell Ewropew.

Is-servizz prinċipali joffri għajnuna fl-identifikazzjoni ta' voluntieri u ta' organizzazzjonijiet ta' l-EVS li jibagħtu, li jilqgħu u li jikkoordinaw u jappoġġja t-tlaqqigħ ta' interessi reċiproċi, profili u l-istenniji mitluba.
Dan huwa prinċipalment maħsub biex jgħin lil dawk, li jixtiequ jinvolvu ruħhom fl-EVS, iżda għad m'għandhomx il-kuntatti Ewropej jew internazzjonali meħtieġa. F'dan il-kuntest, id-*database* ta' l-organizzazzjonijiet akkreditati ta' l-EVS fl-internet tista' tkun ukoll ta' għajnuna kbira (ara l-websajt tal-Kummissjoni).

Barra min dan, jistgħu jiġu offruti servizzi oħra. Biex tikseb aktar tagħrif dwar l-ambitu preċiż tas-servizzi offruti, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali jew lill-Aġenzija Eżekuttiva tiegħek.

### L-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS

Flimkien mal-forniment ta' servizzi ta' l-EVS, jekk meħtieġ, l-Aġenziji Nazzjonali jidentifikaw Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS mis-soċjetà ċivili u mis-settur pubbliku. L-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS ma jridx ikollhom skop ta' qligħ. Meta jkunu mitluba l-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS jgħinu fl-identifikazzjoni tal-voluntieri u ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-EVS li jibagħtu u li jilqgħu. Dawn jistgħu jgħinu wkoll fit-tqabbil ta' interess, profili u stennijiet tal-voluntieri u l-organizzazzjonijiet u jgħinu fil-bini ta' sħubija. Madankollu, ir-reklutaġġ u l-proċess attwali ta' l-għażla tal-voluntieri jibqa' r-responsabbiltà ta' l-organizzazzjonijiet li jibagħtu, li jilqgħu u dawk ta' koordinazzjoni u ma jistgħux jaqgħu f'idejn l-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS jew l-Aġenziji Nazzjonali.
Barra dawn ix-xogħlijiet prinċipali, l-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS jistgħu wkoll jgħinu fl-iżvilupp ta' l-iskop tematiku u ġeografiku ta' l-EVS jew biex jilħqu ċerti gruppi ta' mira. Is-sett eżatt ta' servizzi huwa determinat mill-Aġenziji Nazzjonali fid-dawl tal-prijoritajiet ta' **Żgħażagħ Attivi**, tal-kapaċitajiet rispettivi u tas-sitwazzjoni ta' l-EVS f'pajjiż speċifikat. F'każijiet iġġustifikati, rwol simili ta' konsulenza u ta' appoġġ jista' jkun ikkonferit ukoll lil individwi.

L-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS ma jistgħux jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà tal-ġestjoni kuntrattwali jew finanzjarja mingħand l-Aġenziji Nazzjonali. L-Organizzazzjonijiet ta' Konsulenza u ta' Appoġġ ta' l-EVS jistgħu wkoll jibagħtu, jilqgħu jew jikkoordinaw il-voluntieri stess u jirċievu għotja tal-proġett għal dan, bil-kondizzjoni li jkunu organizzazzjonijiet akkreditati li jilqgħu, li jibagħtu jew ta' koordinazzjoni.

## Il-*Youthpass*

Kull voluntier huwa intitolat li jirċievu *Youthpass*, li jiddeskrivi u jikkonvalida l-esperjenza ta' tagħlim mhux formali. Dan id-dokument jista' jkun ta' benefiċju kbir għall-futur edukattiv u professjonali tal-voluntier. Permezz tal-*Youthpass*, il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-attività ta' volontarjat tkun rikonoxxuta bħala esperjenza edukattiva u bħala perjodu ta' tagħlim mhux formali u informali. Ir-rapport ta' kisba jimtela b'mod konġunt mill-voluntier u minn rappreżentant ta' l-organizzazzjoni ospitanti, jiġi ffirmat mit-tnejn u jiġi mgħoddi direttament lill-voluntier fl-aħħar ta' l-attività ta' volontarjat barra mill-pajjiż.

## L-istrutturi tal-voluntieri preċedenti ta' l-EVS

Kull voluntier jista' jagħżel li jiġi involut fl-attivitajiet ta' l-istrutturi nazzjonali tal-voluntieri preċedenti ta' l-EVS matul jew wara l-EVS. Għad-dettalji, jekk jogħġbok ikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali tiegħek.

## Eżempji

Wieħed jew diversi voluntieri jmorru barra għal attività ta' l-EVS f'organizzazzjoni lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropea jew internazzjonali li tilqa'. Din tista' pereżempju tkun ċentru taż-żgħażagħ, Ħanut tal-Kummerċ Ġust, assoċjazzjoni sportiva, dar ta' l-anzjani, kindergarten, skola, muniċipju, organizzazzjoni tal-protezzjoni ċivili, NGO ta' l-iżvilupp, segretarjat ta' NGO Ewropea, teatru, mużew, riserva naturali, ċentru ta' l-arti, eċċ.

Il-voluntieri – individwalment jew fi grupp – jwettqu xogħlijiet prattiċi għall-benefiċċju tal-komunità, bħal pereżempju restawr ta' wirt kulturali (knejjes, kastelli, eċċ.).

Grupp ta' voluntieri jappoġġja avveniment fl-oqsma tal-kultura, żgħażagħ jew sports, eċċ. Dan jista' jkun festival lokali jew reġjonali tat-teatru, Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura, avveniment sportiv ma' atleti b'diżabilità, Logħob Olimpiku, Kampjonat tal-Futbol, festival taż-żgħażagħ, eċċ.

Grupp ta' voluntieri jgħin fir-riabilitazzjoni ta' l-ambjent, fir-rikostruzzjoni, fil-bini tal-kapaċità u tal-fiduċja għal perjodu medju jew twil wara diżastru naturali jew wara diżastru provokat mill-bniedem jew wara konflitt. Dan jista' jkun, pereżempju, maltempata qawwija jew terremot li qered in-natura u l-infrastruttura jew gwerra ċivili li ħalliet warajha firdiet konsiderevoli f'partijiet differenti tas-soċjetà.

# Il-Karta tas-Servizz Volontarju Ewropew

## *Il-Karta tas-Servizz Volontarju Ewropew*

Il-Karta tas-Servizz Volontarju Ewropew (EVS) hija parti mill-Gwida tal-Programm '**Żgħażagħ Attivi**' u tenfasizza r-rwoli ta' l-organizzazzjonijiet li jibagħtu, li jilqgħu u ta' koordinazzjoni ta' l-EVS u l-prinċipji u l-istandards ta' kwalità prinċipali ta' l-EVS. **Kull organizzazzjoni ta' l-EVS tissieħeb mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.**

***Is-sħubija ta' l-EVS***

Sħubija soda bejn l-organizzazzjonijiet li jibagħtu, li jilqgħu u ta' koordinazzjoni ta' l-EVS u l-voluntier hija l-bażi ta' kull attività ta' l-EVS. Għandu jkun hemm tqabbil adegwat bejn il-profil tal-voluntier u x-xogħlijiet. Qabel ma tibda l-attività jiġi ffirmat *ftehim ta' l-attività* mill-imsieħba kollha.

L-organizzazzjoni li tibgħat hija inkarigata mill-preparazzjoni u mill-appoġġ tal-voluntieri qabel, matul u wara l-attivitajiet ta' l-EVS.

L-organizzazzjoni li tilqa' għandha tiżgura kondizzjonijiet sikuri u deċenti ta' l-għajxien u tal-ħidma lill-voluntier matul il-perjodu ta' l-attività kollu. Trid tipprovdi appoġġ personali, lingwistiku u relatat max-xogħol adegwat, inkluża l-identifikazzjoni ta' konsulent għall-voluntier.

L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni (l-applikant) għandha r-rwol li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-proġett billi toffri appoġġ amministrattiv u ta' kwalità lill-imsieħba tal-proġett kollha u billi jagħmel possibbli n-netwerking tagħhom.

***Il-prinċipji ta' l-EVS li għandhom jiġu żgurati***

Id-dimensjoni edukattiva u interkulturali tat-tagħlim mhux formali, permezz ta' definizzjoni ċara ta' pjan ta' tagħlim għall-voluntier.

Id-dimensjoni tas-servizz permezz ta' definizzjoni ċara tal-karattru mhux bi skop ta' qligħ u x-xogħlijiet tal-voluntier. Għandhom jiġu żgurati servizz *full-time* u rwol attiv tal-voluntier fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet. L-attivitajiet ta' volontorjat ta' l-EVS ma jridu jissostitwixxu l-ebda impjieg.

Il-benefiċċju għal u l-kuntatt mal-komunità lokali.

Għall-voluntieri, l-EVS hija bla ħlas.

L-Aċċessibbiltà u l-Inklużjoni: meta jsir ir-reklutaġġ tal-voluntieri ta' l-EVS, l-organizzazzjonijiet iżommu l-aċċessibbiltà ġenerali ta' l-EVS għaż-żgħażagħ kollha, mingħajr ħsara relatata mal-grupp etniku, mar-reliġjon, ma' l-orjentazzjoni sesswali jew ma' l-opinjoni politika. Jekk il-proġett għandu fil-mira tiegħu voluntieri b'inqas opportunitajiet, faċilitajiet u kapaċità biex tkun provduta preparazzjoni mfassla apposta, għandu jkun hemm appoġġ u segwitu.

***L-istandards ta' kwalità ta' l-EVS li għandhom jiġu żgurati***

*Appoġġ għall-voluntier*

qabel, matul u wara l-attivitajiet ta' l-EVS, b'mod partikolari fil-prevenzjoni u fil-ġestjoni tal-kriżijiet;

għall-arranġamenti ta' l-assigurazzjoni, tal-viża, tal-permess għal residenza, ta' l-ivvjaġġar u l-proċeduri amministrattivi ta' l-EVS kollha;

billi tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tal-voluntier fiċ-ċiklu ta' taħriġ ta' l-EVS (taħriġ ta' qabel it-tluq, taħriġ mal-wasla, laqgħa ta' nofs it-term u l-valutazzjoni finali);

billi jkunu previsti miżuri ta' valutazzjoni xierqa;

billi tkun imħeġġa attività ta' segwitu: kull voluntier għandu d-dritt li jippjana u jimplimenta attività ta' segwitu.

*Informazzjoni*

L-imsieħba kollha ta' l-EVS għandhom id-dritt li jirċievu informazzjoni kompluta dwar l-attività u jaqblu dwar l-aspetti kollha.

Irid ikun hemm stabbiliti miżuri ta' viżibbiltà, tixrid u pubbliċità.

*Rikonoxximent*

Kull voluntier ta' l-EVS huwa intitolat li jirċievi *Youthpass*.

## Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

Ara t-tabelli li ġejjin.

*Programm Żgħażagħ Attivi*

# Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

*Il-figuri kollh huma f'euros*

| It-tip ta' spiża/proġett | Il-benefiċjarju | Il-bażi għall-finanzjament | L-ammont *Jekk jogħġbok innota li l-ammonti ffissati u r-rati fissi jistgħu jiġu addattati mill-Aġenziji Nazzjonali* | Ir-regola ta' l-allokazzjoni | L-użu ta' l-għotja tal-Komunità | L-obbligi tar-rappurtaġġ ***Id-dokumenti kollha għandhom jinżammugħal skopijiet ta' verifika għal snin wara li jiġi kkompletat il-proġett*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-voluntier** | L-organizzazzjoni li tibgħat | L-ispejjeż attwali | 100% | Awtomatika | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill- pajjiż il-parteċipant għall-post tal-proġett (biljett bir-ritorn wieħed). L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi). | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar/fatturi |
| **L-ispejjeż ta' l-attivitajiet li jibagħtu** | L-organizzazzjoni li tibgħat | Ammont iffissat | € 450 għal kull voluntier **(1)** | Awtomatika | Ir-reklutaġġ, il-preparazzjoni tal-voluntier, l-arranġament ta' l-assigurazzjoni, l-għajnuna bil-viża, iż-żamma tal-kuntatt mal-voluntier, il-valutazzjoni, is-segwitu, l-amministrazzjoni/il-komunikazzjoni | Ir-riżultati/il-kisbiet li għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali |
| **L-ispejjeż ta' l-attivitajiet li jilqgħu** | L-organizzazzjoni li tilqa' | Rata fissa | € 450 għal kull voluntier għal kull xahar ta' attività ta' volontarjat barra mill-pajjiż **(1)** | Awtomatika | L-appoġġ għall-voluntier (appoġġ relatat max-xogħol, lingwistiku u personali, konsulent), l-alloġġ, l-ikel, it-trasport lokali, l-amministrazzjoni/il-komunikazzjoni. | Ir-riżultati/il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali.<br><br>Dikjarazzjoni ffirmata tal-voluntier fir-rapport finali rigward l-appoġġ riċevut |
| **L-ispejjeż tal-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża u l-ispejjeż tat-tilqim** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni, li tilqa' jew li tibgħat | L-ispejjeż attwali | 100% | Kondizzjonali: il-ħtieġa għal u l-għanijiet ta' l-ispejjeż eċċezzjonali iridu jkunu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | L-ispejjeż tal-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża, il-permess ta' residenza u l-ispejjeż tat-tilqim | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar/fatturi |
| **L-għotja ta' flus lill-voluntier** | L-organizzazzjoni li tilqa' jew ta' koordinazzjoni | Speċifika għall-pajjiż | Ara t-tabella ta' aktar 'l isfel | Awtomatika | Jingħataw bħala "*pocket money*" lill-voluntier (kull ġimgħa jew kull xahar) għal spejjeż personali supplimentari. | Dikjarazzjoni ffirmata mill-voluntier fir-rapport finali |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **It-taħriġ mal-wasla** | L-organizzazzjoni li tilqa jew ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | 100% sa € 800 għal kull parteċipant (voluntieri, dawk li jħarrġu, eċċ) | Kondizzjonali: il-kontenut u l-għanijiet ta' l-attivitajiet ippjanati jridu jiġu deskritti fl-applikazzjoni skond l-istandards minimi tal-Kummissjoni għat-taħriġ tal-voluntiera.<br><br>MA JINGĦATAWX jekk il-voluntier jieħu sehem fit-taħriġ organizzat minn jew f'isem l-Aġenziji Nazzjonali (bla ħlas) | Spejjeż direttament marbuta ma' l-organizzazzjoni ta' l-attività | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, il-kopji tal-fatturi/ta' l-irċevu[…] sa l-ammont massimu. |
| **It-taħriġ ta' qabel it-tluq, il-laqgħa ta' nofs it-term, il-valutazzjoni finali** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni, li tibgħat u/jew li tilqa' | Spejjeż attwali | 100% sa € 300 għal kull parteċipant (voluntieri, dawk li jħarrġu, eċċ.) | Kondizzjonali: il-kontenut u l-għanijiet ta' l-attivitajiet ippjanati jridu jiġu deskritti fl-applikazzjoni skond l-istandards minimi tal-Kummissjoni għat-taħriġ tal-voluntieri.<br><br>MA JINGĦATAWX jekk il-voluntier jieħu sehem fit-taħriġ organizzat minn jew f'isem l-Aġenziji Nazzjonali (bla ħlas) | Spejjeż direttament marbuta ma' l-organizzazzjoni ta' l-attività | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, il-kopji tal-fatturi/ta' l-irċevu[…] sa l-ammont massimu. |
| **L-attività ta' segwitu tal-voluntier** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Ammont iffissat | € 500 għal kull voluntier | Fakultattiv: Din l-attività personali ta' segwitu tista' tkun implimentata mill-voluntier fi ħdan 6 xhur wara t-tmiem ta' l-attività ta' l-EVS barra mill-pajjiż. Tista' ddum sa xahar. | L-ammont iffissat għandu jitħallas b'mod sħiħ lill-voluntier. L-attività trid tibni fuq l-esperjenza ta' l-EVS, tenfasizza u xxerred ir-riżultati tagħha u tippromwovi lill-EVS u lill-volontorjat. | Ir-riżultati/il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali. |
| **L-ispejjeż tal-koordinazzjoni** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Ammont iffissat | € 300 għal kull organizzazzjoni msieħba<br>+<br>€ 150 għal kull voluntier | Kondizzjonali: il-kontenut u l-għanijiet ta' l-attivitajiet ippjanati jridu jiġu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni. | L-ispejjeż għall-koordinazzjoni, għall-kontroll għan-netwerking, għall-mezzi ta' komunikazzjoni, għall-amministrazzjoni, għas-salarji, għal-laqgħat ta' l-imsieħba tal-proġett.<br><br>MA JINGĦATAWX jekk ikun hemm organizzazzjoni li tilqa' waħda u organizzazzjoni li tibgħat waħda biss fil-proġett b'waħda minnhom tkun l-organizzazzjoni tal-koordinazzjoni. | Ir-riżultati/il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali. |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-ispejjeż ta' viżibbiltà u ta' valorizzazzjoni** | L-organizzazzjoni ta' koordinazzjoni | Spejjeż attwali | Sa 10% ta' l-għotja tal-Komunità | Kondizzjonali: il-kontenut u l-għanijiet ta' l-attivitajiet ta' viżibbiltà/valorizzazzjoni jridu jkunu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni. | Il-pubbliċità, il-viżibbiltà, il-konferenzi stampa, id-dokumentazzjoni, it-tixrid ta' l-aħjar prattika u r-riżultati mill-organizzazzjoni(jiet), eċċ. | Il-ġustifikazzjoni sħiħa (il-kopji tal-fatturi/ta' l-irċevuti) ta' l-ispejjeż magħmula |

(1) **Għall-applikazzjonijiet tal-proġett għand l-Aġenziji Nazzjonali, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali għal informazzjoni aġġornata dwar ir-rati fissi/l-ammonti ffissati attwali li jiġu applikati fil-livell nazzjonali u/jew ikkonsulta t-tabella pubblikata fil-websajt tal-Kummissjoni. Għall-applikazzjonijiet tal-proġett għand l-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell, l-ammonti applikati huma dawk iddikjarati hawn fuq.**
**Għall-attivitajiet tal-gruppi ta' l-EVS f'Pajjiżi tal-Programm, ir-rata fissa għall-"ispejjeż ta' l-attivitajiet li jilqgħu" fil-pajjiż ospitanti tapplika għall-applikazzjonijiet kollha tal-proġett fil-livell nazzjonali u Ewropew.**
**Jekk jogħġbok innota li trasferiment ta' sa 10% bejn l-oġġetti ta' l-għotja ibbażat fuq spejjeż attwali huwa awtorizzat mingħajr emenda tal-ftehim tal-finanzjament. Trasferiment mill-ispejjeż attwali għall-ammonti b'rati fissi/ammonti fissi (jew viċiversa) m'huwiex permess.**

## Finanzjament supplimentari għal proġetti li jinvolvu żgħażagħ b'inqas opportunitajiet

| It-tip ta' spiża/proġett | Il-benefiċjarju | Il-bażi għal finanzjament | L-ammont *Jekk jogħġbok innota li l-ammonti kollha jistgħu jiġu adottati mill-Aġenziji nazzjonali* | Ir-regola ta' l-allokazzjoni | L-użu ta' l-għotja tal-Komunità | L-obbligi tar-rapportaġġ ***Id-dokumenti kollha għandhom jinżammu minħabba skopijiet ta' verifika għal 5 snin wara li jkun ikkompletat il-proġett*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Iż-żjara ta' l-ippjanar minn qabel** | L-organizzazzjoni li tibgħat | Spejjeż attwali + rata fissa (massimu ta' jumejn) | 100% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar + € 48 għal kull jum għal kull persuna għal kull imsieħeb li jibgħat (wieħed jew tnejn sakemm it-tieni wieħed huwa parteċipant żagħżugħ) **(1)** | Kondizzjonali: il-ħtieġa għal u l-għanijiet ta' żjara ta' l-ippjanar minn qabel jridu jkunu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill- pajjiż il-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi). Rata fissa għall-ispejjeż ta' l-alloġġ u għal spejjeż oħra matul iż-żjara | Kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar, u r-riżultati/il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali |
| **Il-kosulenza msaħħa** | L-organizzazzjoni li tilqa' u/jew li tibgħat | Rata fissa | € 250 għal kull voluntier għal kull xahar **(1)** | Kondizzjonali: il-ħtieġa għal u l-għanijiet ta' konsulenza msaħħa kif ukoll id-dettalji ta' l-appoġġ personali jridu jkunu ġġustifikati u spjegati fil-formola ta' l-applikazzjoni | Appoġġ personali supplimentari lill-voluntieri b' inqas opportunitajiet matul il-preparazzjoni, l-attività ta' l-EVS barra mill-pajjiż u s-segwitu. | Ir-riżultati/il-kisbiet għandhom jiġu deskritti fir-rapport finali. |
| **L-ispejjeż eċċezzjonali** | L-organizzazzjoni li tilqa' u/jew li tibgħat | Spejjeż attwali | Sa 100% | Kondizzjonali: il-ħtieġa għal u l-għanijiet ta' l-ispejjeż eċċezzjonali jridu jkunu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | L-ispejjeż direttament relatati mal-voluntieri b' inqas opportunitajiet/bżonnijiet speċjali. | Il-ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, il-kopji tal-fatturi/ta' l-irċevuti |

**(1)** **Għall-applikazzjonijiet tal-proġett għand l-Aġenziji nazzjonali, jekk jogħġbok ikkuntattja l-Aġenzija Nazzjonali għal informazzjoni aġġornata dwar l-ammonti attwali b'rati fissi/ammonti fissi applikati fil-livell nazzjonali u/jew ikkonsulta t-tabella pubblikata fis-sit tal-Kummissjoni.**
**Għall-applikazzjonijiet tal-proġett għand l-Aġenzija Eżekuttiva fi Brussell, l-ammonti applikati huma dawk iddikjarati hawn fuq.**
**Għall-attivitajiet tal-gruppi ta' l-EVS fil-Pajjiżi tal-Programm, ir-rata fissa għall-"ispejjeż ta' l-attivitajiet li jilqgħu" fil-pajjiż ospitanti tapplika għall-applikazzjonijiet kollha tal-proġett fil-livell nazzjonali u Ewropew.**

**Jekk jogħġbok innota li trasferiment ta' sa 10% bejn l-oġġetti ta' l-għotja ibbażat fuq spejjeż attwali huwa awtorizzat mingħajr emenda tal-kuntratt. Trasferiment mill-ispejjeż attwali għall-ammonti b'rati fissi/ammonti fissi (jew viċiversa) m'huwiex permess.**

# L-GĦOTJIET TA' FLUS LILL-VOLUNTIERI

## f' € għal kull xahar

| L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE) [19] | |
|---|---|
| L-Awstrija | 110 |
| Il-Belġju | 105 |
| Ċipru | 95 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 95 |
| Id-Danimarka | 140 |
| L-Estonja | 85 |
| Il-Finlandja | 120 |
| Franza | 125 |
| Il-Ġermanja | 105 |
| Il-Greċja | 95 |
| L-Ungerija | 95 |
| L-Irlanda | 125 |
| L-Italja | 115 |
| Il-Latvja | 80 |
| Il-Litwanja | 80 |
| Il-Lussemburgu | 105 |
| Malta | 95 |
| L-Olanda | 115 |
| Il-Polonja | 85 |
| Il-Portugall | 95 |
| Ir-Repubblika Slovakka | 95 |
| Is-Slovenja | 85 |
| Spanja | 105 |
| L-Iżvezja | 115 |
| Ir-Renju Unit | 150 |
| **Il-pajjiżi parteċipanti ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)** | |
| L-Iżlanda | 145 |
| Il-Liechtenstein | 130 |
| In-Norveġja | 145 |
| **Il-pajjiżi parteċipanti li huma kandidati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea** | |
| Il-Bulgarija | 65 |
| Ir-Rumanija | 60 |
| It-Turkija | 85 |
| **Il-pajjiżi li jieħdu sehem fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni** | |
| **Ix-Xlokk ta' l-Ewropa** | |
| L-Albanija | 50 |
| Il-Bożnja u Ħerzegovìna | 65 |
| Il-Kroazja | 60 |
| L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) | 50 |
| Il-Montenegro | 80 |
| Is-Serbja | 80 |
| **Il-pajjiżi li jieħdu sehem fil-Politika Ewropea tal-Viċinat [20]** | |
| **Il-Pajjiżi Mediterranji Msieħba** | |
| L-Alġerija | 85 |
| L-Eġittu | 65 |
| L-Iżrael | 105 |
| Il-Ġordan | 60 |
| Il-Libanu | 70 |
| Il-Marokk | 75 |
| L-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża | 60 |
| Is-Sirja | 80 |
| It-Tuneżija | 60 |
| **L-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu** | |
| L-Armenja | 70 |
| L-Ażerbajġan | 70 |
| Il-Belarus | 90 |
| Ġeorġja | 80 |
| Il-Moldova | 80 |
| Il-Federazzjoni Russa | 90 |
| L-Ukrajna | 80 |
| **Pajjiżi Msieħba oħra tad-dinja** | |
| L-Afganistan | 50 |
| Is-Samoa Amerikana | 70 |
| L-Andorra | 70 |
| L-Angola | 105 |
| Antigwa u Barbuda | 85 |
| L-Arġentina | 75 |
| L-Awstralja | 75 |
| Il-Baħamas | 75 |
| Il-Bangladexx | 50 |
| Il-Barbados | 75 |
| Il-Beliże | 50 |
| Il-Benin | 50 |
| Il-Bolivja | 50 |
| Il-Botswana | 50 |
| Il-Brażil | 65 |
| Il-Brunej | 60 |
| Burkina Faso | 55 |
| Il-Burundi | 50 |
| Il-Kambodja | 50 |
| Il-Kamerun | 55 |
| Il-Kanada | 65 |
| Kap Verde | 50 |
| Iċ-Ċad | 65 |
| Iċ-Ċili | 70 |
| Iċ-Ċina | 55 |

19 L-individwi minn Pajjiż u Territorju Barrani (OCT), u fejn ikun applikabbli, l-entitajiet u l-istituzzjonijiet rilevanti pubbliċi u/jew privati f'OCT għandhom ikunu eliġibbli għall-Programm **Żgħażagħ Attivi,** bla ħsara għar-regoli tal-Programm u għall-arranġamenti li japplikaw għall-Istat Membr li miegħu huma konnessi. L-OCTs ikkonċernati huma elenkati fl-Anness 1A għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea (2200/822/KE), il-Ġurnal Uffiċjali L 314 tat-30 ta' Novembru 2001

20 Għalkemm mhix qed tieħdu sehem fil-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-Federazzjoni Russa titqies bħala Pajjiż Imsieħeb Ġar permezz ta' Ftehim ta' Sħubija speċjali ma' l-Unjoni Ewropea.

| | |
|---|---|
| Il-Kolombja | 50 |
| Il-Komoros | 50 |
| Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | 105 |
| Ir-Repubblika tal-Kongo | 70 |
| Il-Gżejjer Cook | 50 |
| Il-Kosta Rika | 50 |
| Il-Ġibuti | 65 |
| Id-Dominika | 75 |
| Ir-Repubblika Domenikana | 60 |
| It-Timor tal-Lvant | 50 |
| L-Ekwador | 50 |
| El Salvador | 55 |
| Il-Ginea ekwatorjali | 60 |
| L-Eritrea | 50 |
| L-Etjopja | 50 |
| Il-Fiġi | 50 |
| Il-Gabon | 75 |
| Il-Gambja | 50 |
| Il-Gana | 70 |
| Grenada | 75 |
| Il-Gwatemala | 50 |
| Ir-Repubblika tal-Ginea | 50 |
| Il-Ginea-Bissaw | 50 |
| Il-Gujana | 50 |
| Ħaiti | 65 |
| Il-Ħonduras | 50 |
| Hong-Kong | 60 |
| L-Indja | 50 |
| L-Indoneżja | 50 |
| Il-Kosta ta' Ivorju | 60 |
| Il-Ġamajka | 60 |
| Il-Ġappun | 130 |
| Il-Każakstan | 70 |
| Il-Kenja | 60 |
| Il-Kiribati | 60 |
| Il-Kirgiżtan | 75 |
| Il-Laos | 50 |
| Il-Lesoto | 50 |
| Il-Liberja | 85 |
| Il-Makaw | 55 |
| Il-Madagaskar | 50 |
| Il-Malawi | 50 |
| Il-Malażja | 50 |
| Il-Mali | 60 |
| Mariannes | 70 |
| Il-Gżejjer Marshall | 50 |
| Il-Mawritjana | 50 |
| Il-Mawrizju | 60 |
| Il-Messiku | 70 |
| Il-Mikronesja | 55 |
| Monako | 75 |
| Il-Możambik | 60 |
| In-Namibja | 50 |
| In-Nauru | 50 |
| In-Nepal | 50 |

| | |
|---|---|
| New Zealand | 60 |
| In-Nikaragwa | 50 |
| In-Niġer | 50 |
| In-Niġerja | 50 |
| Niue | 50 |
| Il-Palaw | 50 |
| Il-Panama | 50 |
| Il-Papwa Ginea Ġdida | 55 |
| Il-Paragwaj | 50 |
| Il-Perù | 75 |
| Il-Filippini | 60 |
| Ir-Rwanda | 65 |
| Saint Kitts u Nevis | 85 |
| Santa Luċija | 75 |
| Saint-Vincent u l-Grenadines | 75 |
| Samoa | 50 |
| San Marino | 60 |
| Sao Tome u Prinċipe | 60 |
| Is-Senegal | 65 |
| Is-Seychelles | 85 |
| Sierra Leone | 55 |
| Singapor | 75 |
| Il-Gżejjer Solomon | 50 |
| L-Afrika t'Isfel | 50 |
| Il-Korea t'Isfel | 100 |
| Is-Sudan | 55 |
| Is-Surinam | 55 |
| Is-Sważiland | 50 |
| L-Iżvizzera | 80 |
| It-Tanżanija | 50 |
| It-Tajlandja | 60 |
| It-Togo | 60 |
| It-Tokelaw | 50 |
| Tonga | 50 |
| Trinidad u Tobago | 60 |
| Tuvalu | 50 |
| L-Uganda | 55 |
| L-Istati Uniti | 80 |
| L-Urugwaj | 55 |
| L-Uzbekistan | 75 |
| Il-Vanwatu | 60 |
| Il-Vatikan | 60 |
| Il-Venezwela | 85 |
| Il-Vjetnam | 50 |
| Il-Jemen | 60 |
| Iż-Żambja | 50 |
| Iż-Żimbabwe | 50 |

# E. Azzjoni 3 - Iż-Żgħażagħ fid-Dinja

## X'inhi 'Iż-Żgħażagħ fid-Dinja'?

Iż-Żgħażagħ fid-Dinja hija Azzjoni li għandha l-għan li tippromwovi l-iskambji u l-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni mhux formali ma' reġjuni oħra tad-dinja

Din tappoġġja proġetti li jinvolvu ż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet minn dawk li jissejħu 'Pajjiżi Msieħba', espressjoni li tidentifika l-pajjiżi kollha li jistgħu jkunu involuti fil-Programm **Żgħażagħ Attivi** imma li mhumiex iddefiniti bħala 'Pajjiżi tal-Programm'.

Din il-miżura tappoġġja l-Iskambji taż-Żgħażagħ – principalment dawk multilaterali, iżda ma teskludix lil dawk bilaterali – li jippermettu li diversi gruppi ta' żgħażagħ minn Pajjiżi tal-Programm u minn Pajjiżi Msieħba li jiltaqgħu u jieħdu parti flimkien fi Programm ta' attivitajiet.

Din tkopri wkoll it-taħriġ ta' dawk attivi f'xogħol u f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ minn Pajjiżi tal-Programm u minn Pajjiżi Msieħba, kif ukoll l-iskambju ta' esperjenzi, ħiliet u prattika tajba bejniethom. Din tappoġġja attivitajiet li jistgħu jwasslu għat-twaqqif ta' proġetti u sħubijiet ta' kwalità għolja, li jdumu fit-tul[21].

## X'inhuma l-għanijiet ta' l-azzjoni?

Bl-appoġġ ta' attivitajiet li jinvolvu lil żgħażagħ u organizzazzjonijiet minn Pajjiżi Msieħba, il-miri prinċipali tal-Kummissjoni Ewropea huma li tippromwovi djalogu, tolleranza reċiproka, għarfien interkulturali u solidarjetà lilhinn mill-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea, biex tkisser il-preġudizzji u l-istereotipi u tibni soċjetajiet imsejsa fuq il-fehim u r-rispett komuni.

Dawn l-attivitajiet huma wkoll maħsuba biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soċjetà ċivili u għat-tisħiħ tad-demokrazija fil-Pajjiżi Msieħba.

[21] Is-Servizz Volontarju Ewropew – is-Servizz Volontarju Ewropew (l-Azzjoni 2 ta' dan il-programm) huwa miftuħ ukoll għall-kooperazzjoni internazzjonali mal-Pajjiżi Msieħba (inkludi l-'Pajjiżi Msieħba l-oħra tad-dinja'). Il-kriterji rilevanti kollha ġew deskritti b'mod esklużiv taħt it-taqsima dwar l-Azzjoni 2 ta' din il-gwida. Għal informazzjoni aktar dettaljata, ara t-taqsima D.

## Azzjoni 3.1 - Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien ta' l-Unjoni Ewropea

Din il-miżura tappoġġja proġetti ma' Pajjiżi Msieħba li jitqiesu pajjiżi ġirien taħt id-dispożizzjonijiet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat[22], kif ukoll mal-Federazzjoni Russa u mal-pajjiżi mix-Xlokk ta' l-Ewropa (għal lista dettaljata tal-Pajjiżi Msieħba Ġirien, ara t-taqsima B ta' din il-Gwida).

L-għanijiet ta' din l-Azzjoni huma:

li tikkontribwixxi għall-paċi u l-istabbilità fil-fruntieri ta' l-UE mkabbra u lilhinn minnha, billi tkabbar id-djalogu interkulturali, il-fehim reċiproku u t-tolleranza fost iż-żgħażagħ.
u billi tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-demokrazija u s-soċjetà ċivili billi tiffaċilita l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ u billi tħeġġeġ l-iżvilupp ta' l-istrutturi taż-żgħażagħ.

### Liema tipi ta' attivitajiet huma eliġibbli?

Dawn it-tipi ta' attivitajiet li ġejjin jistgħu jiġu appoġġjati taħt din l-Azzjoni:

L-Iskambji ta¿-¯għa¿agħ, imsejsa fuq l-istess mudell bħall-Iskambji ta¿-¯għa¿agħ stipulati taħt l-Azzjoni 1.1, bi ftit partikularitajiet;
Il-Proġetti ta' Taħriġ u Netwerking imsejsa fuq l-istess mudell bħall-Proġetti ta' Taħriġ u Netwerking stiuplati taħt l-Azzjoni 4.3, bi ftit partikularitajiet.

Għalhekk il-karatteristiċi ewlenin ta' l-attivitajiet ikkonċernati huma deskritti f'partijiet oħra tal-Gwida tal-Programm; jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet korrispondenti.

It-taqsima li ġejja tiffoka fuq il-partikularitajiet marbutin ma' l-involviment ta' l-imsieħba minn Pajjiżi Msieħba Ġirien fi Skambji taż-Żgħażagħ u fi Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking.

### L-Iskambji taż-Żgħażagħ

#### X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B u għall-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima korrispondenti fl-Azzjoni 1.1.

Kriterji ta' eliġibbiltà supplimentari li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

*Il-gruppi msieħba*

Wieħed jew aktar mill-gruppi msieħba jiġi minn Pajjiż Imsieħeb Ġar.
Mill-inqas Stat Membru wieħed ta' l-UE jrid ikun involut.

[22] Billi ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea li huma rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ.

Grupp imsieħeb irid ikun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew
entità pubblika lokali jew reġjonali jew
grupp informali ta' ¿għa¿agħ

stabbilit f'Pajjiż tal-Programm jew fix-Xlokk ta' l-Ewropa.

F'każ ta' grupp informali, wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp (ir-rappreżentant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà biex jissottometti l-applikazzjoni u jiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

L-Iskambji Multilaterali taż-Żgħażagħ iridu jinvolvu lil gruppi msieħba minn għall-inqas żewġ Pajjiżi Msieħba Ġirien. Il-proġetti mar-Russja – meta jitqies kemm huwa kbir il-pajjiż u d-diversità ġeografika u etnika tiegħu – mhux bilfors iridu jinvolvu Pajjiż Imsieħeb Ġar supplimentari. Minflok, ir-Russja tista' tkun irrappreżentata minn żewġ organizzazzjonijiet imsieħba li ġejjin minn żewġ reġjuni differenti fi ħdan il-pajjiż.

L-Iskambji bilaterali u trilaterali huma maħsuba għal dawk il-gruppi msieħba li ma organizzawx Skambji taż-Żgħażagħ qabel.

*Il-parteċipanti*

Iż-żgħażagħ bejn it-13 u l-25 sena li huma residenti f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb Ġar jistgħu jieħdu sehem fi Skambju taż-Żgħażagħ. Fil-prinċipju, numru żgħir ta'parteċipanti ta' grupp jistgħu jkollhom aktar minn 25 sena, imma l-parteċipanti ma jridx ikollhom aktar minn 30 sena.

*Il-post*

L-attività ta' skambju tista' sseħħ jew f'Pajjiżi tal-Programm jew f'Pajjiżi Msieħba Ġirien involuti fil-proġett, ħlief f'Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?**

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ta' l-għażla ġenerali taħt it-taqsima B.

**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?**

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:

il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
l-impatt mistenni mill-proġett;
il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

Se tingħata prijorità lill-proġetti li jirriflettu l-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali.

Barra dan, il-prijoritajiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** jistgħu jiġu ffissati u jiġu kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

Se tingħata wkoll prijorità lill-proġetti li għandhom dawn is-suġġetti tematiċi bħala l-mira tagħhom:

- it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, iċ-ċittadinanza u d-demokrazija;
- il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;
- id-djalogu inter-etniku u inter-reliġjuż;
- ir-riżoluzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara konflitt;
- ir-rwol attiv tan-nisa fis-soċjetà;
- id-drittijiet tal-minoranza;
- il-kooperazzjoni reġjonali;
- il-ħarsien tal-wirt u ta' l-ambjent.

L-Iskambji Multilaterali taż-Żgħażagħ jingħataw prijorità, peress li l-valur miżjud Ewropew fi skambji bħal dan huwa akbar.

*Il-bilanċ ġeografiku*

Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li joħolqu bilanċ bejn in-numru tal-Pajjiżi tal-Programm involuti u dak tal-Pajjiżi Msieħba Ġirien. Il-gruppi nazzjonali għandhom ikunu bilanċjati bl-aktar mod possibbli u għandhom jikkonsistu minn bejn wieħed u ieħor l-istess numru ta' parteċipanti.

*Il-kooperazzjoni reġjonali*

Il-proġetti għandu jkollhom ukoll l-għan li jippromwovu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ mill-Pajjiżi Msieħba Ġirien li jappartjenu għall-istess reġjun, jiġifieri ix-Xlokk ta' l-Ewropa, il-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkażu u l-Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

## Il-Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking

### X'inhuma l-kriterji ta' eliġibbiltà?

Jekk jogħbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B u għall-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima korrispondenti fl-Azzjoni 4.3.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà supplimentari li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

*L-imsieħba*

Il-proġetti jridu jinvolvu mill-inqas żewġt imsieħba minn Pajjiżi Msieħba Ġirien u żewġt imsieħba minn Pajjiżi tal-Programm.
L-attivitajiet tal-Kontroll tax-Xogħol u ż-żjarat ta' Fattibbiltà jirrappreżentaw eċċezzjoni, għaliex jistgħu jinvolvu minimu ta' organizzazzjoni msieħba waħda minn Pajjiż Imsieħeb Ġar u msieħeb wieħed minn Pajjiż tal-Programm.

Fi kwalunkwe tip ta' proġett, irid ikun involut mill-inqas Stat Membru ta' l-UE wieħed.

Imsieħeb irid ikun:

organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandhiex skop ta' qligħ
entità pubblika lokali, reġjonali jew
grupp informali ta' ¿għa¿agħ.

li jinsab f'Pajji¿ tal-Programm jew f'Pajji¿ Imsieħeb Ġar.
F'ka¿ ta' grupp informali, wieħed mi¿-¿għa¿agħ tal-grupp (ir-rappre¿entant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà biex jissottometti l-applikazzjoni u jiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

*Il-Parteċipanti*

L-atturi kollha involuti jew interessati fl-edukazzjoni mhux formali u fiż-żgħażagħ, li legalment joqogħdu f'Pajjiż Imsieħeb jew f'Pajjiż Imsieħeb Ġar jistgħu jieħdu sehem fi Proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking.

*Il-post*

L-attività tista' sseħħ jew f'Pajjiż tal-Programm jew f'Pajjiż Imsieħeb Ġar involut fi proġett, ħlief f'Pajjiż Mediterranju Msieħeb.

**X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?**

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

**X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?**

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:

il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
l-impatt mistenni mill-proġett;
il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

Se tingħata prijorità lill-proġetti li jirriflettu l-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali. Barra dan, il-prijoritajiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** jistgħu jiġu ffissati u jiġu kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

Se tingħata wkoll prijorità lill-proġetti li għandhom dawn is-suġġetti tematiċi bħala l-mira tagħhom:

it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, iċ-ċittadinanza u d-demokrazija;
il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija;
id-djalogu inter-etniku inter-reliġjuż;
ir-riżoluzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara konflitt;

ir-rwol attiv tan-nisa fis-soċjetà;
id-drittijiet tal-minoranza;
il-kooperazzjoni reġjonali;
il-ħarsien tal-wirt u ta' l-ambjent.

*Il-bilanċ ġeografiku*

Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jibbilanċjaw in-numru tal-Pajjiżi tal-Programm involuti ma' dak tal-Pajjiżi Msieħba Ġirien. Il-gruppi nazzjonali għandhom ikunu bilanċjati bl-aktar possibbli u għandhom jikkonsistu minn bejn wieħed u ieħor l-istess numru ta' parteċipanti.

*Il-kooperazzjoni reġjonali*

Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-Pajjiżi Msieħba Ġirien mill-istess reġjun, jiġifieri ix-Xlokk ta' l-Ewropa, il-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkażu jew il-Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

Jekk jogħbok irreferi għat-taqsimiet korrispondenti taħt l-Azzjonijiet 1.1 u 4.3.

## Min jista' japplika?

Kwalunkwe organizzazzjoni msieħba stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm jew f'pajjiżi fix-Xlokk ta' l-Ewropa tista' tagħti bidu għall-applikazzjonijiet ta' proġett.

Gruppi informali taż-żgħażagħ, kif ukoll organizzazzjonijiet imsieħba stabbiliti f'Pajjiżi Msieħba li mhumiex fix-Xlokk ta' l-Ewropa ma jistgħux ikunu s-sieħeb tal-koordinazzjoni (ma jistgħux jissottomettu applikazzjonijiet huma stess).

## Kif tapplika?

Wieħed irid jimxi ma' proċeduri differenti skond il-post fejn jitwettaq il-proġett u skond l-applikant li jissottometti l-applikazzjoni. Stampa ġenerali li tiġbor fil-qosor il-proċeduri differenti ta' l-applikazzjoni hija pprovduta fl-aħħar tat-taqsima.

**Għall-proġetti li jitwettqu f'Pajji¿ tal-Programm:**

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi fuq livell Ewropew, lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, jekk:

l-applikant ikun Organizzazzjoni Ewropea mhux Governattiva taż-Żgħażagħ (ENGO), li tkun stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u jkollha membri/friegħi f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm (ċertifikati permezz ta' statuti legali);

L-applikazzjonijiet l-oħra kollha jridu jiġu sottomessi fuq livell nazzjonali, lil Aġenzija Nazzjonali ta' Pajjiż tal-Programm minn:

organizzazzjonijiet stabbiliti fil-Pajjiż tal-Programm fejn jitwettaq il-proġett.

**Għall-proġetti li jitwettqu fix-Xlokk ta' l-Ewropa:**

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi fuq livell Ewropew, lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, jekk:

l-applikant ikun organizzazzjoni legalment stabbilita fil-Pajjiż tax-Xlokk ta' l-Ewropa li jospita l-attività;

l-applikant ikun Organizzazzjoni Ewropea mhux Governattiva (ENGO), li tkun stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u jkollha membri/friegħi f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm;

L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi fuq livell nazzjonali, lil Aġenzija Nazzjonali ta' Pajjiż tal-Programm, jekk:

l-applikant ikun organizzazzjoni stabbilita f'Pajjiż tal-Programm u li tixtieq tieħu r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġett.

**Għall-proġetti li jitwettqu fil-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkasu:**

L-organizzazzjonijiet stabbiliti fil-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkasu jistgħu jieħdu sehem bħala organizzazzjonijiet imsieħba biss u ma jistgħux jissottomettu applikazzjonijiet għall-proġett b'mod dirett.

L-applikazzjonijiet jridu jiġu sottomessi fuq livell Ewropew, lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, jekk:

l-applikant ikun Organizzazzjoni Ewropea mhux Governattiva taż-Żgħażagħ (ENGO), li tkun stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u jkollha membri/friegħi f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm.

L-applikazzjonijiet l-oħra kollha jridu jiġu sottomessi fuq livell nazzjonali, lil Aġenzija Nazzjonali ta' Pajjiż tal-Programm, minn:

organizzazzjonijiet stabbiliti f'Pajjiż tal-Programm u li jixtiequ jieħdu r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u l-implementazzjoni tal-proġett.

**Għall-proġetti li jitwettqu f'Pajjiżi Mediterranji Msieħba:**

Il-Programm **Żgħażagħ Attivi** ma jappoġġjax proġetti li jitwettqu f'Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

Fir-reġjun Ewro-Mediterranju, il-Programm **Żgħażagħ Attivi** jikkontribwixxi għall-appoġġ ta'Azzjoni Konġunta tal-Komunità usa' li tissejjaħ il-Programm Żgħażagħ ta' l-Euro-Med.

Il-Programm **Żgħażagħ ta' l-Euro-Med** huwa parti mit-tielet Kapitolu tal-Proċess ta' Barċellona li tnieda fl-1995: sħubija fil-qasam soċjali, kulturali u uman. Għandu l-għan li jinvolvi liż-żgħażagħ mill-Pajjiżi Ewro-Mediterranji Msieħba fi djalogu interkulturali permanenti.

Il-Programm huwa ffinanzjat permezz ta'żewġ riżorsi finanzjarji differenti tal-Komunità:

- il-Programm **Żgħażagħ Attivi,** immexxi mid-DĠ Edukazzjoni u Kultura tal-Kummissjoni Ewropea, jappoġġja l-proġetti taż-Żgħażagħ tal-EuroMed li jitwettqu fil-Pajjiżi tal-Programm;
- il-fondi MEDA, immexxija mill-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni tal-Europe Aid tal-Kummissjoni Ewropa, jappoġġjaw proġetti li jitwettqu fil-Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

Għalkemm l-għanijiet u l-kriterji ġenerali huma komuni, il-proġetti jistgħu jkunu soġġetti għal regoli, kriterji u proċeduri speċifiċi, jiddependi mis-sors tal-kontribuzzjoni tal-Komunità li minnu jirċievu l-għotja.

## Kif jiġu ffinanzjati l-attivitajiet?

Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet korrispondenti taħt l-Azzjonijiet 1.1 u 4.3.

### X'inhuma l-obbligi kuntrattwali speċifiċi?

Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet korrispondenti taħt l-Azzjonijiet 1.1 u 4.3. Minbarra dan, jekk jogħġbok qis dan li ġej:

#### Il-Ftehimiet Finanzjarji għal Numru ta' Miżuri

Il-Ftehimiet Finanzjarji għal numru ta' Miżuri ma japplikawx għall-proġetti li ġew organizzati b'kooperazzjoni ma' Pajjiżi Msieħba Ġirien taħt l-Azzjoni 3.1.

## X'appoġġ huwa disponibbli?

Tliet Ċentri ta' Riżorsi reġjonali SALTO (SEE, EECA u EuroMed) jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-Pajjiżi tal-Programm u l-Pajjiżi Msieħba Ġirien permezz tat-tixrid ta' l-informazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-għajnuna fis-sejbien ta' l-imsieħba.

## X'inhuma l-għanijiet ta' din is-sotto-Azzjoni?

Din is-sotto-Azzjoni għandha l-għan li tappoġġja proġetti li jippromwovu l-kooperazzjoni bejn il-Pajjiżi tal-Programm u l-pajjiżi l-oħra kollha tad-dinja li m'humiex ġirien ta' l-Unjoni Ewropea u li ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ.

Din il-kooperazzjoni fil-qasam tax-xogħol u l-politika taż-żgħażagħ għandha l-għan ta':

- skambju ta' esperjenzi u prattika tajba fil-qasam ta' l-edukazzjoni taż-żgħażagħ u ta' l-edukazzjoni mhux formali;
- apoġġ għat-taħriġ u żvilupp ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u għal individwi involuti fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ u fl-edukazzjoni mhux formali;
- żvilupp/tisħiħ ta' sħubijiet u netwerks fost l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;
- appoġġ għall-kooperazzjoni tematika taż-żgħażagħ permezz ta' skambji multilaterali u bilaterali.

Fi ħdan l-Azzjoni 3.2, se tingħata prijorità lill-proġetti li jinvolvu pajjiżi fl-Amerika Latina, fl-Afrika, fil-Karibew u l-Paċifiku u fl-Asja.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għa¿la u kif inhuma iffinanzjati l-proġetti?

L-applikazzjonijiet eliġibbli huma iffinanzjati u assessjati fuq il-bażi tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà u ta' l-għoti stabbiliti fis-sejħiet għall-proposti. Il-prijoritajiet tematiċi u/jew reġjonali se jiġu iffissati kull sena permezz tas-sejħiet għall-proposti.

Il-mekkaniżmu ta' l-għotja u r-regoli tal-finanzjament se jiġu definiti fit-test tas-sejħa għall-proposti.

## Kif tapplika?

Il-benefiċjarji huma magħżula fuq il-bażi ta' sejħiet annwali għall-proposti. Għal informazzjoni ulterjuri dwar il-formoli ta' l-applikazzjoni u d-dati ta' l-għeluq, jekk jogħġbok żur il-websajt tal-Kummissjoni jew ikkuntattja lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fi Brussell.
Din is-sotto-Azzjoni hija implimentata fuq livell ċentralizzat. Għalhekk il-proposti jridu jiġu sottomessi direttament lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

# Stampa ġenerali tal-proċeduri ta'applikazzjoni:
## Azzjoni 3.1.: kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien ta' l-Unjoni Ewropea

| Ir-Reġjun/il-Pajjiż fejn jitwettaq il-proġett | Min jista' japplika | Fejn tapplika |
|---|---|---|
| Il-Pajjiżi tal-Programm | Organizzazzjoni minn Pajjiż tal-Programm | lill-Aġenzija Nazzjonali rilevanti (proċedura deċentralizzata) |
| | Organizzazzjoni Ewropea Mhux Governattiva taż-Żgħażagħ (EYNGO) | l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (proċedura ċentralizzata) |
| Ix-Xlokk ta' l-Ewropa | Organizzazzjoni minn Pajjiż tal-Programm | lill-Aġenzija Nazzjonali rilevanti (proċedura deċentralizzata) |
| | Organizzazzjoni mill-pajjiż SEE li jilqa' l-attività | l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (proċedura ċentralizzata) |
| | Organizzazzjoni Ewropea Mhux Governattiva taż-Żgħażagħ (EYNGO) | l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (proċedura ċentralizzata) |
| Il-Lvant ta' l-Ewropa u l-Kawkażu | Organizzazzjoni minn Pajjiż tal-Programm | lill-Aġenzija Nazzjonali rilevanti (proċedura deċentralizzata) |
| | Organizzazzjoni Ewropea Mhux Governattiva taż-Żgħażagħ (EYNGO) | l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (proċedura ċentralizzata) |
| Il-Pajjiżi Mediterranji Msieħba | ----- | Proġetti appoġġjati permezz tal-fondi tal-MEDA mmexxija mill-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni tal-Europe Aid |

# F. Azzjoni 4 - Is-Sistemi ta’ Appoġġ għaż-Żgħażagħ

## X’inhuma l-għanijiet ta’ l-azzjoni?

Azzjoni 4 – Is-Sistemi ta’ Appoġġ għaż-Żgħażagħ tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-kwalità ta’ l-istrutturi ta’ appoġġ, sabiex jappoġġjaw ir-rwol ta’ dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, jiżviluppaw il-kwalità tal-Programm u jippromwovu l-parteċipazzjoni ċivili taż-żgħażagħ fuq livell Ewropew billi jappoġġjaw entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ.

Dan l-għan ġenerali se jintlaħaq permezz ta’:

- kontribuzzjoni għan-netwerking ta’ l-organizzazzjonijiet ikkonċernati;
- żvilupp tat-taħriġ u l-kollaborazzjoni bejn dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;
- promozzjoni ta’ l-innovazzjoni fl-iżvilupp ta’ attivitajiet għaż-żgħażagħ;
- kontribuzzjoni għat-titjib ta’ l-informazzjoni għaż-żgħażagħ, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għall-aċċess għaż-żgħażagħ b’diżabilità;
- appoġġ fit-tul għal proġetti u inizjattivi ta’ entitajiet reġjonali u lokali;
- tħaffif ta’ l-għarfien tat-tagħlim mhux formali taż-żgħażagħ u l-ħiliet miksuba permezz tal-parteċipazzjoni f’dan il-Programm;
- skambju ta’ l-aħjar prattika.

## X’tipi ta’ attivitajiet huma eliġibbli?

Sabiex ikun hemm l-għodod xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet t’hawn fuq, ġew definiti tmien sotto-Azzjonijiet fi ħdan l-Azzjoni 4 – ‘Is-sistemi ta’ appoġġ għaż-żgħażagħ’:

4.1 – L-appoġġ lill-entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ
4.2 – L-appoġġ għall-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ
4.3 – It-Taħriġ u n-Netwerking ta’ dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ
4.4 – Il-proġetti li jħeġġu l-innovazzjoni u l-kwalità
4.5 – L-attivitajiet ta’ informazzjoni għaż-żgħażagħ u għal dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ
4.6 – Is-sħubijiet
4.7 – L-appoġġ għall-istrutturi tal-Programm
4.8 – Iż-żieda mal-valur tal-Programm

## Azzjoni 4.1 – L-appoġġ lill-entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ

Din is-sotto-Azzjoni toffri appoġġ finanzjarju lill-NGOs attivi fuq livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ sabiex tikkontribwixxi għall-ispejjeż operattivi tagħhom. L-organizzazzjonijiet eliġibbli huma dawk li l-għan tagħhom huwa wieħed ta' interess ġenerali Ewropew. L-attivitajiet tagħhom iridu jikkontribwixxu għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja pubblika u fis-soċjetà, u għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet Ewropej ta' kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ b'mod ġenerali. Dawn għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u jkollhom frieghi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm.

Dan l-appoġġ huwa pprovdut permezz ta' sejħa annwali għall-proposti ippubblikata fil-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenzija Eżekuttiva.

## Azzjoni 4.2 – L-appoġġ għall-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ

Taħt din is-sotto-Azzjoni jingħataw għotijiet għall-appoġġ ta' l-attivitajiet preżenti tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ.

### X'tipi ta' attivitajiet huma ffinanzjati?

L-attivitajiet prinċipali tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ huma kif ġej:

- ir-rappreżentazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fuq livell Ewropew;
- il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-membri tiegħu vis-à-vis l-Unjoni Ewropea;
- it-tixrid ta' l-informazzjoni dwar iż-żgħażagħ fuq livell Ewropew;
- it-tixrid ta' l-informazzjoni mill-Unjoni Ewropea għall-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- il-promozzjoni u l-ippreparar għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika;
- il-kontribuzzjoni għall-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ stabbilit fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea;
- il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp tal-politika taż-żgħażagħ, ix-xogħol taż-żgħażagħ u l-opportunitajiet edukattivi, it-tixrid ta' informazzjoni li tikkonċerna ż-żgħażagħ u l-iżvilupp ta' strutturi rappreżentattivi għaż-żgħażagħ f'kull parti ta' l-Ewropa;
- l-involviment fid-diskussjoni u r-riflessjoni dwar iż-żgħażagħ fl-Ewropa u f'partijiet oħra tad-dinja u dwar l-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaż-żgħażagħ.

### Ikkuntattja

European Youth Forum
Rue Joseph II, 120
B-1000 Bruxelles
Tel: +32 2 230 64 90
Fax: +32 2 230 21 23
http://www.youthforum.org

## Azzjoni 4.3 - It-Taħriġ u n-Netwerking ta' dawk attivi fix-xogħol u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ

### X'inhu t-Taħriġ u n-Netwerking?

Il-kooperazzjoni u s-sħubijiet, il-miżuri tat-taħriġ u l-iskambju ta' prattika tajba huma t-termini essenzjali għall-iżvilupp ta' l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, tas-soċjetà ċivili u ta' dawk involuti fix-xogħol taż-żgħażagħ.

Fuq din il-bażi, l-Azzjoni 4.3 tappoġġja proġetti sabiex tilħaq dawn l-għanijiet li ġejjin:

**L-Għan 1 - Il-promozzjoni ta' skambji, kooperazzjoni u taħriġ fix-xogħol Ewropew taż-żgħażagħ**

Dan l-għan se jitfittex li jintlaħaq permezz ta' l-appoġġ ta' attivitajiet li l-għan tagħhom huwa li jżidu l-kuxjenza mill-importanza tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, kif ukoll li jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-ħafna atturi involuti.

L-attivitajiet li jingħataw appoġġ għandhom jippermettu lill-parteċipanti li:

- jidentifikaw u jiskambjaw prattika tajba u trasferiment ta' l-għarfien fuq livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali;
- iqabblu bejn metodi u strateġiji differenti;
- jiskambjaw esperjenzi fix-xogħol taż-żgħażagħ.

**L-Għan 2 - L-appoġġ għall-iżvilupp tal-proġetti taħt il-Programm Żgħażagħ Attivi**

Dan l-għan se jitfittex li jintlaħaq permezz ta' l-appoġġ għall-attivitajiet li għandhom l-għan li jgħinu lil dawk kollha involuti fl-attivitajiet taż-żgħażagħ jew li huma interessati fil-kwistjonijiet taż-żgħażagħ, sabiex jippreparaw u jiżviluppaw proġetti u inizjattivi fil-kuntest tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**, b'mod partikolari billi jipprovdu:

- għajnuna fl-iżvilupp ta' żewġ Azzjonijiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** (Żgħażagħ għall-Ewropa u s-Servizz Volontarju Ewropew);
- appoġġ għall-bini tal-kapaċità u għall-innovazzjoni fir-rigward tat-taħriġ u l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xogħol taż-żgħażagħ;
- opportunitajiet għall-applikanti sabiex jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet tagħhom fl-edukazzjoni mhux formali;
- appoġġ biex jinstabu l-imsieħba, permezz ta' attivitajiet iffokati b'mod speċifiku.

Proġett ta' Taħriġ u Netwerking huwa żviluppat bil-ħsieb li jimplimenta waħda minn dawn l-attivitajiet:

### Il-Kontroll tax-Xogħol (L-esperjenza prattika tat-tagħlim)

Waqfa qasira ma' organizzazzjoni msieħba f'pajjiż ieħor bl-għan ta' skambju ta' prattika tajba, il-ksib ta' ħiliet u għarfien u/jew il-bini ta' sħubijiet fit-tul permezz ta' osservazzjoni parteċipattiva.

### Iż-żjara li tiddiskuti l-fattibbiltà

Laqgħa qasira ma' msieħba potenzjali biex ikun esplorat u/jew ippreparat proġett transnazzjonali potenzjali. Il-laqgħat tal-fattibbiltà għandhom l-għan li jtejbu u jiżviluppaw il-kooperazzjoni eżistenti u/jew biex jippreparaw attività futura fi ħdan il-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

### Il-laqgħa ta' valutazzjoni

Laqgħa ippjanata ma' dawk imsieħba, bl-għan li jiġu evalwati laqgħat, seminars u korsijiet ta' taħriġ li għaddew. Dawn il-laqgħat jgħinu lill-imsieħba jevalwaw u jiddiskutu s-segwitu potenzjali wara t-twettiq ta' proġett komuni.

### Iż-żjara ta' studju

Programm organizzat ta' studju, għal perjodu qasir, li joffri perspettiva tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol taż-żgħażagħ u/jew tal-politika taż-żgħażagħ f'pajjiż partikolari. Iż-żjajjar ta' studju jiffokaw fuq tema u jikkonsistu minn żjajjar u laqgħat għal proġetti u organizzazzjonijiet differenti f'pajjiż magħżul.

### L-attività għall-iżvilupp ta' sħubija

Avveniment organizzat bil-ħsieb li jippermetti lill-parteċipanti li jsibu msieħba għal kooperazzjoni transnazzjonali u/jew għall-iżvilupp tal-proġett. L-Attivitajiet għall-Bini ta' Sħubija jġibu flimkien imsieħba potenzjali u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' proġetti ġodda dwar suġġett magħżul u/jew Azzjoni tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

### Is-seminar

Avveniment organizzat biex jipprovdi pjattaforma għad-diskussjoni u l-iskambju ta' prattika tajba, ibbażat fuq osservazzjonijiet teoritiċi, dwar tema jew temi magħżulin li jkunu rilevanti għall-qasam tax-xogħol taż-żgħażagħ.

### Il-kors ta' taħriġ

Programm edukattiv ta' tagħlim dwar suġġetti speċifiċi, bl-għan li jtejjeb il-kompetenzi, l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tal-parteċipanti. Il-Korsijiet ta' Taħriġ iwasslu għal prattika ta' kwalità ogħla fix-xogħol taż-żgħażagħ b'mod ġenerali u/jew fil-proġetti **Żgħażagħ Attivi** b'mod speċifiku.

### In-netwerking

Attivitajiet li għandhom l-għan li joħolqu netwerks ġodda, jew li jsaħħu u jwessgħu netwerks eżistenti taħt il-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-eliġibbiltà taħt it-taqsima B.

Il-kriterji speċifiċi ta' l-eliġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin (stampa ġenerali li tiġbor fil-qosor il-kriterji ta' l-eliġibbiltà hija pprovduta fl-aħħar ta' din it-taqsima):

### L-imsieħba

Proġett ta' Taħriġ u Netwerking huwa bbażat fuq sħubija ta' mill-inqas żewġt imsieħba minn Pajjiżi differenti tal-Programm.

Imsieħeb irid ikun:

- organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew
- kwalunkwe entità pubblika lokali, reġjonali jew nazzjonali involuta fix-xogħol taż-żgħażagħ jew
- kwalunkwe grupp informali taż-żgħażagħ.

F'każ ta' grupp informali, wieħed miż-żgħażagħ tal-grupp (ir-rappreżentant tal-grupp) jieħu r-responsabbiltà biex jissottometti l-applikazzjoni u jiffirma l-ftehim ta' l-għotja.

Dan in-numru ta' parteċipanti huwa meħtieġ:

- għall-Kontroll tax-Xogħol u għaż-Żjajjar ta' Fattibbiltà: mill-inqas żewġt imsieħba li jinvolvu mill-inqas żewġ pajjiżi, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE;
- għal-Laqgħat ta' Valutazzjoni, iż-Żjajjar ta' Studju, l-Attivitajiet ta' Bini ta' Sħubija, is-Seminars u Korsijiet ta' taħriġ: mill-inqas erbat imsieħba li jinvolvu mill-inqas erba' pajjiżi, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE;
- għan-Netwerking: mill-inqas sitt imsieħba li jinvolvu mill-inqas sitt pajjiżi, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE.

### Il-parteċipanti

Il-parteċipanti kollha involuti jew interessati fl-edukazzjoni mhux formali u fiż-żgħażagħ, li huma residenti f'Pajjiż tal-Programm jistgħu jieħdu sehem fi proġett. Pereżempju, il-parteċipanti eliġibbli jistgħu jkunu persuni involuti fil-politika taż-żgħażagħ fuq livell lokali jew reġjonali jew persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ bħal persuni li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ, mexxejja ta' l-għaqdiet taż-żgħażagħ, persuni li jħarrġu/faċilitaturi, konsulenti.

Dan in-numru ta' parteċipanti huwa meħtieġ:

- għall-Kontrollar tax-Xogħol: sa 2 perteċipanti;
- għaż-Żjajjar ta' Fattibbiltà: sa 2 rappreżentanti għal kull imsieħeb/organizzazzjoni;
- għal-Laqgħat ta' Valutazzjoni, iż-Żjajjar ta' Studju, l-Attivitajiet ta' Bini ta' Sħubija, is-Seminars u Korsijiet ta' Taħriġ: sa 50 parteċipant (inkluż min iħarreġ u l-faċilitaturi) li jirrapreżentaw kull imsieħeb/organizzazzjoni

fi proporzjonijiet xierqa. In-numru xieraq ta' parteċipanti jiddependi min-natura u t-tip ta' l-attività.

#### It-tul ta' żmien

It-tul xieraq ta' l-attività jista' jvarja skond it-tip ta' attività organizzata. Bħala regola ġenerali, l-attivitajiet ma jistgħux idumu aktar minn għaxart ijiem, esklużi l-ġranet tal-vjaġġ.

Għal ċerti tipi ta' attivitajiet, huwa previst terminu speċifiku:

għall-Kontroll tax-Xogħol: 10 sa 20 ġurnata ta' xogħol (esklużi l-ġranet tal-vjaġġ);
għan-Netwerking: sa 18-il xahar.

#### Il-Programm

Irid jiġi pprovdut Programm u orarju tal-ħinijiet strutturat tajjeb. Dan għandu jkun marbut b'mod ċar ma' l-għanijiet stabbiliti minn qabel..
L-attivitajiet iridu jkunu mingħajr skop ta' qligħ.

#### Il-post

Ħlief għall-proġetti ta' netwerking, l-attivitajiet iridu jitwettqu fil-pajjiż ta' l-applikant tal-proġett.

Il-proġetti tan-netwerking jistgħu jitwettqu fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi ta'l-imsieħba involuti fil-proġett.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:
- il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
- ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
- id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
- l-impatt mistenni mill-proġett;
- il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
- il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

L-għotjiet għall-Proġetti ta' Taħriġ u Networking relatati max-xogħol taż-żgħażagħ Ewropew (l-għan 1) se jiġu attribwiti lill-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod temi relatati mal-prijoritajiet politiċi identifikati fil-qasam tal-politika Ewropea taż-żgħażagħ[23].

[23] Għal referenza dwar l-aktar żviluppi reċenti dwar il-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażagħ, jekk jogħġbok ara l-link ta' hawn taħt:
http://ec.europa.eu/youth/whitepaper/post-launch/post_en_1_en.html

L-għotjiet għall-Proġetti ta' Taħriġ u Netwerking relatati ma' **Żgħażagħ Attivi** (l-għan 2) se jiġu attribwiti lill-proġetti li jirriflettu bl-aħjar mod il-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, li huma l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali. Barra dan, se jiġu iffissati prijoritajiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u kkomunikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenziji Nazzjonali u fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

## Kif tagħmel proġett tajjeb?

L-elementi kwalitattivi jiddependu min-natura u mill-istruttura ta' kull waħda mill-attivitajiet li tingħata appoġġ. Minkejja xi karatteristiċi speċifiċi ta' l-attività, l-aktar elementi importanti li huma komuni għall-attivitajiet kollha huma miġburin fil-qosor hawn taħt:

### Il-Metodoloġija

Jistgħu jiġu applikati varjetà ta' metodi u tekniki ta' l-edukazzjoni mhux formali sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet differenti tal-parteċipanti u r-riżultati mixtieqa. F'termini ġenerali, il-proġett għandu jkun ibbażat fuq proċess ta' tagħlim interkulturali li jqanqal il-kreattività, il-parteċipazzjoni attiva u l-inizjattiva.

Dan għandu jippermetti lill-parteċipanti li:

- jiksbu fiduċja fihom infushom fil-konfront ta' attivitajiet, attitudnijiet u esperjenzi ġodda;
- jiksbu u jrawmu kompetenzi, ħiliet u għarfien li jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjali, professjonali u personali;
- jevitaw u jiġġieldu kontra l-preġudizzju, ir-razziżmu u l-attitudnijiet kollha li jwasslu għall-esklużjoni soċjali;
- jiżviluppaw is-sens tagħhom ta' tolleranza u ta' fehim tad-diversità.

### L-għanijiet tat-tagħlim

Il-proġett għandu jistabbilixxi għanijiet ta' tagħlim ċari u li jistgħu jintlaħqu għall-grupp ta' mira, f'termini ta' ksib ta' ħiliet trasversali għall-iżvilupp personali, professjonali u soċjali.

### Il-Programm

Il-Programm għandu jkun definit, realistiku, proporzjonat u bilanċjat b'mod ċar. Dan għandu jiġi żviluppat b'mod komuni mill-imsieħba kollha u jikkorrispondi għall-għanijiet tal-proġett u għall-ħtiġijiet tal-parteċipanti. Dan għandu wkoll ikollu l-għan li jagħti lill-parteċipanti rwol attiv (eż. imexxu gruppi ta' ħidma, jikkontribwixxu għad-diskussjonijiet, imexxu jew jagħmlu rapport ta' seminars)

### Il-preparazzjoni u l-valutazzjoni

Il-fażijiet ta' preparazzjoni u valutazzjoni huma essenzjali għat-twettiq bla xkiel ta' l-attività u għall-ksib sħiħ ta' l-għanijiet imfassla minn qabel. Ir-rappreżentanti ta' l-imsieħba tal-proġett, bħala tim internazzjonali, huma responsabbli b'mod konġunt għall-ippjanar, għat-twettiq, għall-kontroll u għall-valutazzjoni tal-proġett.

Matul l-istadju preparatorju, l-imsieħba tal-proġett għandhom jirriflettu fuq it-tqassim tax-xogħlijiet, l-attivitajiet tal-Programm, il-metodi ta' ħidma, il-profil tal-parteċipanti, l-arranġamenti prattiċi (post, trasferimenti, alloġġi, appoġġ materjali, appoġġ lingwistiku).

Is-sessjonijiet tal-valutazzjoni għandhom jiġu organizzati qabel, matul u wara l-attività. Il-valutazzjoni qabel it-twettiq ta' l-attività għandha tippermetti lill-imsieħba tal-proġett li jtejbu l-ippjanar tal-Programm. Is-sessjonijiet kontinwi ta' valutazzjoni huma importanti sabiex jinkisbu informazzjoni u kummenti mingħand il-parteċipanti u sabiex il-Programm jiġi addattat skond dak li jintqal. Il-valutazzjoni aħħarija għandha tippermetti lill-imsieħba tal-proġett u lill-parteċipanti li jevalwaw jekk l-għanijiet ta' l-attività ġewx milħuqa, u jekk l-istennijiet tal-parteċipanti ġewx sodisfatti. Il-valutazzjoni għandha wkoll tenfasizza r-riżultati tat-tagħlim.

Il-laqgħat preparatorji u valutattivi jistgħu jiġu organizzati sabiex dawn il-fażijiet jitwettqu b'mod aħjar.

### L-impatt/Il-Valorizzazzjoni

L-impatt ta' l-attivitajiet ta' taħriġ, ta' l-iskambju u tan-netwerking m'għandux ikun biss limitat għall-parteċipanti fl-attività, iżda għandu wkoll ikun parti minn proċess mifrux fuq perjodu twil.

L-attivitajiet għandhom ikunu inkwadrati f'perspettiva ta' perjodu itwal, u jkunu ippjanati biex jiksbu effett multipliku u impatt sostenibbli fuq l-iżvilupp tax-xogħol taż-żgħażagħ.

Ir-riżultati tal-proġett m'għandhomx biss jixxerdu mal-parteċipanti, iżda wkoll jilħqu pubbliku akbar. Dawk imsieħba fil-proġett għandhom jagħmlu użu mill-opportunitajiet kollha biex ikollhom kopertura xierqa mill-mezzi tax-xandir (lokali, reġjonali, nazzjonali, internazzjonali) għall-attvitajiet tagħhom, qabel u matul l-implimentazzjoni tagħhom.

It-tixrid u l-utilizzazzjoni tar-riżultati tal-proġetti jtejbu l-valur tagħhom, isaħħu l-impatt tagħhom u jiżguraw li l-akbar numru possibli ta' persuni u organizzazzjonijiet jibbenefikaw minnhom. Dan jimplika t-trasferiment tar-riżultati lil dawk interessati u t-tkattir tagħhom fuq skala akbar.

### Il-viżibbiltà

Il-proġetti għandhom jenfasizzaw l-appoġġ tal-Komunità (inkluż permezz ta' l-użu ta' lowgos Ewropej u taż-**Żgħażagħ Attivi**) u jipprovdu valur promozzjonali miżjud ċar għall-Programm u għar-riżultati tiegħu. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti involuti fil-proġetti għandhom isiru konxji mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

## Min jista' japplika?

Wieħed minn dawk imsieħba fil-Proġett ta' Taħriġ u Netwerking jaġixxi bħala l-imsieħeb koordinattiv u japplika f'isem is-sħubija. Dawn li ġejjin jistgħu jissottomettu applikazzjoni:

- organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew
- entità pubblika lokali, reġjonali jew nazzjonali involut fix-xogħol taż-żgħażagħ jew
- grupp informali ta' żgħażagħ.

## Kif tapplika?

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenziji Nazzjonali:

Għall-proġetti ta' netwerking, kwalunkwe msieħeb jista' jassumi r-rwol ta' koordinatur u japplika f'isem is-sħubija, għand l-Aġenzija Nazzjonali tiegħu.
Għall-attivitajiet l-oħra kollha, l-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi mill-organizzazzjoni li tilqa' għand l-Aġenzija Nazzjonali tagħha.

### L-applikazzjonijiet li jridu jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva:

L-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi (ENGOs), li huma stabbiliti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u għandhom friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm, iridu japplikaw direttament għand l-Aġenzija Eżekuttiva.

## Kif inhi ffinanzjata l-attività?

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt, ma' kontribuzzjonijiet pubbliċi u/jew privati oħra. L-ispiża totali tal-proġett ma tistax tiġi koperta biss mill-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Għalhekk, il-kontribuzzjonijiet ta' l-organizzaturi u/jew tal-parteċipanti jistgħu jkunu jew fi flus kontanti jew f'oġġetti, jew f'taħlita tat-tnejn.

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq:

- l-ispejjeż attwali ta' l-ivvjaġġar u dawk eċċezzjonali,
- l-ammonti fissi għall-ispejjeż l-oħra kollha relatati ma' l-attivitajiet tal-proġett,
- rati fissi għal kull parteċipant – inkluż min iħarreġ/faċilitaturi. Ir-rati fissi huma kkalkulati għal kull ġurnata, jew għal kull parteċipant/għal kull ġurnata. F'dawn il-każijiet, il-kalkulazzjoni tar-rata fissa hija bbażata fuq in-numru ta' ġranet ta' l-attività.

L-ammonti fissi massimi u r-rati fissi huma indikati fit-tabella "stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament" fl-aħħar ta' din it-taqsima, iżda jistgħu jvarjaw skond il-Pajjiż tal-Programm li fih tkun sottomessa l-applikazzjoni.

L-ammonti u rati fissi jirrappreżentaw kontribuzzjoni għall-attivitajiet tal-Programm; dawn m'humiex direttament marbuta ma' xi spejjeż partikolari; l-ispejjeż li jkopru ma jeħtiġux spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni.

Dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament huwa mfassal biex jgħin lill-applikanti jikkalkulaw l-ammont ta' l-għotja mistennija u biex jitħaffef l-ippjanar realistiku ta' l-attività.

**L-analiżi ta' l-għotja tal-Komunità**

spejjeż ta' l-ivvjaġġar: 70% ta' l-ispejjeż attwali
spejjeż ta' l-ikel u alloġġ: rata fissa għal kull ġurnata għal kull parteċipant
spejjeż ta' l-attività: Ammont fiss + rata fissa għal kull parteċipant
għodda tat-taħriġ: ammont fiss għal kull ġurnata
spejjeż eċċezzjonali: spejjeż attwali li jkopru l-viża, l-ispejjeż relatati mal-viża u l-ispejjeż tat-tilqim, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-parteċipanti b'inqas opportunitajiet/bi bżonnijiet speċjali.

Ir-regoli tal-finanzjament għall-attivitajiet ta' Netwerking huma differenti. Il-kontribuzzjoni ta' l-għotja mogħtija għall-Attivitajiet ta' Netwerking hija bbażata fuq l-ispejjeż attwali u ma tridx tkun ogħla minn € 20,000. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tistax taqbeż il-50% ta' l-ispejjeż tal-proġett totali li huma eliġibbli.

Għal aktar informazzjoni, ara l-istampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament fl-aħħar ta' din it-taqsima.

### L-ispejjeż eċċezzjonali

L-ispejjeż eċċezzjonali jkopru l-viża u l-ispejjeż relatati mal-viża kif ukoll l-ispejjeż tat-tilqim.

L-ispejjeż eċċezzjonali l-oħra kollha huma relatati ma' żgħażagħ b'inqas opportunitajiet u/jew bi bżonnijiet speċjali. Dawn jistgħu jkopru pereżempju: l-għajnuna medika, il-kura tas-saħħa, taħriġ/appoġġ lingwistiku supplimentari, preparazzjoni supplimentari, bini jew tagħmir speċjali, persuna supplimentari ta' akkompanjament, spejjeż personali supplimentari fil-każ ta' żvantaġġ ekonomiku, traduzzjoni/interpretazzjoni. Dawn ma jistgħux ikopru djun jew interessi bankarji. Sa 100% ta' l-ispejjeż eċċezzjonali jistgħu jkunu sostnuti mill-għotja, bil-kondizzjoni li dawn ikunu marbuta b'mod ċar ma' l-implimentazzjoni tal-proġett, li hi meħtieġa u ġustifikata fil-formola ta' l-applikazzjoni. L-ispejjeż eċċezzjonali kollha jridu jkunu spejjeż attwali, appoġġjati u ġustifikati kif inhu xieraq.

## X' inhuma l-obbligi kuntrattwali?

### Il-ftehim ta' l-għotja

Ladarba l-proġett ikun ġie approvat, il-benefiċjarju (l-imsieħeb koordinattiv) jirċievi ftehim ta' l-għotja li jiddetermina l-użu tal-fondi tal-Komunità. Il-benefiċjarju jiegħed li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu u jimplimenta l-proġett kif stabbilit fl-applikazzjoni.

### Il-Ftehimiet Finanzjarji għal Numru ta' Miżuri

Benefiċjarju li jorganizza diversi proġetti ta' Taħriġ u ta' Netwerking tul perjodu ta' 18-il xahar jista' jippreżenta proposta waħda għal proġett li tkun ikkaratterizzata mill-istruttura li ġejja:

1) Il-proposta tista' tgħaqqad bejn żewġ u ħames attivitajiet ta' l-istess tip (pereżempju tliet Korsijiet ta' Taħriġ matul sena) jew
2) Il-proposta tista' tgħaqqad bejn żewġ u ħames attivitajiet ta' tipi differenti (pereżempju Laqgħa ta' Valutazzjoni waħda, żewġ Seminars u attività waħda ta' Bini tas-Sħubija).

Jistgħu jsiru żjajjar jew verifiki tal-kontijiet fuq il-post mill-Aġenzija Nazzjonali jew mill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura sabiex ikun verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha jkunu mwettqa kif xieraq.

Jekk, matul il-proġett, xi ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, dawk imsieħba jridu minnufih jikkuntattjaw lill-Aġenziji Nazzjonali tagħhom jew lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, sabiex jagħmlu l-arranġamenti xierqa.

Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq tal-proġett kif miftiehem jista' jwassal għar-rimborż ta' l-għotja sħiħa jew ta' parti minnha.

## X'appoġġ huwa disponsibbli għall-preparazzjoni u implimentazzjoni tal-proġett?

L-Aġenziji Nazzjonali u s-SALTO jipprovdu taħriġ, b'mod partikolari permezz tal-Pjanijiet ta' Taħriġ u ta' Kooperazzjoni, għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni ta' Proġett ta' Taħriġ u ta' Netwerking u għodda li għandha l-għan li żżid il-kwalità tal-proġetti.

## Il-*Youthpass*

Kull parteċipant fi proġett ta' Taħriġ u Netwerking huwa intitolat li jirċievi *Youthpass*, li jiddeskrivi u jikkonvalida l-esperjenza ta' tagħlim mhux formali. Permezz tal-*Youthpass* il-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-esperjenza mal-Programm tkun rikonoxxuta bħala esperjenza edukattiva u bħala perjodu ta' tagħlim mhux formali u ta' tagħlim informali.

# Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

| L-attività | In-natura u l-ambitu | It-terminu | L-imsieħba | Il-parteċipanti | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-kontroll tax-xogħol** | | Minn 10 sa 20 ġurnata ta' xogħol (esklużi l-ġranet tal-vjaġġ) | Mill-inqas 2 Pajjiżi tal-Programm, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE | | Sa 2 parteċipanti |
| **Żjajjar ta' fattibbiltà** | | | | | Sa 2 rappreżentanti għal k<br>imsieħeb/organizzazzjoni |
| **Laqgħa ta' valutazzjoni**<br>Viżta ta'studju<br>Attività ta' Bini tas-Sħubija<br>Seminar<br>Kors ta' Taħriġ | L-attivitajiet iridu jindirizzaw mill-inqas wieħed mill-għanijiet ġenerali stabbiliti għal din is-sotto-Azzjoni<br>L-attivitajiet iridu jkunu mingħajr skop ta' qligħ<br>L-attivitajiet iridu jsiru f'pajjiż l-applikant tal-proġett | Sa 10 ġranet (esklużi l-ġranet tal-vjaġġ). It-tul xieraq ta' l-attività jista' jvarja skond it-tip ta' attività organizzata. | Mill-inqas 4 Pajjiżi tal-Programm, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE | Il-parteċipanti kollha involuti jew interessati fl-edukazzjoni mhux formali u fiż-żgħażagħ, legalment residenti f'Pajjiż tal-Programm. Pereżempju xi parteċipanti eligibbli jistgħu jkunu:<br>- persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ bħal dawk li jmexxu u dawk li jaħdmu f'organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, dawk li jħarrġu/faċilitaturi, konsulenti, eċċ<br>- persuni involuti fil-politika taż-żgħażagħ fuq livell lokali jew reġjonali | Sa 50 parteċipant (inkluż<br>iħarreġ u faċilitaturi) li<br>jirrappreżentaw kull<br>imsieħeb/organizzazzjoni<br>proporzjonijiet xierqa. In-<br>ideali ta' parteċipanti jidd<br>min-natura u mit-tip ta' at |
| **Netwerking** | L-attivitajiet iridu jsiru fi kwalunkwe pajjiż involut fil-proġett | Sa 18-il xahar | Mill-inqas 6 Pajjiżi tal-Programm, li mill-inqas wieħed minnhom ikun Stat Membru ta' l-UE | | |

*Il-figuri kollha huma f'euro - Jekk jogħġbok innota li l-ammonti kollha huma indikattivi u jistgħu jiġu adattati mill-Aġenziji Nazzjonali*

# Stampa ġenerali tar-regoli tal-finanzjament

| It-tip ta'spiża | L-eliġibbiltà ta' l-ispiża skond it-tip ta' attività | Il-bażi għall-finanzjament | L-ammont | Ir-regola ta' l-allokazzjoni | L-użu ta' l-għotja tal-Komunità | L-obbligi tar-rapportaġġ<br>***Id-dokumenti oriġinali kollha għandhom jinżammu għal skop ta' verifiki għal 5 snin wara li jintemm il-proġett*** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **A. Spejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-parteċipanti** | L-attivitajiet kollha (ħlief in-netwerking) | Spejjeż attwali | 70% ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar | Awtomatika | L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar mill-pajjiż il-parteċipant għall-post tal-proġett. L-użu ta' l-orħos mezzi u tariffi (it-tariffi ta' l-ajru ta' l-APEX, biljett tat-tren tat-tieni klassi). | Ġustifikazzjkoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopja tal-biljetti ta' l-ivvjaġġar/fatturi |
| **B. Spejjeż ta' l-ikel u ta' l-alloġġ** | L-attivitajiet kollha (ħlief in-netwerking) | Rata fissa | € 48/ġurnata /parteċipant | Awtomatika | Kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' l-alloġġ u spejjeż oħra matul il-proġett (eż. l-assigurazzjoni) | Ir-riżultati/il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali<br>+ kalkulazzjoni mill-ġdid fuq il-bażi tan-numru attwali ta' parteċipanti u tat-tul attwali + lista tal-firem tal-parteċipanti kollha |
| **C. Spejjeż ta' l-attività** | Żjara ta' studju<br>Seminar<br>Attività ta' bini ta' sħubija<br>Taħriġ | a)Ammont fiss<br>+<br>b) Rata fissa | € 1 200<br>+<br>€ 50/parteċipant | Awtomatika | L-ispejjeż l-oħra kollha direttament marbutin mat-twettiq tal-proġett | Ir-riżultati/il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali<br>+ kalkulazzjoni mill-ġdid fuq il-bażi tan-numru attwali ta'parteċipanti u tat-tul attwali + lista tal-firem tal-parteċipanti kollha |
| **D. Għodda tat-taħriġ** | Taħriġ | Rata fissa | € 350/ġurnata | Awtomatika | Kontribuzzjoni għall-ħlas ta' min iħarreġ u għall-materjal għat-taħriġ | Ir-riżultati /il-kisbiet li jridu jiġu deskritti fir-rapport finali |
| **E. Spejjeż eċċezzjonali** | L-attivitajiet kollha | Spejjeż attwali | Sa 100% | Kondizzjonali: l-ispejjeż iridu jkunu ġġustifikati fil-formola ta' l-applikazzjoni | - Spejjeż tal-viża, spejjeż relatati mal-viża u spejjeż tat-tilqim<br><br>- Spejjeż direttament relatati ma' parteċipanti b'inqas opportunitajiet/bi bżonnijiet | Ġustifikazzjoni sħiħa ta' l-ispejjeż magħmula, kopji tal-fatturi/riċevuti |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | speċjali | |

**IR-REGOLI TAL-FINANZJAMENT GĦALL-ATTIVITAJIET TA' NETWERKING:**

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità mogħtija għall-appoġġ ta' l-attivitajiet ta' Netwerking hija bbażata fuq spejjeż attwali u ma **tistax tkun ogħla minn € 20,000**. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tistax taqbeż il-**50% ta' l-ispejjeż totali eliġibbli tal-proġetti**. Biex ikunu eliġibbli, l-ispejjeż iridu jkunu direttament marbutin mat-twettiq ta' l-attività u jridu jiġu ġustifikati għalkollox, permezz ta' fatturi, fl-istadju tar-rapport finali.

## Azzjoni 4.4 – Il-proġetti li jħeġġu l-innovazzjoni u l-kwalità

### X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja proġetti li għandhom fil-mira tagħhom l-introduzzjoni, l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' elementi innovattivi u kwalitattivi fl-edukazzjoni mhux formali u fix-xogħol taż-żgħażagħ. Dawn l-aspetti innovattivi jistgħu jkollhom x'jaqsmu:

mal-kontenut u ma' l-għanijiet, skond l-iżvilupp tal-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ u mal-prijoritajiet tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**;
u/jew
mal-metodoloġija applikata, li ddaħħal ideat u metodi ġodda fil-qasam ta' l-edukazzjoni mhux formali u fil-qasam taż-żgħażagħ.

### X'inhuma l-kriterji ġenerali ta' l-għażla u kif inhuma ffinanzjati l-proġetti?

L-applikazzjonijiet eliġibbli huma vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji ta' l-eliġibbiltà u ta' l-għoti stabbiliti fis-sejħa għall-proposti.

Il-mekkaniżmu ta' l-għotja u r-regoli tal-finanzjament se jiġu definiti fit-test tas-sejħa għall-proposti.

### Kif tapplika?

Din is-sotto-Azzjoni hija implimentata fuq livell ċentralizzat. Għalhekk, il-proposti jridu jiġu sottomessi direttament lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura fi Brussell.

Il-benefiċjarji jintgħażlu fuq il-bażi tas-sejħiet annwali tal-proposti. Għal aktar informazzjoni dwar formoli ta' l-applikazzjoni u dati ta' l-għeluq, jekk jogħġbok żur il-websajt tal-Kummissjoni jew ikkuntattja lill-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

## Azzjoni 4.5 – L-attivitajiet ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ u dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ

### X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, tiffoka fuq iż-żgħażagħ billi ttejjeb l-aċċess tagħhom għas-servizzi rilevanti ta' informazzjoni u komunikazzjoni, sabiex tkabbar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika u tiffaċilita t-twettiq tal-potenzjal tagħhom bħala ċittadini responsabbli attivi.

Dan l-għan ġenerali għandu, b'mod partikolari, jintlaħaq permezz ta':

l-appoġġ għall-iżvilupp tal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ u, fi stadju aktar tard, permezz ta'

l-appoġġ għall-Kampanji Ewropej taż-Żgħażagħ bl-għan li jżidu l-forniment ta' informazzjoni ta' kwalità u l-parteċpazzjoni taż-żgħażagħ fil-preparazzjoni u t-tixrid ta' l-informazzjoni.

### X'inhu l-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ?

Il-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ tnieda wara r-rakkomandazzjonijiet tal-*White Paper* tal-Kummissjoni "Spinta ġdida liż-Żgħażagħ Ewropej". L-għan tiegħu huwa li jagħti lill-akbar numru ta' żgħażagħ possibbli aċċess faċli u fi żmien qasir għall-informazzjoni rilevanti dwar l-Ewropa fir-rigward taż-żgħażagħ. L-għan aħħari tal-Portal taż-Żgħażagħ huwa li jkabbar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja pubblika u li jikkontribwixxi għaċ-ċittadinanza attiva tagħhom.

Permezz ta' din l-Azzjoni, il-Kummissjoni se ttejjeb il-kwalità u l-ġibda tal-Portal, bil-ħsieb li żżid in-numru ta' utenti u tikkontribwixxi għall-kisba tal-miri tal-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni Ewropa hija responsabbli għall-iżvilupp tal-Portal Ewropew taż-Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-parteċipanti involuti fil-funzjonament tiegħu, b'mod partikolari n-netwerk ta' l-Eurodesk u l-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ.

### X'inhuma l-Kampanji Ewropej taż-Żgħażagħ?

Din is-sotto-Azzjoni, li se tiġi żviluppata fi stadju aktar tard, se tappoġġja attivitajiet ibbażati fuq sħubija transnazzjonali u li jinvolvu b'mod attiv iż-żgħażagħ fil-produzzjoni u t-tixrid ta' l-informazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ.

## X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

Din is-sotto-Azzjoni hija għall-finanzjament ta' sħubijiet ma' entitajiet pubbliċi, reġjonali jew lokali, sabiex ikunu żviluppati, fuq perjodu twil, proġetti li jgħaqqdu miżuri varji tal-Programm.

Is-sħubijiet jirreferu għar-relazzjonijiet imsejsa fuq interessi u valuri komuni, għall-metodi u fehim simili f'qasam speċifikat, kif ukoll għad-djalogu u konsultazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet pubbliċi, reġjonali jew lokali. Huma jirreferu wkoll għall-bidu ugwali ta' dawk imsieħba u mhux għal relazzjoni tradizzjonali bejn id-donatur u l-benefiċjarju. Dawn huma stabbiliti b'perspettiva għal perjodu twil u jirriflettu interess strateġiku komuni. Dan l-interess strateġiku huwa mfisser permezz ta' għanijiet u attivitajiet konġunti, li joħolqu benefiċċju reċiproku u li jeħtieġu kontribuzzjoni konġunta sabiex dan l-interess ikun iffinanzjat u amministrat.

Din is-sotto-Azzjoni se tgħaqqad l-istituzzjonijiet tal-Programm ma' l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali, billi tqis il-perspettiva nazzjonali. L-għan huwa li toħloq effett multiplikatur ta' l-attivitajiet Ewropej taż-żgħażagħ fuq livell reġjonali u lokali.

Dawn is-sħubijiet se jiżviluppaw l-involviment ta' entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali f'attivitajiet Ewropej taż-żgħażagħ.

It-twaqqif tas-sħubijiet se jsaħħaħ l-impatt ta' proġetti reġjonali u lokali li jgħaqqdu miżuri varji tal-Programm.

L-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali se jinkludu s-soċjetà ċivili fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tas-sħubijiet.

L-attivitajiet kollha jridu jkunu konformi ma' l-għanijiet u l-kriterji ġenerali tal-Programm.

Il-benefiċċji reċiproċi tas-sħubijiet jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Tkabbir tad-djalogu politiku u ta' strateġija bejn l-Ewropa u l-livelli reġjonali/lokali
- Tkabbir fl-effettività tal-politika Ewropea taż-żgħażagħ
- Żieda fil-fiduċja
- Ġbir ta' ħiliet u esperjenzi
- Ġbir ta' riżorsi
- Żieda ta' l-attivitajiet taż-żgħażagħ fi ħdan sħubijiet orizzontali eżistenti
- Tkabbir fl-effettività u l-viżibbiltà tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**
- Tkabbir tal-profil Ewropew fil-livelli reġjonali u lokali

## X'tipi ta' attivitajiet huma eliġibbli?

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq, l-Azzjoni 4.6 se tappoġġja proġetti li jgħaqqdu attivitajiet inklużi f'mill-inqas tnejn minn dawn l-Azzjonijiet li ġejjin: 1, 2 u 4 tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

**Min huma l-imsieħba u xi rwoli għandhom?**

*Huwa previst li, fi stadju aktar tard, il-Kummissjoni, l-Aġenziji Nazzjonali u l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali se jkollhom ir-rwoli li ġejjin li se jitfissru f'aktar dettall.*

*Il-Kummissjoni (bl-appoġġ ta' istituzzjonijiet oħra tal-Programm):*

- se tipproponi għanijiet ġenerali komuni lill-imsieħba reġjonali u lokali
- se tidentifika prijoritajiet fi sħubijiet reġjonali u lokali (skond il-ħtiġijiet, l-analiżi u l-indikaturi taż-żgħażagħ)
- se tidentifika mudelli u strutturi tar-relazzjoni (skemi tal-Programm, indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi)
- se tistabbilixxi livelli ta' kwalità, li jridu jiġu segwiti mill-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet miftehma.

Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni ma' l-Aġenziji Nazzjonali, tidentifika l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali li se jimplimentaw is-sħubijiet.

*L-Aġenziji Nazzjonali:*

- se jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jidentifikaw l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali li se jimplimentaw is-sħubijiet
- se jagħmlu kuntratti ta' sħubija ma' l-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali identifikati
- se jimmonitoraw l-implimentazzjoni tas-sħubijiet reġjonali/lokali

*L-entitajiet pubbliċi reġjonali u lokali:*

- se jimplimentaw l-attivitajiet, skond pjan ta' l-attivitajiet u skond il-livelli ta' kwalità, il-valuri u l-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni
- se jirrapportaw lill-Aġenziji Nazzjonali
- se jikkontribwixxu għall-ispejjeż li jirriżultaw mis-sħubija, fi ħdan l-iskema ta' finanzjament konġunt.

Din il-miżura se tiġi implimentata fi stadju aktar tard.

## Azzjoni 4.7 – L-appoġġ għall-istrutturi tal-Programm

Din is-sotto-Azzjoni tiffinanzja l-istrutturi pprovduti fl-Artikolu 8(2) tal-bażi legali, b'mod partikolari l-Aġenziji Nazzjonali. Il-miżura tipprovdi wkoll fondi għal entitajiet inkorporati, bħaċ-Ċentru ta' Riżorsi SALTO u l-EURODESK.

# Azzjoni 4.8 – Żieda mal-valur tal-Programm

## X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

Il-Kummissjoni torganizza seminars, taħdidiet u laqgħat biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Programm u tieħu miżuri ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid, kif ukoll għas-superviżjoni u l-valutazzjoni tal-Programm. Dawn l-attivitajiet huma ffinanzjati permezz ta' għotjiet, miksuba permezz ta' xiri pubbliku jew organizzati u ffinanzjati direttament mill-Kummissjoni.

## Il-laqgħat ta' netwerking bejn parteċipanti preċedenti u l-Aġenziji Nazzjonali

Fuq livell Ewropew, il-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' l-Aġenzija Eżekuttiva, tista' torganizza laqgħat ta' netwerking biex tiġbor flimkien parteċipanti preċedenti ta' l-istess tip ta' proġetti u l-Aġenziji Nazzjonali.

Dawn il-laqgħat ta' netwerking, min-naħa l-waħda, se jippermettu l-iskambju ta' prattika tajba u se jagħtu valur miżjud lill-esperjenzi mwettqa fuq livell bażiku u, min-naħa l-oħra, se jirrappreżentaw opportunità sinifikanti biex jorqmu l-prodotti ta' tixrid (rapporti, pubblikazzjonijiet, studji, materjali ta' l-internet u Awdjoviżiv) sabiex itejbu l-viżibbiltà u l-informazzjoni dwar l-Azzjonijiet tal-Programm.

# G. Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ

## X'inhuma l-għanijiet ta' l-Azzjoni?

L-għan ta' l-Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ – taż-**Żgħażagħ Attivi** huwa li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.

L-għan ġenerali se jintlaħaq permezz ta':

- tħeġġiġ għall-iskambju ta' prattika tajba u għall-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet u dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha;
- tħeġġiġ għal djalogu strutturat bejn dawk li jfasslu l-politika u ż-żgħażagħ;
- titjib ta' l-għarfien u l-fehim taż-żgħażagħ;
- kontribuzzjoni għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam taż-żgħażagħ.

## X'tip ta' attivitajiet huma eliġibbli?

Sabiex ikun hemm l-għodda xierqa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq, ġew definiti tliet sotto-Azzjonijiet fi ħdan l-Azzjoni 5 – L-appoġġ għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ:

5.1 – Laqgħat taż-żgħażagħ u ta' dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ
5.2 – Appoġġ għall-attivitajiet biex jinħoloq fehim u għarfien aħjar fil-qasam taż-żgħażagħ
5.3 – Kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali

## Azzjoni 5.1 – Laqgħat taż-żgħażagħ u ta' dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ

### X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

L-għan ta' din is-sotto-Azzjoni huwa li tippromwovi l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ billi tħeġġeġ djalogu strutturat bejn min ifassal il-politika u ż-żgħażagħ.

*Din is-sotto-Azzjoni tappoġġja l-kooperazzjoni, seminars u djalogu strutturat bejn iż-żgħażagħ, dawk attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u dawk responsabbli mill-politika taż-żgħażagħ. Dan jinkludi l-avvenimenti taż-żgħażagħ organizzati mill-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea u avvenimenti taż-żgħażagħ fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali li jippreparaw dawn l-avvenimenti tal-Presidenza.*

### X'tip ta' attivitajiet huma eliġibbli?

- L-Azzjoni 5.1 tappoġġja żewġ tipi ta' attivitajiet: is-**Seminars Transnazzjonali taż-Żgħażagħ** li jsiru fuq livell transnazzjonali. Jinkludu, b'mod partikolari, l-iskambju ta' ideat u ta' prattika tajba u d-dibattiti organizzati miż-żgħażagħ, minn dawk li huma attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ u mill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, li jirriflettu suġġetti importanti fil-qasam tal-politika Ewropea taż-żgħażagħ, it-temi ta' prijorità tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** u tad-djalogu strutturat.

- Is-**Seminars Nazzjonali taż-Żgħażagħ** li jsiru fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Għandhom l-għan li jiżguraw *input* f'waqtu u effettiv miż-żgħażagħ għad-dibattiti ta' l-UE u għat-tfassil tal-politika taż-żgħażagħ fuq livell ta' UE. Għal dan il-għan, jistabbilixxu spazji strutturati għad-djalogu u għad-dibattitu, fi żmien magħżul skond l-aġenda politika Ewropea.

**Nota - x'mhuwiex Seminar Transnazzjonali taż-Żgħażagħ/Seminar Nazzjonali taż-Żgħażagħ!**

Dawn l-attivitajiet li ġejjin MHUMIEX eliġibbli għall-għotjiet taħt is-Seminars Transnazzjonali taż-Żgħażagħ:

laqgħat statutorji ta' l-organizzazzjonijiet
vjaġġi ta' studju akkademiku
vjaġġi ta' btala
korsijiet lingwistiċi
żjajjar ta' rendiment
seminars li għandhom skop ta' qligħ finanzjarju
kampijiet ta' ħidma
kompetizzjonijiet sportivi
festivals u attivitajiet kulturali oħra

## X'inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà fis-Sezzjoni B.

Il-kriterji supplimentari ta' eliġġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

#### Il-parteċipanti

Is-Seminars Transnazzjonali taż-Żgħażagħ irid ikollhom minimu ta' 60 parteċipant. Iż-żgħażagħ li jieħdu sehem f'Seminar taż-Żgħażagħ irid ikollhom bejn il-15 u t-30 sena.

#### L-imsieħba

Is-Seminars Transnazzjonali taż-Żgħażagħ iridu jinvolvu msieħba minn għall-inqas ħames Pajjiżi tal-Programm.

L-organizzazzjonijiet stabbiliti fil-Pajjiżi Msieħba Ġirien jistgħu jieħdu sehem fi proġett, imma ma jistgħux jissottomettu l-applikazzjoni.
Il-gruppi nazzjonali għandhom ikunu bilanċjati f'termini ta' numri ta' parteċipanti. Id-daqs tal-grupp tal-pajjiż ospitanti jista' jkun akbar.

#### It-terminu

It-terminu tal-proġett, inkluż il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u s-segwitu ta' l-attività jista' jdum sa 9 xhur.

It-terminu tas-Seminar Transnazzjonali taż-Żgħażagħ irid ikun ta' bejn 3 u 6 ijiem (esklużi l-ġranet tal-vjaġġ).

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:

il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
l-impatt mistenni mill-proġett;
il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

Se tingħata prijorità lill-proġetti li jirriflettu l-prijoritajiet ġenerali tal-Programm, jiġifieri l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali, iċ-ċittadinanza Ewropea u l-inklużjoni soċjali u l-prijoritajiet tad-djalogu strutturat.
Temi ta' prijorità oħra ta' din is-sotto-Azzjoni huma l-ġejjieni ta' l-Ewropa u l-prijoritajiet politiċi identifikati fil-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ.
Barra dan, jistgħu jiġu stabbiliti prijoritajiet annwali għall-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Dawn il-prijoritajiet annwali tal-Programm u tad-djalogu strutturat ġew stabbiliti fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

### Min jista' japplika?

Kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandiex skop ta' qligħ stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm tista' tissottometti proġetti taħt din is-sotto-Azzjoni.

### Kif tapplika?

L-organizzazzjoni li tilqa' tissottometti l-applikazzjoni tagħha f'isem l-imsieħba kollha lill-Aġenzija Nazzjonali stabbilita fil-pajjiż fejn ikun maħsub li jsir is-Seminar tal-Presidenza taż-Żgħażagħ jew is-Seminar taż-Żgħażagħ.

L-organizzazzjonijiet Ewropej mhux governattivi (ENGOs), li jkunu stabbiliti f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u jkollhom friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm (statuti legali), japplikaw direttament għand l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kummissjoni Ewropea.

## Is-Seminars Nazzjonali taż-Żgħażagħ

### X' inhuma l-kriterji ta' l-eliġibbiltà?

Jekk jogħġok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà fis-Sezzjoni B.

Il-kriterji supplimentari ta' eliġġibbiltà li japplikaw għal din l-Azzjoni huma dawn li ġejjin:

#### Il-Parteċipanti

Is-Seminars Nazzjonali taż-Żgħażagħ irid ikollhom minimu ta' 60 parteċipant. Iż-żgħażagħ li jieħdu sehem f'Seminar tal-Presidenza taż-Żgħażagħ irid ikollhom bejn 15 u 30 sena.

### L-imsieħba

Is-Seminars Nazzjonali taż-Żgħażagħ iridu jinvolvu mill-inqas organizzazzjoni waħda minn Stat Membru ta' l-UE wieħed. M'hi meħtieġa l-ebda organizazzjoni msieħba transnazzjonali.

### It-terminu

It-terminu tal-proġett, inklużi l-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-attività ta' segwitu jistgħu jdumu sa 9 xhur.

It-terminu tas-Seminar Nazzjonali taż-Żgħażagħ irid ikun bejn 3 u 6 ġranet (esklużi l-ġranet tal-vjaġġ).

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għażla?

Jekk jogħġbok irreferi għall-kriterji ġenerali ta' l-għażla taħt it-taqsima B.

## X'inhuma l-kriterji ta' l-għoti?

Il-kwalità tal-proposti se jiġu vvalutati u se jitqiesu l-elementi li ġejjin:

il-kwalità tal-programm u tal-metodi ta' ħidma proposti;
ir-rilevanza ta' l-objettivi ta' tagħlim proposti;
id-dimensjoni Ewropea tal-proġett;
l-impatt mistenni mill-proġett;
il-miżuri previsti għall-viżibbiltà tal-proġett;
il-miżuri previsti għall-valorizzazzjoni u s-segwitu tal-proġett

Barra minn hekk:

Se tingħata prijorità lil proġetti li jirriflettu l-prijoritajiet ġenerali tad-djalogu strutturat li ġie deskritt fl-Anness għal din il-Gwida tal-Programm.

## Min jista' japplika?

Kwalunkwe entità pubblika nazzjonali jew organizzazzjoni jew assoċjazzjoni li m'għandiex skop ta' qligħ li tkun stabbilita f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-UE tista' tissottometti proġetti taħt din is-sotto-Azzjoni.

## Kif tapplika?

Din is-sotto-Azzjoni hija mmexxija fuq livell deċentralizzat għal avvenimenti li jsiru fuq livell nazzjonali, u fuq livell ċentralizzat għal avvenimenti li jsiru fuq livell Ewropew. Għalhekk, għall-avvenimenti mmexxija fuq livell ċentralizzat, il-proposti jridu jiġu sottomessi direttament għand il-Kummissjoni Ewropea; għall-avvenimenti mmexxija fuq livell deċentralizzat, il-proposti jridu jiġu sottomessi direttament għand l-Aġenziji Nazzjonali. Għal aktar informazzjon, jekk jogħġbok ikkuntattja lid-DĠ Edukazzjoni u Kultura jew lill-Aġenzija Nazzjonali tiegħek.

## Kif tagħmel Seminar Transnazzjonli jew Nazzjonali taż-Żgħażagħ tajjeb?

### Esperjenza tat-tagħlim mhux formali

Il-proġett irid jikkontribwixxi għall-proċess edukattiv taż-żgħażagħ u jżid il-kuxjenza tagħhom mill-kuntest Ewropew/internazzjonali li jgħixu fih. Il-proġetti għandhom isegwu l-prinċipji ta' tagħlim mhux formali.

#### Il-Programm u l-metodi ta' ħidma

Fl-ippjanar ta' Seminar taż-Żgħażagħ, huwa essenzjali li jiġi stabbilit Programm dettaljat u strutturat ta' l-attivitajiet ta' kuljum. Il-Programm ta' kuljum u l-metodi ta' ħidma jridu jinvolvu lill-parteċipanti kemm jista' jkun possibbli u jikkawżaw proċess ta' tagħlim. Il-metodi jistgħu jinkludu sessjonijet plenarji u laqgħat ta' diskussjoni jew gruppi ta' ħidma, diskussjonijiet madwar mejda u preżentazzjonijiet, eċċ.
Iż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-preparazzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-valutazzjoni tal-proġett.

#### Il-ħarsien tat-tfal u s-sigurtà

Kull Seminar taż-Żgħażagħ irid jipprevedi superviżjoni xierqa ta' żgħażagħ biex ikunu żgurati l-ħarsien u s-sigurtà tagħhom kif ukoll it-tagħlim effettiv tagħhom.

#### Il-viżibbiltà

Is-Seminars taż-Żgħażagħ iridu jipprovdu valur promozzjonali miżjud ċar għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** u għar-riżultati tiegħu.

#### L-impatt

L-impatt ta' Seminar taż-Żgħażagħ m'għandux ikun biss limitat għall-parteċipanti fl-attività, imma jrid ikollu impatt fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali u jqajjem il-kuxjenza mid-djalogu strutturat. L-għan huwa li jsir l-aħjar użu tar-riżultati tal-proġett u biex jinkiseb impatt tul perjodu twil ta' żmien (valorizzazzjoni).

## Kif ikun iffinanzjat proġett?

L-għotja tal-Komunità hija bbażata fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt, li jfisser li l-ispejjeż totali ma jistgħux jiġu koperti biss miż-**Żgħażagħ Attivi**. Għalhekk huma meħtieġa kontribuzzjonijiet pubbliċi, privati u/jew tal-parteċipanti stess fi flus kontanti u/jew f'oġġetti.

L-għotja tal-Komunità hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispejjeż attwali u tista' tkopri sa 50% ta' l-ispejjeż totali direttament marbuta ma' l-organizzazzjoni tal-proġett sa massimu ta' €50,000.

## L-obbligi kuntrattwali

Ladarba s-Seminar taż-Żgħażagħ ġie approvat, ftehim ta' l-għotja (kuntratt) mal-benefiċjarju jirregola l-użu tal-fondi tal-Komunità. Il-benefiċjarju jimpenja ruħu li jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu u li jiġġustifika l-ispejjeż kollha tal-proġett attwalment magħmula. Il-benefiċjarju jrid jimplimenta l-proġett kif stabbilit fl-applikazzjoni u jiżgura l-valutazzjoni u s-segwitu tal-proġett.

Jistgħu jsiru żjajjar u verifiki tal-kontijiet fuq il-post biex jiġi verifikat li l-obbligi kuntrattwali kollha jitwettqu kif xieraq.

Jekk, matul il-proġett, xi ċirkustanzi imprevedibbli jfixklu l-implimentazzjoni tiegħu, il-benefiċjarju jrid jikkuntattja minnufih lill-Aġenzija Nazzjonali/Aġenzija Eżekuttiva tal-Kummissjoni biex jagħmel l-arranġamenti xierqa.

Nuqqas ta' suċċess fit-twettiq tal-proġett kif miftiehem jista' jwassal għar-rimborż ta' l-għotja sħiħa jew ta' parti minnha.

## Azzjoni 5.2 – L-appoġġ għal attivitajiet biex jinħoloq fehim u għarfien aħjar tal-qasam taż-żgħażagħ

### X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

*Din is-sotto-Azzjoni tippermetti li l-Kummissjoni tappoġġja proġetti speċifiċi għall-identifikazzjoni ta' għarfien eżistenti relatat mal-prijoritajiet għall-qasam taż-żgħażagħ stabbiliti taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni.*
*Tippermetti wkoll li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' metodi għall-analiżi u t-tqabbil tar-riżultati ta' l-istudji u li tiġi ggarantita l-kwalità tagħhom, u li jiġu żviluppati n-netwerks meħtieġa għal fehim aħjar taż-żgħażagħ.*

# Azzjoni 5.3 – Il-kooperazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali

## X'inhuma l-għanijiet u l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sotto-Azzjoni?

*Din is-sotto-Azzjoni tintuża biex tappoġġja l-kooperazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali li jaħdmu fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti jew l-istituzzjonijiet speċjalizzati tagħha.*

### Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa fil-qasam taż-żgħażagħ (Is-Sħubija)

*L-għan ġenerali tas-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa huwa li tipprovdi qafas għall-iżvilupp konġunt ta' kooperazzjoni u ta' strateġija koerenti fil-qasam taż-żgħażagħ.*

*L-attivitajiet fi ħdan il-qafas tas-Sħubija jiġu organizzati u mmexxija mis-Segretarjat tas-Sħubija li jirrapporta kemm lill-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea.*
*Is-Sħubija timplimenta firxa wiesgħa ta' attivitajiet, eż. konferenzi, laqgħat ta' diskussjoni, laqgħat, seminars u pubblikazzjoni f'oqsma bħaċ-Ċittadinanza Ewropea, il-kwalità u r-rikonoxximent tax-xogħol taż-żgħażagħ, il-fehim u l-għarfien aħjar taż-żgħażagħ, id-diversità kulturali jew l-iżvilupp tal-politika taż-żgħażagħ. Tmexxi* ċ-Ċentru Ewropew ta' l-Għarfien għall-Politika taż-Żgħażagħ (EKCYP), *database* ta' riċerka għall-politika taż-żgħażagħ ma' l-Ewropa kollha.

Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-Sħubija tista' tinkiseb mis-Segretarjat tas-Sħubija fi Strasbourg (ara l-lista ta' dettalji ta' kuntatt fl-Anness).

### Is-Sħubija mal-Voluntieri tan-Nazzjonijiet Uniti

Sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Voluntieri tan-Nazzjonijiet Uniti (UNV) tipprovdi l-kuntest għal kooperazzjoni fil-qasam ta' l-attivitajiet ta' volontarjat. Dan jinkludu, pereżempju, sforzi konġunti ta' difiża u Servizz Volontarju Ewropew konġunt, eċċ.

# H. Anness: Il-prijoritajiet annwali għall-2007

## 2007: Is-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal kulħadd

L-2007 se tkun is-sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqs għal kulħadd. F'dan il-qafas, matul din is-sena, se tingħata prijorità lil proġetti li jindirizzaw il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni minħabba sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità jew orjentazzjoni sesswali. Se tingħata enfażi speċjali lill-proġetti li jittrattaw id-diversi modi li bihom l-irġiel u n-nisa jkollhom esperjenza ta' diskriminazzjoni minn perspettiva ta' sess.

## It-titjib ta' saħħet iż-żgħażagħ

Fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-politiki Ewropej li jikkonċernaw iż-żgħażagħ: nindirizzaw it-tħassib taż-żgħażagħ fl-Ewropa – nimplimentaw il-Patt Ewropew taż-Żgħażagħ u nippromwovu ċittadinanza attiva" tat-30 ta' Mejju 2005, l-attivitajiet fiżiċi u l-imġiba b'saħħitha taż-żgħażagħ se tkun prijorità għaż-**Żgħażagħ Attivi** fl-2007.
Il-proġetti m'għandhomx ikunu avvenimenti jew kompetizzjonijiet sportivi, imma għandhom jużaw l-attivitajiet fiżiċi u ta' barra bħala għodda biex jintlaħqu l-għanijiet ġenerali tal-Programm.

## Id-djalogu strutturat

Il-proġetti ffinanzjati taħt l-Azzjoni 5.1 tal-Programm **Żgħażagħ Attivi** se jirriflettu l-prijoritajiet tad-djalogu strutturat:

Fl-2007: L-inklużjoni soċjali u d-diversità
Fl-2008: Id-djalogu interkulturali

# Glossarju

Ftit mit-termini użati huma speċifiċi għall-Programm **Żgħażagħ Attivi** jew għandhom tifsira speċifika f'termini Ewropej. Dawn li ġejjin huma ftit tifsiriet bażiċi ta' terminoloġija:

**L-Ewropa tal-Lvant u l-Kawkasu:** l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, Ġeorġja, il-Moldova, ir-Russja, l-Ukrajna.

**Il-pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE** – it-tliet pajjiżi li huma membri ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u taż-Żona Ekonomika Ewropea: il-Liechtenstein, in-Norveġja, u l-Iżlanda.

**ENGO** – organizzazzjoni Ewropea mhux governattiva stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u bi friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm.

**ENGYO** – organizzazzjoni Ewropea mhux governattiva taż-żgħażagħ stabbilita f'wieħed mill-Pajjiżi tal-Programm u bi friegħi membri f'mill-inqas tmien Pajjiżi tal-Programm.

**Eurodesk** – netwerk Ewropew ta' rilejs li jipprovdi informazzjoni rilevanti liż-żgħażagħ u lil dawk li jaħdmu magħhom dwar opportunitajiet Ewropej fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-oqsma taż-żgħażagħ, u l-involviment taż-żgħażagħ f'attivitajiet Ewropej: http://www.eurodesk.org.

**Euro-Med –** il-Programm Ewro-Mediterranju taż-Żgħażagħ, li jinvolvi l-Istati Membri ta' l-UE u Pajjiżi Mediterranji Msieħba.

**L-Aġenzija Eżekuttiva** – L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-Azzjonijiet ċentralizzati tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**. Din hija responsabbli għaċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja ta' dawn il-proġetti.

**Il-Pajjiżi Mediterranji Msieħba** – il-pajjiżi li m'humiex fl-UE li jinsabu fil-Baħar Mediterran jew fil-viċinanzi u li qed jieħdu sehem fil-Programm taż-Żgħażagħ ta' l-EuroMed.

**L-Istati Membri** – il-pajjiżi li huma membri ta' l-Unjoni Ewropea

**L-Aġenziji Nazzjonali** – strutturi stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali f'kull Pajjiż tal-Programm sabiex jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni u jieħdu r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-Programm **Żgħażagħ Attivi**.

**Il-Pajjiżi Msieħba Ġirien** – Il-Federazzjoni Russa u l-pajjiżi li jieħdu sehem fil-Politika Ewropea ta' Viċinat[24] u fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.

**Il-Pajjiżi Msieħba –** espressjoni li tidentifika l-pajjiżi kollha li jistgħu jkunu involuti fil-Programm, iżda li m'humiex 'Pajjiżi tal-Programm'.

**Il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni (jew kandidati)** – pajjiżi li applikaw għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea u jieħdu sehem għalkollox fl-azzjonijiet kollha wara li laħqu l-kundizzjonijiet maħsuba neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali..

**Il-Pajjiżi tal-Programm** – L-Istati Membri ta' l-UE, pajjiżi ta' l-EFTA/ŻEE u pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni. Dawn jistgħu jieħdu sehem b'mod sħiħ fl-azzjonijiet kollha (ara l-lista tal-pajjiżi fit-taqsima B.2).

**Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO** – SALTO tfisser "Support and Advanced Learning and Training Opportunities" (Appoġġ għal Opportunitajiet ta' Taħriġ u Tagħlim Avvanzat). Dawn huma strutturi stabbiliti

[24] Billi ffirmaw ftehimiet mal-Komunità Ewropea rilevanti għall-qasam taż-żgħażagħ.

fi ħdan il-Programm **Żgħażagħ Attivi** sabiex jipprovdu taħriġ u informazzjoni għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u għall-Aġenziji Nazzjonali: http://www.salto-youth.net/.

**Is-Sħubija** – is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa tħeġġeġ iċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażagħ billi tagħti spinta lit-taħriġ u l-attivitajiet ta' riċerka f'dan il-qasam: http://www.training-youth-partnership.net/.

* * *

# Lista tad-dettalji ta' kuntatt


**EUROPEAN COMMISSION**

Directorate-General for Education and Culture
**(DG EAC)**
**Unit D2: Youth Programmes**
**Unit D1: Youth policies**
B – 1049 Brussels

Tel: +32 2 299 11 11
Fax: +32 2 295 76 33

*E-mail:* eac-youthinaction@ec.europa.eu
Websajt: http://ec.europa.eu/youth/index_en.html

---

Education, Audiovisual, and Culture Executive Agency
**Youth Department**
Rue Colonel Bourg 139
B-1140 Brussels

Tel: **+32 2 29 97824**
Fax: **+32 2 29 21330**

E-mail: youth@ec.europa.eu
Websajt: http://eacea.cec.eu.int


**Il-portal Ewropew taż-Żgħażagħ**
Portal dinamiku u interattiv f'20 lingwa għaż-żgħażagħ

**http://europa.eu/youth/**

# L-Aġenziji Nazzjonali fil-Pajjiżi tal-Programm

**BĂLGARIJA**[25]
Youth Programme
Ministry of Youth and Sports
75 Vassil Levski Blvd.
BG – 1040 Sofia
Tel: (359-2) 981 75 77
Fax: (359-2) 981 83 60
E-mail: youth@mms.government.bg
Website: http://www.youthprog.bg

**BELGIQUE**[25]
Communauté française
Bureau International Jeunesse (BIJ)
Rue du commerce, 20-22
B – 1000 Bruxelles
Tel: (32) 02 227 52 57
Fax: (32) 02 218 81 08
E-mail: bij@cfwb.be, jpe@cfwb.be
Website: http://www.lebij.be

**BELGIE**
Vlaamse Gemeenschap
JINT v.z.w.
Grétrystraat 26
B – 1000 Brussel
Tel: (32) 02 209 07 20
Fax: (32) 02 209 07 49
E-mail: jint@jint.be
Website: http://www.jint.be

**BELGIEN**[25]
Deutschschprachige Gemeinschaft
Jugendbüro der Deutschsprachigen Gemeinschaft
Quartum Center, Hütte 79/16
B-4700 Eupen
Tel: (32) 87 56 09 79
Fax: (32) 87 56 09 44
E-mail: info@jugendbuero.be
Website: http://www.jugendbuero.be

**ČESKÁ REPUBLIKA**[25]
Česká národní agentura "Mládež"
Czeck National Agency Youth
Na Poříčí 12
CZ – 11530 Praha 1
Tel: (420) 2 248 722 80/3
Fax: (420) 2 248 722 80
E-mail: youth@youth.cz
Website: http://www.youth.cz

**DEUTSCHLAND**[25]
JUGEND für Europa
Deutsches Agentur für das EU-Aktionsprogramm JUGEND IN AKTION
Godesberger Allee 142-148
D-53175 Bonn
Tel: (49 228) 950 62 20
Fax: (49 228) 950 62 22
E-mail: jfe@jfemail.de
Website: http://www.webforum-jugend.de

**EESTI**
Foundation Archimedes Estonian National Agency for YOUTH Programme
Koidula 13A, 5th floor
EE - 10125 Tallinn
Tel: (372) 697 92 36
Fax: (372) 697 92 26
E-mail: noored@noored.ee
Website: http://euroopa.noored.ee

**ELLAS**
General Secretariat for Youth
Hellenic National Agency
417 Acharnon Street
GR - 11 143 Athens
Tel: (30) 210 259 94 02
Fax: (30) 210 253 18 79
E-mail: youth@neagenia.gr
Website: http://www.neagenia.gr

**ESPAÑA**[25]
Instituto de la Juventud
c/ José Ortega y Gasset 71
E – 28006 Madrid
Tel: (34 91) 363 77 40
Fax: (34 91) 363 76 87
E-mail: eurespal@mtas.es, sve@mtas.es
Website: http://www.mtas.es/injuve

**FRANCE**
Agence Française du Programme européen Jeunesse en Action- AFPEJA - INJEP
11 rue Paul Leplat
F – 78160 Marly-le-Roi
Tel: (33) 1 39 17 27 70
Fax: (33) 1 39 17 27 57 / 90
E-mail: pej@injep.fr,
Website: http://www.afpeja.fr

[25] Trid tinħatar l-Aġenzija attwali għall-Programm YOUTH, l-Aġenzija għall-Programm Żgħażagħ Attivi.

**DANMARK**
CIRIUS - Youth Unit
Fiolstræde 44
DK – 1171 Kobenhavn K
Tel: (45) 33 95 70 00
Fax: (45) 33 95 70 01
E-mail: cirius@ciriusmail.dk
Website: http://www.ciriusonline.dk

**IRELAND-EIRE**
LEARGAS - The Exchange Bureau
Youth Work Service
189-193 Parnell Street
IRL – Dublin 1
Tel: (353 1) 873 14 11
Fax: (353 1) 873 13 16
E-mail: youth@leargas.ie
Website: http://www.leargas.ie/youth

**ISLAND**
Evrópa unga fólksins
Laugavegur 170-172 Reykjavik 105
Phone +354-551-9300
Fax +354-551-9393
E-mail: euf@euf.is
Website: www.euf.is

**LUXEMBOURG**[25]
Service National de la Jeunesse
Agence Nationale du programme communautaire Jeunesse
26, place de la Gare
L – 1616 Luxembourg
Tel: (352) 478 64 76
Fax: (352) 26 48 31 89
E-mail: jeunesse-europe@snj.etat.lu
Website: http://www.snj.lu/europe

**ITALIA**[25]
Ministero del Lavoro e delle Politiche Sociali -
Dipartimento delle Politiche Sociali e Previdenziali –
Direzione Generale per il volontariato, associazionismo sociale e le politiche giovanili
Agenzia Nazionale Italiana Gioventù
Via Fornovo 8 – Pal. A
I – 00192 Roma
Tel: (39) 06 36 75 44 33
Fax: (39) 06 36 75 45 27
E-mail: agenzia@gioventu.it,
Info@gioventu.it
Website: http://www.gioventu.it

**MAGYARORSZÁG**
FSZH - Mobilitás Országos Ifjúsági Szolgálat
1089 Budapest Kálvária tér 7
Tel: +36 1 374 90 60
Fax: +36 1 374 90 70
E-mail: nemzetkozi @mobilitas.hu
Website: www.mobilitas.hu

**KYPROS**
Neolaia yia tin Evropi
Cyprus Youth National Agency
62 Aglantzia Ave.
2108 Aglantzia
Cyprus
Tel: (357) 22 45 24 75
Fax: (357) 22 45 24 76
E-mail: youth@cytanet.com.cy

**MALTA**[25]
Malta Youth National Agency
European Union Programmes Unit – Room 215
c/o Ministry of Education – Old Mint Street, 36
MT-Valletta VLT12
Tel: (356) 21 255 663/ 255 087
Fax: (356) 21 231 589
E-mail: youth.eupu@gov.mt
Website : www.youthmalta.org

**LATVIJA**[25]
Agency For International Programs For Youth
Jaunatne Eiropai
Merkela 11- 531
LV – 1050 Riga
Tel: (371) 735 80 65
Fax: (371) 735 80 60
E-mail: yfe@latnet.lv
Website: http://www.jaunatne.gov.lv

**NEDERLAND**
Netherlands Youth Institute
P.O. Box 19211
NL - 3501 DE Utrecht
Tel: (31) 30 230 65 50
Fax: (31) 30 230 65 40
E-mail: europa@nji.nl
Website: www.programmajeugd.nl

**LIECHTENSTEIN**[25]
'aha' Tipps und Infos für Junge Leute
Bahnhof, Postfach 356
FL – 9494 Schaan
Tel: (423) 232 48 24
Fax: (423) 232 93 63
E-mail: aha@aha.li
Website: http://www.aha.li

**NORGE**[25]
BUFDIR (Barne-, ungdoms og familiedirektoratet)
Universitetsgata 7
Postboks 8113 Dep
N – 0032 Oslo
Tel: (47) 24 04 40 00
Fax: (47) 24 04 40 01
E-mail: post@bufdir.no
Website: http://www.ungieuropa.no

**LIETUVA**[25]
Jaunimo tarptautinio bendradarbiavimo agentūra
Agency of International Youth Cooperation
Pylimo, 9-7
LI –0118Vilnius
Tel: (370) 5 2 497 004/003
Fax: (370) 5 2 497 005
E-mail: jaunimas@jtba.lt
Website: http://www.jtba.lt

**ÖSTERREICH**
Interkulturelles Zentrum
Bacherplatz 10
A-1050 Wien
Tel.:0043/1/586 75 44 -16
Fax:0043/1/586 75 44 -9
Mail: iz@iz.or.at
Website: www.jugendinaktion.at
<http://www.jugendinaktion.at/>

**POLSKA**
Narodowa Agencja Programu MLODZIEZ
Ul. Mokotowska 43, IV p.
PL – 00 551 Warsaw
Tel: (48 22) 622 37 06 / 628 60 14
Fax: (48 22) 622 37 08 / 628 60 17
E-mail: youth@youth.org.pl
Website: http://www.youth.org.pl

**SUOMI – FINLAND**[25]
Centre for International Mobility (CIMO)
Hakaniemenkatu 2
PO BOX 343
FIN – 00531 Helsinki
Tel: (358 9) 77 47 73 05
Fax: (358 9) 77 47 70 64
E-mail: cimoinfo@cimo.fi
Website: http://www.cimo.fi

**PORTUGAL**[25]
Agência Nacional para o Programa
JUVENTUDE – IPJ
Avenida da Liberdade 194-6°
P – 1269-051 Lisboa
Tel: (351) 21 317 94 04
Fax: (351) 21 317 93 99
E-mail: juventude@ipj.pt
Website: www.programajuventude.pt

**ROMANIA**
National Agency for Community Programmes in the Field of Education and Vocational Training
133, Calea Serban Voda, 3rd Floor, 4th District
RO-040205 Bucharest
Tel : +4021 20 10 700
Fax :
E-mail agentie@anpcdefp.ro
Website http://www.anpcdefp.ro

**SVERIGE**[25]
Ungdomsstyrelsen
Magnus Ladulasgatan 63A
Box 17 801
SE– 118 94 Stockholm
Tél.: +46-8-566.219.00
Fax: +46-8-566.219.98
E-mail: info@ungdomsstyrelsen.se
Website: http://www.ungdomsstyrelsen.se

**SLOVENIJA**[25]
Movit Na Mladina
Dunajska, 22
SI - 1000 Ljubljana
Tel: (386) 1 430.47.47
Fax: (386) 1 430.47.49
E-mail: program.mladina@mladina.movit.si
Website: http://www.mladina.movit.si

**SLOVENSKA REPUBLIKA**[25]
IUVENTA
Narodna kancelaria MLADEZ / National Agency YOUTH
Búdková cesta 2
SK – 811 04 Bratislava
Tel: (421) 2 592 96 301
Fax: (421) 2 544 11 421
E-mail: nkmladez@iuventa.sk
Website: http://www.iuventa.sk

**TÛRKIYE**
Centre for EU Education and Youth programmes
Youth Department
Hüseyin Rahmi Sokak No.2
Çankaya
TR-06680 Ankara
Tel. (90-312) 409 61 31
Fax (90-312) 409 60 09
E-mail: baskanlik@ua.gov.tr
Website: www.ua.gov.tr

**UNITED KINGDOM**[25]
Connect Youth
Education and Training Group
The British Council
10, Spring Gardens
London SW1A 2BN
United Kingdom
Tel. (44) 20 73 89 40 30
Fax (44) 20 73 89 40 33
E-mail: connectyouth.enquiries@britishcouncil.org
Website: http://www.britishcouncil.org/connectyouth.htm

# Iċ-Ċentri ta' Riżorsi SALTO

**SALTO TRAINING AND COOPERATION RESOURCE CENTRE**
c/o JUGEND für Europa- Deutsche Agentur für das EU-Programm JUGEND IN AKTION
Godesberger Allee 142-148
D - 53175 BONN
Tél.: +49-228-950.62.71
Fax: +49-228-950.62.22
E-mail: trainingandcooperation@salto-youth.net
Websajt : http://www.salto-youth.net/trainingandcooperation

**SALTO SOUTH EAST EUROPE RESOURCE CENTRE - SLOVENIA**
MOVIT NA MLADINA
Dunajska, 22
SI - 1000 Ljubljana
Tél.: +386-1-430.47.47
Fax: +386-1-430.47.49
E-mail: see@salto-youth.net
Websajt: http://www.salto-youth.net/see/

**SALTO INCLUSION RESOURCE CENTRE**
JINT v.z.w.
Grétrystraat 26
B - 1000 Brussel
Tél.: +32-2-209.07.20
Fax: +32-2-209.07.49
E-mail: inclusion@salto-youth.net
Websajt : http://www.salto-youth.net/inclusion/

**SALTO EASTERN EUROPE & CAUCASUS RESOURCE CENTRE - POLAND**
Polish National Agency of the Youth Programme
Foundation for the development of the Education system
Ul. Mokotowska 43.
PL - 00-551 Warsawa
Tél.: +48-22-622.37.06 / +48-22-628.60.14
Fax: +48-22-622.37.08/ +48-22-621.62.67
E-mail: eeca@salto-youth.net
Websajt: http://www.salto-youth.net/eeca/

**SALTO CULTURAL DIVERSITY RESOURCE CENTRE – UNITED KINGDOM**
Connect Youth International
The British Council
10, Spring Gardens
UK – SW1A 2BN London
Tél.: +44-(0)-20.7389.40.28
Fax: +44-(0)-20.7389.40.30
E-mail: diversity@salto-youth.net
Websajt: http://www.salto-youth.net/diversity/

**SALTO PARTICIPATION RESOURCE CENTRE**
Bureau International de la Jeunesse (BIJ)
Rue du commerce, 20-22
B - 1000 Bruxelles
Tél.: +32-2-227.52.82
Fax: +32-2-548.38.89
E-mail: participation@salto-youth.net
Websajt : http://www.salto-youth.net/participation

**SALTO INFORMATION RESOURCE CENTRE -**
Ungdomsstyrelsen/National Board for Youth Affairs
Magnus Ladulasgatan 63A
Box 17 801
SE– 118 94 Stockholm
Tél.: +46-8-566.219.00
Fax: +46-8-566.219.98

**SALTO EUROMED RESOURCE CENTRE**
INJEP – Programme Jeunesse
Parc du Val Flory - 11 rue Paul Leplat
F - 78160 Marly-le-Roi
Tél.: +33-1-.39.17 -2594/-2600/-2755
Fax: +33-1-39.17.27. 57
E-mail: euromed@salto-youth.net
Website : http://www.salto-youth.net/euromed/

**u**

Mobilitás International Directorate
Amerikai út 96
H - 1145 Budapest
Tél.: +36-1-273.42.93/273.42.95
Fax: +36-1-273.42.96
E-mail: irc@salto-youth.net
Websajt : http://www.salto-youth.net/IRC/

# II-Eurodesk

**AUSTRIA**[26]
ARGE Österreichische Jugendinfos
Lilienbrunngasse 18/2/41
A – 1020 Wien
Tél.: +43.699 120.05.183
Fax: +43.1.216.48.44 / 55
E-mail: info@jugendinfo.cc
Website : http://www.jugendinfo.cc

**BELGIQUE**[26]
Bureau International Jeunesse (B.I.J.)
Rue du commerce, 20-22
B - 1000 Bruxelles
Tél.: +32-2-227.52.88
Fax: +32-2-218.81.08
E-mail:
Website: http://www.lebij.be

**BELGIE**[26]
JINT v.z.w.
Grétrystraat 26
B - 1000 Brussel
Tél.: +32-2-209.07.20
Fax: +32-2-209.07.49
E-mail: jint@jint.be
Website : http://www.jint.be

**BELGIEN**[26]
JIZ St. Vith - Jugendinformationszentrum
Hauptstrasse 82
B-4780 St.Vith
Tél.: +32-80-221.567
Fax: +32-80-221.566
E-mail: jiz@rdj.be
Website : http://www.rdj.be/jiz

**BULGARIA**[26]
Eurodesk Bulgaria
75 Vassil Levski bvld
BG - 1040 Sofia
Tél.: +359 2 981 75 77
Fax: +359 2 981 83 60
E-mail: eurodesk@youthdep.bg

**ESTONIA**[26]
European Movement in Estonia
Estonia pst. 5
EE - 10 143 Tallinn
Tél.: +372 693 5235
Fax: +372 6 935 202
E-mail: eurodesk@eurodesk.ee
Website : http://www.eurodesk.ee
http://www.euroopaliikumine.ee

**FRANCE**[26]
CIDJ
101 quai Branly
F - 75015 Paris
Tél.: +33 1 44 49 13 20
+33 6 84 81 84 51
Fax: +33 1 40 65 02 61
E-mail:eurodesk@cidj.com
Website : http://www.cidj.com

**HUNGARY**[26]
Mobilitas Informacios Szolgalat /
Mobilitas Information Service
Zivatar U. 1-3.
H-1024 Budapest
Tél.: +36-1-438.10.52
Fax: +36-1-438.10.55
E-mail: hungary@eurodesk.org
Website : http://www.mobilitas.hu
http:// www.eurodesk.hu

**ICELAND**[26]
Gamla apótekið
Hafnarstræti 18
IS- 400 Isafjordur
Tél.: +354 450.80.05
Fax: +354 450.80.08
E-mail: eurodeskis@eurodesk.org
Website : http://www.isafjordur.is

**IRELAND**[26]
Léargas – The Exchange Bureau
Youth Work Service
189-193 Parnell Street
IRL – Dublin 1
Tél.: +353-1-873.14.11
Fax: +353-1-873.13.16
E-mail: eurodesk@leargas.ie
Website : http://www.leargas.ie/eurodesk

**NEDERLAND**[26]
Netherlands Youth Institute
P.O. Box 19211
NL - 3501 DE Utrecht
Tél.: +31-30-230.65.30
Fax: +31-30-230.65.40
E-mail: eurodesknl@nji.nl
Website :
http://www.programmajeugd.nl
http://www.nizw.nl

**NORGE**[26]
Eurodesk Norway
BUFDIR - Barne-, undgoms- og familiedirektoratet
Universitetsgaten 7, 6th floor
P.O.Box 8113 Dep.
N – 0032 Oslo
Tél.: +47.24.04 40 20
Fax: +47.24 04 40 01
E-mail: eurodesk@bufdir.no
Website : http://www.eurodesk.no

**POLAND**[26]
Polish National Agency of the Youth Programme
Foundation for the development of the Education system
Ul. Mokotowska 43.
PL - 00-551 Warsawa
Tél.: +48-22-622.37.06
Fax: +48-22-622.37.08
E-mail: eurodesk@eurodesk.pl
Website: http://ww.eurodesk.pl

**PORTUGAL**[26]
RNIJ Central – Departamento de Informação aos Jovens
Avenida da Liberdade 194 R/c
P – 1269-051 Lisboa
Tél.: +351.21.317.92.35/6
Fax: +351.21.317.92.19
E-mail: ipj@ipj.pt
Website : http://www.ipj.pt

**SLOVAK REPUBLIK**[26]
IUVENTA – Národná kancelária MLÁDEZ
Búdková cesta 2.
SK - 811 04 Bratislava
Tél.: +421-2-592 96 300
Fax: +421-2-544 11 421
E-mail: eurodesk@iuventa.sk
Website : http://www.iuventa.sk

---

[26] L-Aġenzija attwali għall-Programm YOUTH, l-Aġenzija għall-Programm Żgħażagħ Attivi għadu jrid jiġi ddesinjat

**CZECH REPUBLIC**[26]
EURODESK
CNA YOUTH / NIDM MSMT
Na Porici 12
CZ - 115 30 Praha 1
Tel./fax: +420 224 872 886
E-mail: eurodesk@youth.cz
Website: www.eurodesk.cz

**DENMARK**[26]
CIRIUS
Fiolstræde 44
DK – 1171 Copenhagen K
Tél.: +45-33-95 70 17
Fax: +45-33-95 70 01
E-mail: eurodesk@ciriusmail.dk
Website : http://www.udiverden.dk

**DEUTSCHLAND**[26]
Eurodesk Deutschland
c/o IJAB e. V.
Godesberger Allee 142-148
D - 53175 BONN
Tél.: +49 228 9506 250
Fax: +49 228 9506 199
E-mail: eurodeskde@eurodesk.org
Website : http://www.eurodesk.de

**ELLAS**[26]
General Secretariat for Youth
Hellenic National Agency
417 Acharnon Street
GR - 11 1 43 Athens
Tél.: +30.210.259.9300/ 94.21
Fax: +30.210.253.1879
E-mail: eurodesk@neagenia.gr
Website: http://www.neagenia.gr

**ESPAÑA**[26]
Eurodesk Spain
Instituto de la Juventud
c/ José Ortega y Gasset, 71
E – 28006 Madrid
Tél.: +34 91 363.76.05
Fax: +34 91 309.30.66
E-mail: Eurodesk@mtas.es
Website : http://www.mtas.es/injuve

**ITALIA**[26]
Coordinamento Nazionale
Eurodesk Italy
Via 29 Novembre,49
I - 09123 Cagliari
Tél.: + 39 070 68 4064
N° Verde: 800-257330
Fax: +39 070 68 3283
E-mail: Informazioni@eurodesk.it
Website : http://www.eurodesk.it

**LATVIA**[26]
Eurodesk Latvija
Merkela St. 11, room 533
LV - 1050 Riga , Latvia
Tél.: +371-722.18.75
Fax: +371-722.22.36
E-mail: ansis@eurodesk.org
Website : http://www.yfe.lv/eurodesk

**LIECHTENSTEIN**[26]
Aha - Tipps und infos für Junge Leute
Eurodesk Liechtenstein
Bahnhof, Postfach 356
FL - 9494 Schaan
Tél.: +423-232.48.24
Fax: +423.232.93.63
E-mail: eurodesk@aha.li
Website : http://www.aha.li

**LITHUANIA**[26]
Council of Lithuanian Youth
Organisations
Didzioji 8-5
LT – 01128 Vilnius
Tél.: +370 5 2791014
Fax: +370 5 2791280
E-mail: eurodesk@eurodesk.lt
Website : http://www.eurodesk.lt

**LUXEMBOURG**[26]
Centre Information Jeunes
Galerie Kons
26, place de la Gare
L – 1616 Luxembourg
Tél.: +352 26293219
Fax: +352 26 29 3215
Website : http://www.youthnet.lu
http://www.cij.lu

**SLOVENIA**[26]
National Agency of Youth Programme
MOVIT NA MLADINA
Dunajska cesta 22
SI - 1000 Ljubljana
Tél.: +386-1-430.47.48
Fax: +386-1-430.47.49
E-mail: eurodesk@mladina.movit.si
Website :
http://www.mladina.movit.si/eurodesk

**SUOMI – FINLAND**[26]
Centre for International Mobility (CIMO)
EU Youth Programme / Eurodesk
Hakaniemenkatu 2,
PO BOX 343
FIN – 00531 Helsinki
Tél.: +358-9-7747.76.64
Fax: +358-9-7747.70.64
E-mail: eurodesk@cimo.fi
Website : http://www.cimo.fi
http://www.maailmalle.net

**SVERIGE**[26]
Centrum för Internationellt
Ungdomsutbyte
Ludvigsbergsgatan 22
S - 118 23 Stockholm
Tél.: +46-8-440.87.85
Fax: +46-8-20.35.30
E-mail: eurodesk@ciu.org
Website: http://www.ciu.org

**UNITED KINGDOM**[26]
YouthLink Scotland
Rosebery House
9 Haymarket Terrace
UK - Edinburgh EH12 5EZ
Tél.: +44-(0)-131-313.24.88
Fax: +44-(0)-131-313.68.00
E-mail : eurodesk@youthlink.co.uk
Website: http://www.youthlink.co.uk

# Is-Sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**Il-Politiki taż-Żgħażagħ**

B-1049 Brussell – Il-Belgju

Tel: (32) 2 299 11 11

Websajt : http://ec.europa.eu/youth

**Il-Kunsill ta' l-Ewropa**
**Id-Direttorat taż-Żgħażagħ u ta' l-Isport**
**"Is-Sħubija"**

30 Rue de Coubertin
F – 67000 Strasbourg Cedex

Tel: + 33 3 88 41 23 00
Fax: + 33 3 88 41 27 77/78

Websajt : www.coe.int/youth

Email: youth@coe.int

Websajts:

Il-portal tas-Sħubija: www.youth-partnership.net
Il-websajt tas-Sħubija tat-Taħriġ: http://www.training-youth.net
Iċ-Ċentru Ewropew ta' l-Għarfien: www.youth-knowledge.net